

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 422



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 58

17 ta' Diċembru 2015

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Awdituri

2015/C 422/01	Sommarju tar-riżultati mill-awditu annwali tal-Qorti fir-rigward tal-Impriżi Konġunti Ewropej għar-Riċerka għas-sena 2014	1
2015/C 422/02	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Artemis għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sas-26 ta' Ġunju 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta	9
2015/C 422/03	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta	17
2015/C 422/04	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ENIAC għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sas-26 ta' Ġunju 2014, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta	25
2015/C 422/05	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta	33
2015/C 422/06	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta	51
2015/C 422/07	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta	61
2015/C 422/08	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta	70
2015/C 422/09	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ECSEL għall-perjodu mis-27 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta	80

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Sommarju tar-riżultati mill-awditu annwali tal-Qorti fir-rigward tal-Impriżi Konġunti Ewropej għar-Riċerka għas-sena 2014

(2015/C 422/01)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1-7	2
Informazzjoni li tappoġġa l-opinjoni tal-Qorti	8-11	3
Riżultati tal-awditjar	12-24	3
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	12	3
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	13-15	3
Osservazzjonijiet dwar il-kontribuzzjoni mill-UE għall-ispejjeż tal-proġett ITER	16	4
Kummenti li ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti	17-22	4
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	18	4
Kontrolli interni	19-20	5
Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti	21	5
It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni	22	5
Konklużjonijiet	23-24	5
ANNEX I – Introjtu (Baġits imbassra tal-introjtu, drittijiet stabbiliti u ammonti riċevuti) u Tabelli tal-persunal tal-Impriżi Konġunti		6
ANNEX II – Kummenti li saru mill-Qorti fl-2014		8

INTRODUZZJONI

1. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti awditjat il-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati għal tmien Impriżi Konġunti Ewropej għar-Riċerka (Impriżi Konġunti) ⁽¹⁾:

- Fużjoni għall-Enerġija – F4E (ITER) – Żvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni;
- Clean Sky – Teknoloġiji Nodfa għat-Trasport bl-Ajru;
- ARTEMIS – Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter ⁽²⁾;
- IMI – Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi;
- ENIAC – Nanoelettronika ⁽³⁾;
- FCH – Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu;
- SESAR – Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew u
- ECSEL – Komponenti u Sistemi elettroniċi ⁽⁴⁾.

2. Minbarra l-Unjoni Ewropea (rappreżentata mill-Kummissjoni), membri tal-Impriżi Konġunti jistgħu jinkludu diversi sħab pubbliċi u privati li jaġhmlu kontribuzzjonijiet għall-finanzjament tal-attivitajiet imwettqa mill-Impriżi Konġunti. L-Impriżi Konġunti jseguw jew mudell bipartitiku bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Industrija, jew inkella mudell tripartitiku bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri wkoll ⁽⁵⁾. L-Impriżi Konġunti għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-politika tar-riċerka f'oqsma speċifiċi.

3. Bħal fis-snin preċedenti, il-Qorti awditjat il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Madankollu, l-2014 hija l-ewwel sena li fiha l-kontijiet annwali ta' żewġ Impriżi Konġunti (Fużjoni għall-Enerġija – F4E (ITER) u SESAR) ġew ivverifikati minn awditur indipendenti estern (ditta tal-awditjar) skont l-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE u l-Artikolu 107(1) tar-Regolament finanzjarju qafas il-ġdid għall-aġenziji u korpi oħra. L-opinjoni tal-Qorti dwar dawn il-kontijiet qieset ix-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-awditur indipendenti estern u l-azzjoni li ttieħdet b'rispons għas-sejbiet tal-awditur. Għal Impriżi Konġunti oħra, il-Qorti wettqet ix-xogħol tal-awditjar proprju tagħha fuq il-kontijiet annwali.

4. Dan is-sommarju jipprovdni ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditi annwali tal-Qorti fir-rigward tal-Impriżi Konġunti għas-sena finanzjarja 2014. Huwa għandu l-għan li jiffaċilita l-analiżi u t-tqabbil tar-rapporti speċifiċi tal-Qorti dwar il-kontijiet annwali tal-Impriżi Konġunti għas-sena 2014. L-opinjoni u l-kummenti tal-Qorti kif ukoll ir-risposti tal-Impriżi Konġunti jistgħu jinstabu fir-rapporti annwali speċifiċi li ġew ippubblikati. Dan is-sommarju mhuwiex rapport jew opinjoni tal-awditjar.

5. It-total tal-introjtu mbassar ibbaġitjat tal-Impriżi Konġunti għall-2014 ⁽⁶⁾ ammonta għal EUR 1,9 biljun (2013: EUR 2,2 biljun) jew 1,6 % tal-baġit ġenerali 2014 tal-UE (2013: 1,7 %). Mill-ammonti riċevuti, EUR 1 224 miljun (2013: EUR 686 miljun) ġew mill-baġit ġenerali tal-UE u EUR 204 miljun (2013: EUR 134 miljun) ġew mis-sħab industrijali u mill-membri tal-Impriżi Konġunti. Iż-żieda fil-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Ospitanti tal-ITER għall-F4E fl-2014 tispjega l-biċċa l-kbira miż-żieda nnotata fl-ammonti riċevuti.

⁽¹⁾ Fl-2014 inħolqu żewġ Impriżi Konġunti: l-Impriża Konġunta BBI (Industrija b'Bażi Bijoloġika) u l-Impriża Konġunta Shift2Rail. Billi dawn l-Impriżi Konġunti ma kisbux l-awtonomija finanzjarja tagħhom mill-Kummissjoni fl-2014, il-Qorti ma awditjatx il-kontijiet annwali tagħhom.

⁽²⁾ Fis-27 ta' Ġunju 2014, l-ARTEMIS ingħaqdet mal-Impriża Konġunta ENIAC biex inħolqot l-Impriża Konġunta ECSEL. B'konsegwenza tal-fużjoni, l-awditu tal-Qorti jkopri l-perjodu finanzjarju tal-Impriża Konġunta ARTEMIS mill-1 ta' Jannar sas-26 ta' Ġunju 2014.

⁽³⁾ Fis-27 ta' Ġunju 2014, l-ENIAC ingħaqdet mal-Impriża Konġunta ARTEMIS biex inħolqot l-Impriża Konġunta ECSEL. B'konsegwenza tal-fużjoni, l-awditu tal-Qorti jkopri l-perjodu finanzjarju tal-Impriża Konġunta ENIAC mill-1 ta' Jannar sas-26 ta' Ġunju 2014.

⁽⁴⁾ L-Impriża Konġunta ECSEL tissostitwixxi u hija s-suċċessur tal-Impriżi Konġunti ENIAC u ARTEMIS, li nqasgħalqu uffiċjalment b'effett fis-26 ta' Ġunju 2014. Għaldaqstant, l-awditu tal-Qorti jkopri l-perjodu finanzjarju tal-Impriża Konġunta ECSEL mis-27 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2014.

⁽⁵⁾ L-Impriżi Konġunti bipartitiċi huma l-Clean Sky, l-IMI, l-FCH u s-SESAR. L-Impriżi Konġunti tripartitiċi huma l-ARTEMIS, l-ENIAC u l-ECSEL. Fir-rigward tal-Fużjoni għall-Enerġija-F4E (ITER), il-membri huma l-Euratom, irrapreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-Euratom u pajjiżi oħra li kkonkludew ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata u li esprimew ix-xewqa tagħhom li jsiru membri (fil-31 ta' Diċembru 2014: l-Iżvizzera).

⁽⁶⁾ Il-baġit imbassar tal-introjtu jirrapreżenta approprijazzjonijiet ta' impenn (baġit finali).

6. L-Impriża Konġunta timpjega 432 (2013: 414) uffiċjal permanenti u temporanju, li huwa inqas minn 1 % tat-total tal-uffiċjali tal-UE awtorizzati taħt il-baġit ġenerali tal-UE (ara l-*Annex I* għad-dettalji).

7. Filwaqt li r-riskju finanzjarju relatat mal-Impriża Konġunti huwa limitat meta mqabbel mal-baġit totali tal-UE, ir-riskju reputazzjonali għall-Unjoni huwa għoli: huma għodda ewlenija għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tar-riċerka tal-UE, u n-natura tagħhom ta' sħubija pubblika-privata tagħmilhom viżibbli ħafna fost l-industriji li magħhom huma qed jikkooperaw.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA L-OPINJONIJET TAL-QORTI

8. Rigward iż-żewġ Impriżi Konġunti awditjati minn awditur indipendenti estern, il-Qorti eżaminat ix-xogħol tad-ditti tal-awditjar skont standards internazzjonali tal-awditjar. Meta ffurmat l-opinjoni tagħha dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet espressa fir-Rapporti Annwali Speċifiċi (RAS), il-Qorti ħadet inkunsiderazzjoni ix-xogħol tad-ditti tal-awditjar.

9. Hemm aċċertament adegwat biex il-Qorti tibbaża l-opinjoni tal-awditjar proprji tagħha fuq l-affidabbiltà tal-kontijiet bl-użu tax-xogħol tad-ditti privati tal-awditjar.

10. Rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, li għalihom il-Qorti tibqa' esklussivament responsabbli, l-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jikkonsisti fi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment u tar-Rapporti Annwali tal-Attività. Fl-2014, l-awditu kompli jagħmel enfasi speċjali fuq awditi *ex post*.

11. Għas-sitt Impriżi Konġunti li jifdal, il-Qorti kompliet twettaq l-awditu kemm tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi kif ukoll tal-affidabbiltà tal-kontijiet.

RIŻULTATI TAL-AWDITJAR

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

12. Il-kontijiet finali tal-Impriżi Konġunti kollha jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flussi tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Finanzjarji applikabbli u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

13. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha għal ħamsa (l-F4E, il-Clean Sky, l-FCH, l-IMI u s-SESAR) mit-tmien Impriżi Konġunti.

14. Fir-rigward tal-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC, l-awditu tal-klejms għall-ispejjeż tal-proġetti ġie delegat lill-awtoritajiet ta' finanzjament nazzjonali (NFAs), taħt il-ftehimiet amministrattivi fis-seħħ. L-ARTEMIS u l-ENIAC irċevew rapporti tal-awditjar mill-NFAs iżda ma vvalutawx sistematikament il-kwalità ta' dawn l-awditi. Il-Qorti wettqet valutazzjoni tal-istrateġiji tal-awditjar, inklużi r-rapporti tal-awditjar, ta' tliet NFAs. Il-metodoloġiji użati ma ppermettewx li l-Impriżi

Konġunti jikkalkolaw rata ta' żball ipponderata jew rata tal-iżball residwu li huma affidabbli. B'konsegwenza ta' dan, il-Qorti kkonkludiet li l-informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġiji tal-awditjar *ex post* tal-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC mhijiex suffiċjenti biex tintlaħaq konklużjoni dwar jekk din l-għodda ta' kontroll ewlieni hijiex qed tiffunzjona b'mod effettiv ⁽⁷⁾, u l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata ⁽⁸⁾.

15. L-Impriża Konġunta ECSEL ħadet f'idejha l-proġetti tal-Impriżi konġunti ARTEMIS u ENIAC. Il-ftehimiet amministrattivi konklużi mill-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC mal-NFAs tal-Istat Membru jkomplu japplikaw wara l-fużjoni fl-Impriża Konġunta ECSEL ⁽⁹⁾. B'riżultat tas-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 14 hawn fuq, il-Qorti ħarġet ukoll opinjoni kwalifikata għall-ECSEL dwar proġetti li tnedu mill-ARTEMIS u l-ENIAC.

Osservazzjonijiet dwar il-kontribuzzjoni mill-UE għall-ispejjeż tal-proġett ITER ⁽¹⁰⁾

16. Fir-rigward tal-F4E, fl-2010 ⁽¹¹⁾ l-Kunsill ivvalwa l-kontribuzzjoni mill-UE għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-ITER f'ammont ta' EUR 6,6 biljun. Dan l-ammont huwa suġġett għal riskji sinifikanti ta' żieda, li tirriżulta prinċipalment minn bidliet fl-ambitu tar-riżultati tanġibbli tal-proġett u minħabba l-iskeda attwali li mhijiex meqjusa realistika. L-istima l-aktar reċenti tad-defiċit sal-finalizzazzjoni tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett hija ta' EUR 428 miljun. Id-dewmien għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett kien stmat mill-Impriża Konġunta li kien mill-inqas 43 xahar fiż-żmien tal-awditu (Marzu 2015). B'rabta ma' dawn ir-riskji, l-Impriża Konġunta qed tiżviluppa sistema fil-livell kuntrattwali biex timmonitorja regolarment id-devjazzjonijiet tal-ispejjeż iżda għadha ma aġġornatx il-valwazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Impriża Konġunta għall-proġett ITER lil hinn mill-finalizzazzjoni tal-fażi ta' kostruzzjoni. Madankollu, l-Impriża Konġunta qed taħdem attwalment fuq l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni biex tindirizza r-restrizzjonijiet prinċipali li bħalissa qed jaffettwaw l-iżvilupp tal-proġett.

Kummenti li ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti

17. Il-Qorti għamlet 55 kumment (2013: 55) li jaffettwaw lill-Impriżi Konġunti kollha u li jiġbdu l-attenzjoni għal kwistjonijiet ta' importanza. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti li saru tingħata fl-*Anness II*. Il-kummenti l-aktar frekwenti huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

18. Il-kummenti taħt din l-intestatura jiffukaw fuq tliet oqsma:

- rata ta' implimentazzjoni baġitarja: ir-rata ta' implimentazzjoni baġitarja għal approprjazzjonijiet ta' impenn kienet fil-firxa ta' bejn 90 % u 100 % (ħlief għall-ARTEMIS u l-ENIAC b'firxa ta' bejn 38 % u 43 %, li tirrifletti l-implimentazzjoni matul sitt xhur ta' approprjazzjonijiet adottati għal sena sħiħa) u r-rata ta' implimentazzjoni baġitarja għal approprjazzjonijiet ta' pagament kienet fil-firxa ta' bejn 74 % u 100 %. Din tal-aħħar tammonta għal 74 % għall-FCH u l-IMI u 80 % għas-SESAR u hija fil-biċċa l-kbira spjegata permezz ta' dewmien fil-finanzjament ta' proġetti.
- sejħiet għal proposti u l-implimentazzjoni ta' proġetti: Ħlief għall-ARTEMIS, fejn ir-rata finali ta' approprjazzjonijiet impenjati għas-sejħiet għal proposti kienet tirrappreżenta biss 48 % (49 % fil-31 ta' Diċembru 2013) tal-baġit totali disponibbli biex tkopri n-nefqa operazzjonali matul id-durata totali tal-Impriża Konġunta, l-Impriżi Konġunti l-oħra laħqu ċifra ta' bejn 90 % u 100 %.

⁽⁷⁾ Fl-2014, l-ARTEMIS u l-ENIAC bdew pjan ta' azzjoni komuni biex jimmitigaw din l-opinjoni kwalifikata, li jinkludi żjara lill-Awtoritajiet ta' Finanzjament Nazzjonali u eżaminar tas-sistemi tagħhom.

⁽⁸⁾ Il-Qorti tesprimi opinjoni kwalifikata meta l-awditur ikun kiseb evidenza suffiċjenti u xierqa għall-awditjar u jikkonkludi li dikjarazzjonijiet skorretti jew każijiet ta' nuqqas ta' konformità huma materjali, iżda mhux pervażivi, għall-kontijiet annwali jew għat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tesprimi opinjoni kwalifikata wkoll meta l-awditur ma jkunx jista' jikseb evidenza suffiċjenti u xierqa għall-awditjar li fuqha tkun tista' tiġi bbażata l-opinjoni, u l-effetti possibbli fuq il-kontijiet annwali jew fuq it-tranżazzjonijiet ta' bażi ta' dik l-inabbiltà jkun materjali iżda mhux pervażivi (kif deskritt fil-qosor fil-paragrafi 14 u 15). Effetti pervażivi huma dawk li, fil-ġudizzju tal-awditur, mhumix limitati għal elementi, kontijiet jew partiti speċifiċi, jew jekk huma limitati hekk, jirrappreżentaw jew jistgħu jirrappreżentaw proporzjon sostanzjali tar-rapporti finanzjarji.

⁽⁹⁾ L-ECSEL tkompli timplimenta l-pjan ta' azzjoni komuni mibdi mill-ARTEMIS u l-ENIAC fl-2014 biex jimmitigaw din l-opinjoni kwalifikata.

⁽¹⁰⁾ Paragrafu ta' Osservazzjonijiet jintuża biex tinġibed l-attenzjoni tal-qarrejja għal kwistjoni li ma tkunx ġiet materjalment iddikjarata b'mod skorrett fil-kontijiet, iżda li tkun ta' importanza tant li tkun fundamentali biex l-utenti jifhemu l-kontijiet.

⁽¹¹⁾ Il-konklużjoni tal-Kunsill dwar l-istatus tal-ITER tas-7 ta' Lulju 2010 (Ref. 11902/10).

- L-Istituzzjonijiet u l-Korpi huma meħtieġa jipproduċu Rapport dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja ⁽¹²⁾ kull sena. L-informazzjoni pprovduta mill-Impriżi Konġunti f'dan ir-rapport kienet nieqsa mill-armonizzazzjoni u ta' spiss kienet inkompleta. Tinħtieġ gwida mill-Kummissjoni fir-rigward tan-natura u l-kontenut tar-rapport.

Kontrolli interni

19. Awditi *ex post* huma għodda ewlenija għall-Impriżi Konġunti biex jiżguraw l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni ta' spejjeż ikklejmjati mill-benefiċjarji u/jew mis-sħab. Kollha kemm huma ħlief l-ECSEL ⁽¹³⁾ adottaw strateġija tal-awditjar *ex post*, u ħamsa minnhom ikkuntrattaw it-tweġiq ta' awditi *ex post* lil ditti tal-awditjar indipendenti esterni. Fi tliet każijiet (ara l-paragrafi 14 u 15), il-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata abbażi tal-inadegwatezza tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-awditjar *ex post*.

20. Fir-rigward tal-F4E, il-Qorti tinnotta li sar progress sinifikanti, għalkemm l-Impriża Konġunta kienet għadha qed tindirizza għadd ta' azzjonijiet ewlenin fiż-żmien tal-awditu (Marzu 2015). Il-kompetittività tal-proċeduri ta' akkwist, li huma ċentrali għall-implimentazzjoni tal-proġett ITER mill-F4E, xorta teħtieġ li tiżdied. Fir-rigward ta' għotjiet, l-għadd medju ta' proposti riċevuti kien ta' waħda għal kull sejħa, bħal fl-2013 u fl-2012.

Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti

21. Il-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riżultati ta' riċerka huwa stabbilit fis-Seba' Programm Kwadru (FP7), li jstabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u rappurtar li tkopri l-protezzjoni, it-tixrid u t-trasferiment tar-riżultati ta' riċerka. Fil-ftehimiet ta' għotja ffirmati mal-membri u ma' benefiċjarji oħra, l-Impriżi Konġunti inkludew dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u t-tixrid tal-attivitajiet u tar-riżultati ta' riċerka. L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija mmonitorjata mill-Impriżi Konġunti fi stadji differenti tal-proġetti ffinanzjati, u sar progress sinifikanti fl-2014. Madankollu, sabiex ir-rekwiżiti ta' Orizzont 2020 jiġu ssodisfati u biex isir kontribut aħjar għat-tixrid tar-riżultati ta' riċerka tal-FP7, il-kooperazzjoni bejn l-Impriżi Konġunti u l-Kummissjoni trid tiġi żviluppata kemm jista' jkun b'attenzjoni speċjali għall-integrazzjoni ulterjuri ta' xi *data* tal-Impriżi Konġunti fis-sistemi tal-Kummissjoni.

It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni

22. It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni twettqet matul l-2013 u lejn il-bidu tal-2014. Hija vvalutat l-Impriżi Konġunti kollha (ħlief l-F4E) f'termini ta' rilevanza, effiċjenza, effettività u kwalità tar-riċerka. Il-pjanijiet ta' azzjoni adottati u li jirriżultaw mir-rapporti kienu qed jiġu implimentati fl-Impriżi Konġunti kollha.

KONKLUŻJONIJET

23. L-Impriżi Konġunti kollha pproduċew kontijiet affidabbli iżda għal tlieta minnhom inħarġet opinjoni kwalifikata dwar il-kontijiet tagħhom għas-sena 2014 fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

24. Hemm lok għal titjib tal-proċeduri, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-awditjar *ex post*, il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni fir-rigward tal-integrazzjoni tar-riżultati ta' riċerka u, fil-każ tal-F4E, il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-ispejjeż.

⁽¹²⁾ L-Artikolu 142 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.), l-Artikolu 93 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.), u l-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 (ĠU 38, 7.2.2014, p. 2.).

⁽¹³⁾ L-ECSEL għadha ma adottatx strateġija tal-awditjar *ex post* għall-proġetti proprji tagħha.

ANNEX I

Introjtu (Baġits imbassra tal-introjtu, drittijiet stabbiliti u ammonti riċevuti) u Tabelli tal-persunal tal-Impriżi Konguntti

IMPRIŻA KONĠUNTA	DG prinċipali	Qasam ta' Politi- ka	2014				2013			
			Baġit imbassar tal- introjtu (1)	Drittijiet stabbili- ti (2)	Ammonti riċevu- ti (3)	Tabella tal-persu- nal (4) (5)	Baġit imbassar tal- introjtu (1)	Drittijiet stabbili- ti (2)	Ammonti riċevu- ti (3)	Tabella tal-persu- nal (4) (5)
1 ARTEMIS (sas- 26 ta' Ġunju 2014)	DG CONNECT	Riċerka	2 224 000	863 193	20 100 000	(15)	32 643 708	32 647 545	20 123 350	15
2 CLEAN SKY	DG Riċerka u Innovaz- zjoni	Riċerka	229 241 764	189 316 793	98 585 400	37	306 043 097	227 000 428	124 613 566	24
3 ENIAC (sas-26 ta' Ġunju 2014)	DG CONNECT	Riċerka	2 720 633	1 022 580	54 144 250	(15)	172 696 508	172 608 748	36 529 216	15
4 FUŻJONI GĦALL- ENERĠĠJA	DG Riċerka u Innovaz- zjoni	Riċerka	1 168 825 456	1 168 825 456	720 917 805	262	1 297 013 166	1 296 952 709	245 002 495	262
5 ĊELLOLI TAL-FJUWIL U L-IDROĠENU – FCH	DG Riċerka u Innovaz- zjoni	Riċerka	112 919 000	108 384 000	69 379 993	26	74 482 039	73 672 484	56 393 265	20
6 INIZJATTIVA TAL-ME- DIĊINI INNOVATTIVI – IMI	DG Riċerka u Innovaz- zjoni	Riċerka	223 294 603	207 433 859	165 627 993	37	255 715 919	254 435 104	125 829 159	36
7 SESAR	DG MOVE	Riċerka	13 119 600	13 046 425	94 753 384	42	84 222 608	64 066 631	77 535 515	42

IMPRIŻA KONĠUNTA	DĠ prinċipali	Qasam ta' Politi- ka	2014				2013			
			Baġit imbassar tal- introjtu ⁽¹⁾	Drittijiet stabbili- ti ⁽²⁾	Ammonti riċevu- ti ⁽³⁾	Tabella tal-persu- nal ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾	Baġit imbassar tal- introjtu ⁽¹⁾	Drittijiet stabbili- ti ⁽²⁾	Ammonti riċevu- ti ⁽³⁾	Tabella tal-persu- nal ⁽⁴⁾
8 ECSEL (mis-27 ta' Ġunju 2014)	DĠ CONNECT	Riċerka	158 245 086	1 58 318 481	460 000	28	M/A	M/A	M/A	
Total			1 910 590 142	1 847 210 787	1 223 967 872	432	2 222 817 045	2 121 382 649	686 026 566	

⁽¹⁾ Il-baġit imbassar tal-introjtu jirrappreżenta l-appropriazzjonijiet ta' impenn (baġit finali)
⁽²⁾ Id-drittijiet stabbili jirrappreżentaw l-impenni awtorizzati
⁽³⁾ L-ammonti riċevuti jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni fi flus kontanti mill-Kummissjoni Ewropea matul is-sena
⁽⁴⁾ Baġit finali
⁽⁵⁾ L-ARTEMIS u l-ENIAC ingħaqdu fl-ECSEL fis-27 ta' Ġunju 2014. It-total tagħhom ta' 30 post inbidel fi 28 post fl-ECSEL. Għaldaqstant, l-għadd totali ta' postijiet fil-31 ta' Diċembru 2014 huwa 432.

ANNEX II

Kummenti li saru mill-Qorti fl-2014

IMPRIŻA KONĠUNTA	Ġestjoni beġitarja u finanzjarja				Kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Impriżi Konġunt			Kwistjonijiet oħra u segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti							
	Implimentazzjoni tal-baġit u finanzjament pluriennali	Preżentazzjoni tal-kontijiet	Sejħiet għal propositi	Frehim Qafas Multilaterali	Sistemi ta' Kontroll Intern u Sistemi Kontabilistiċi	Akkwist operazzjonali u għorjiet	Implimentazzjoni ta' strateġija tal-awditjar ex post	Uffiċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditar Intern tal-Kummissjoni	Qafas legali	Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka	Drittijiet ta' propjeta' intelletwali u politka industrijali	Kunflitt ta' interess	It-tieni evalwazzjoni intern mill-Kummissjoni	Kontribuzzjoni mill-UE għall-fażi ta' konstruzzjoni tal-ITER	Oħrajn
1 ARTEMIS	x		x				x ⁽¹⁾	x	x		x				
2 CLEAN SKY	x				x			x	x		x	x			
3 ENIAC	x		x				x ⁽¹⁾	x							
4 FUŻJONI GĦALL-ENERĠIJA	x	x			x	x		x		x	x		x ⁽¹⁾	x	
5 ĊELLOLI TAL-FJUVWIL U L-IDROĠENU – FCH	x		x		x			x	x		x	x			
6 INIZJATTIVA TAL-MEDIĊINI INNOVATTIVI – IMI	x				x			x	x		x	x			
7 SESAR	x			x				x	x		x	x			
8 ECSEL	x				x		x ⁽¹⁾	x	x		x				
Subtotali	8	1	3	1	5	1	3	6	8	5	1	7	4	1	1
Total	13				9			33							

(1) Dawn il-kummenti huma stipulati fit-taqsima tal-opinjoni tar-rapport

RAPPURT

dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Artemis għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sas-
26 ta' Ġunju 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

(2015/C 422/02)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1-4	10
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	5	10
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	6-16	10
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	11	11
Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	12-14	12
Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	15	12
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	17-18	12
Implimentazzjoni tal-baġit	17	12
Sejħiet għal proposti	18	12
Kwistjonijiet oħra	19-22	13
Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti	19-22	13

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta ARTEMIS, li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 ⁽¹⁾ għal perjodu ta' 10 snin u ilha taħdem b'mod awtonomu mill-2009 'l hawn. Fis-27 ta' Ġunju 2014, l-ARTEMIS ingħaqdet mal-Impriża Konġunta ENIAC ⁽²⁾ biex inħolqot l-Impriża Konġunta dwar il-Komponenti u s-Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (l-Impriża Konġunta ECSEL) ⁽³⁾. L-Impriża Konġunta ECSEL bdiet l-attivitajiet tagħha fis-27 ta' Ġunju 2014 u se tibqa' topera għal 10 snin. B'konsegwenza tal-fużjoni, dan ir-rapport ikopri l-perjodu finanzjarju tal-Impriża Konġunta ARTEMIS mill-1 ta' Jannar sas-26 ta' Ġunju 2014.
2. L-objettiv prinċipali tal-Impriża Konġunta kien li tiddefinixxi u timplimenta "aġenda għar-riċerka" għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin għas-sistemi inkorporati tal-kompjuter fiż-żoni kollha differenti ta' applikazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea u s-sostenibbiltà u tippermetti l-ħolqien ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà ⁽⁴⁾.
3. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta ARTEMIS kienu l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, ċerti Stati Membri tal-UE (il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit), u l-ARTEMIS-IA, assoċjazzjoni li tirrappreżenta kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra tar-riċerka li huma attivi fil-qasam tas-sistemi inkorporati tal-kompjuter fl-Ewropa. Fl-2009, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Latvja u n-Norveġja saru wkoll membri tal-Impriża Konġunta, u l-Polonja għamlet l-istess fl-2012.
4. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE lill-Impriża Konġunta, biex tkopri l-ispejjeż operattivi u l-attivitajiet ta' riċerka, kienet ta' EUR 420 miljun li għandha titħallas mill-baġit tas-Seba' Programm Kwadru ⁽⁵⁾. Barra minn hekk, l-ARTEMIS-IA kellha tagħmel kontribuzzjoni massima ta' EUR 30 miljun għall-ispejjeż operattivi, filwaqt li l-Istati Membri fl-ARTEMIS kellhom jagħmlu kontributi *in natura* għall-ispejjeż operattivi (billi jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' proġetti) u jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' mill-anqas 1,8 darbiet daqs il-kontribuzzjoni mill-UE. Kontributi *in natura* kellhom jiġu pprovvuti wkoll mill-organizzazzjonijiet ta' riċerka li jipparteċipaw fil-proġetti.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

5. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovvduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:
 - (a) il-kontijiet tal-Impriża Konġunta ARTEMIS, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁶⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁷⁾ għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sas-26 ta' Ġunju 2014, u
 - (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar it-twaqqif tal-"Impriża Konġunta ARTEMIS" għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 52).

⁽²⁾ L-Impriża Konġunta ENIAC ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21) biex tiddefinixxi u timplimenta "aġenda għar-riċerka" għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin għan-nanoelettronika.

⁽³⁾ L-Impriża Konġunta ECSEL ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

⁽⁴⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.
⁽⁵⁾ Is-Seba' Programm Kwadru, adottat bid-Deċizzjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1), jiġbor flimkien l-inizjattivi kollha tal-UE relatati mar-riċerka taħt saqaf wieħed u jaqdi rwol kruċjali fl-ilħuq tal-għanijiet ta' tkabbir, kompetittività u impjegi. Huwa wkoll pilastru ewleni għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

⁽⁶⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁷⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

7. Skont l-Artikoli 16 u 22 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru 110/2014⁽⁸⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁹⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

8. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽¹⁰⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-standards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

9. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

10. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sas-26 ta' Ġunju 2014 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fis-26 ta' Ġunju 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għall-perjodu li ntemm dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

⁽⁸⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽⁹⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 110/2014.

Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

12. L-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Impriża Konġunta⁽¹¹⁾, adottata b'deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija fil-25 ta' Novembru 2010 u modifikata fl-20 ta' Frar 2013, hija għodda ewlenija⁽¹²⁾ għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-pagamenti li saru fl-2014 relatati ma' ċertifikati ta' aċċettazzjoni tal-ispejjeż maħruġa mill-awtoritajiet ta' finanzjament nazzjonali tal-Istati Membri (NFAs) ammontaw għal EUR 5,9 miljun, jew 37 % tal-pagamenti totali.

13. Għalkemm l-awditu tal-klejms għall-ispejjeż tal-proġetti ġie delegat lill-NFAs, il-ftehimiet amministrattivi ffirmati mal-NFAs ma jinkludux arranġamenti prattiċi għal awditi *ex post*.

14. L-Impriża Konġunta rċeviet rapporti tal-awditjar mill-NFAs li jkopru bejn wiehded u ieħor 46 % (is-sitwazzjoni f'April 2015) tal-ispejjeż relatati ma' proġetti kkompletati. Madankollu, l-Impriża Konġunta ma vvalutatx il-kwalità ta' dawn l-awditi⁽¹³⁾. Il-Qorti wettqet valutazzjoni tal-istrateġiji tal-awditjar, inklużi r-rapporti tal-awditjar, ta' tliet NFAs li indikaw li l-metodoloġiji użati mill-NFAs ma ppermettewx li l-Impriża Konġunta tikkalkola la rata ta' żball pponderata u lanqas rata tal-iżball residwu li kienu affidabbli. Għaldaqstant, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż jekk l-awditi *ex post* humiex qed jiffunzjonaw b'mod effettiv u jekk dan il-kontroll ewlieni jipprovdi aċċertament suffiċjenti fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

15. Fl-opinjoni tal-Qorti, b'eċċezzjoni tal-effetti possibbli tal-kwistjoni deskritta fil-bażi għal opinjoni kwalifikata fil-paragrafi 12 sa 14, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fis-26 ta' Ġunju 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

16. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA**Implimentazzjoni tal-baġit**

17. Il-baġit inizjali għall-2014 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn għal spejjeż operattivi li ammontaw għal EUR 2,2 miljun. Il-baġit ma kienx jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn għal attivitajiet operazzjonali b'konsegwenza tal-pjanijiet għall-fużjoni tal-ARTEMIS u l-ENIAC matul l-2014 biex tinħoloq l-ECSEL li se tkun responsabbli għas-sejħa tal-2014. Ir-rata ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn amministrattivi kienet ta' 38 % peress li l-fużjoni seħħet f'Ġunju filwaqt li l-baġit kien adottat għas-sena sħiħa.

Sejħiet għal proposti

18. Ir-Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ppreveda baġit totali massimu ta' EUR 410 miljun biex ikopri n-nefqa operazzjonali. Fi żmien il-fużjoni, l-ammont ta' approprjazzjonijiet impenjati għas-sejħiet għal proposti kien ta' EUR 198 miljun (48 % tal-baġit totali). Skont ir-Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta, l-ARTEMIS għandha tirrispetta proporzjon ta' 1 għal kull 1,8 bejn il-kontribuzzjoni mill-UE u l-kontribuzzjoni mill-Istati Membri. Restrizzjonijiet baġitarji fl-Istati Membri kienu jfissru li ma kienx possibbli li tiġi impenjata l-parti li jifdal tal-baġit (52 %).

⁽¹¹⁾ Il-ftehim ta' finanzjament ġenerali bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta jiddikjara li l-Impriża Konġunta, fil-bord kompetenti tagħha, tadotta l-istrateġija tal-awditjar *ex post* tagħha bil-għan li ttiprovi aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u li l-istrateġija tal-awditjar *ex post* għandha tkun ibbażata fuq eżaminar tal-proċeduri u ta' kampjun tat-tranżazzjonijiet għall-benefiċjarji kollha jew għal kampjun tagħhom u għandha, b'mod partikolari, tirrifletti adegwament ir-riskji involuti.

⁽¹²⁾ L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 74/2008 jiddikjara li "L-Impriża Konġunta ARTEMIS għandha tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-membri tagħha jkunu adegwament protetti billi twettaq jew tqabbad lil min iwettaq kontrolli interni u esterni adatti" u "L-Impriża Konġunta ARTEMIS għandha twettaq kontrolli fuq il-post u verifiki (awditi) finanzjarji fost id-destinatarji tal-finanzjament pubbliku tal-Impriża Konġunta ARTEMIS. Il-kontrolli u l-verifiki (awditi) għandhom isiru direttament mill-Impriża Konġunta ARTEMIS jew mill-Istati Membri fl-ARTEMIS fisimha. L-Istati Membri fl-ARTEMIS jistgħu jwettqu kontrolli u verifiki (awditi) oħra fost id-destinatarji tal-finanzjament nazzjonali tagħhom li huma jqisu meħtieġa u għandhom jikkomunikaw ir-riżultati lill-Impriża Konġunta ARTEMIS."

⁽¹³⁾ Skont l-istrateġija tal-awditjar *ex post* adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-ARTEMIS, l-Impriża Konġunta għandha tivvaluta mill-inqas darba fis-sena jekk l-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri fl-ARTEMIS ttiprovdi aċċertament suffiċjenti fir-rigward tar-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjonijiet esegwiti.

KWISTJONIJIET OĦRA***Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti***

19. Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽¹⁴⁾ ġie adottat fil-25 ta' Ottubru 2012 u sar effettiv mill-1 ta' Jannar 2013 ⁽¹⁵⁾. Madankollu, ir-regolament finanzjarju mudell għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmi fl-Artikolu 209 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid ⁽¹⁶⁾ ma daħalx fis-seħħ qabel it-8 ta' Frar 2014. Minħabba l-fużjoni fl-Impriża Konġunta ECSEL, ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta ma ġewx emendati.
20. L-Artikolu 6.2 tar-Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ARTEMIS jistipula li l-Impriża Konġunta għandha jkollha kapaċità tal-awditjar intern. Din il-funzjoni ma kinitx ġiet stabbilita meta saret il-fużjoni.
21. Il-karta tal-missjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija fil-25 ta' Novembru 2010. Minħabba l-fużjoni fl-Impriża Konġunta ECSEL, ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta ma ġewx emendati biex jinkludu d-dispożizzjoni tar-Regolament Qafas li tirreferi għas-setgħat tal-Awditur Intern tal-Kummissjoni.
22. Fiż-żmien tal-awditu, l-Impriża Konġunta ma kellhiex proċedura komprensiva bil-miktub biex tittratta l-kunflitti ta' interess.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

⁽¹⁵⁾ L-Artikolu 214 tar-Regolament Nru 966/2012 bl-eżenzjonijiet imsemmija.

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 110/2014.

ANNEX

L-Impriża Konġunta ARTEMIS (Brussell)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderiwaw mit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tipprevedi kontribut tal-Komunità għall-istabbiliment ta' sħubiji pubbliċi-privati fit-tul f'forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti li jistgħu jkunu implimentati permezz ta' Impriżi Komuni (Konġunti) skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar it-twaqqif tal-“Impriża Konġunta ARTEMIS” għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta.</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008)</p>	<p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Impriża Konġunta għandha tikkontribwixxi lejn l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru billi tiddefinixxi u timplimenta partijiet sinifikanti mill-Aġenda Strateġika għar-Riċerka ARTEMIS għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin fil-qasam tas-sistemi inkorporati tal-kompjuter, billi toħloq sħubija pubblika-privata sostenibbli u billi tqawwi u żid l-investment privat u pubbliku fis-settur tas-sistemi integrati fl-Ewropa. — L-Impriża Konġunta timmira biex tikseb koordinazzjoni effettiva u sinerġija tar-riżorsi u l-finanzjament mill-industrija, mill-Programm Kwadru, mill-programmi nazzjonali ta' R&Ż u minn skemi intergovernattivi ta' R&Ż, sabiex b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tat-tkabbir, il-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli futuri tal-Ewropa. — L-ARTEMIS tfittex li trawwem kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha bħall-industrija, inklużi l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali, iċ-ċentri akkademiċi u ta' riċerka, billi jiġbru flimkien u jiffokaw l-isforz fuq ir-riċerka. — L-Impriża Konġunta tadotta aġenda għar-riċerka miftiehma komunement li ssegwi mill-qrib ir-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenda Strateġika għar-Riċerka żviluppata mill-Pjattaforma tal-Teknoloġija ARTEMIS. Din l-Aġenda għar-Riċerka tidentifika u tirrevedi b'mod regolari l-prijoritajiet tar-riċerka għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ewlenin għas-sistemi inkorporati tal-kompjuter fl-oqsma kollha differenti ta' applikazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea u tippermetti l-qawmien ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet importanti għas-soċjetà. — L-Impriża Konġunta se tappoġġa l-attivitajiet ta' R&Ż permezz ta' sejħiet miftuħa u kompetittivi għal proposti ppubblikati fuq bażi annwali, sabiex tattira l-aqwa ideat ta' riċerka Ewropej u kapaċitajiet fil-qasam ta' sistemi inkorporati tal-kompjuter. Proposti ppreżentati għal sejħiet tal-Impriża Konġunta ARTEMIS jgħaddu minn evalwazzjoni teknika u proċess tal-għażla mwettaq bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Dan il-proċess jiżgura li l-allokazzjoni tal-finanzjament pubbliku tal-Impriża Konġunta issegwi l-prinċipji ta' trattament ugwali, eċċellenza u kompetizzjoni.
<p>Governanza</p>	<p>Il-korp governattiv tal-Impriża Konġunta huwa l-Bord tat-Tmexxija. It-tim eżekuttiv huwa mmexxi minn Direttur Eżekuttiv, filwaqt li l-industrija (li tinkludi impriżi kbar u żgħar, kif ukoll istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka) hija rrappreżentata mill-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-ARTEMIS (ARTEMIS-IA). L-ARTEMIS-IA tipprovdi l-president tal-Bord tat-Tmexxija u l-membri tal-Kumitat tal-Industrija u r-Riċerka (IRC), li huwa responsabbli mill-programm ta' xogħol tekniku. Is-settur pubbliku (Stati Membri parteċipanti u l-Kummissjoni Ewropea) huma individwalment irrappreżentati fuq il-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi (PAB), li huwa responsabbli minn kwistjonijiet finanzjarji.</p>

Riżorsi disponibbli għall-Im- priża Konġunta fl-2014	Baġit EUR 2 554 510 għal impenji. EUR 30 330 178 għal pagamenti (operazzjonali). Persunal fis-26 ta' Ġunju 2014 15-il post previst fit-tabella tal-persunal (8 membri tal-persunal temporanji u 7 membri tal-persunal kuntrattwali); 13-il post kienu okkupati u kienu assenjati kif ġej: attivitajiet operazzjonali (8); kompiti amministrattivi (5); kompiti mħallta (0).
Attivitajiet u servizzi pprov- duti fl-2014	Ara r-rapport annwali tal-attività l-aktar reċenti tal-Impriża Konġunta għall-2013 li hemm disponibbli fuq http://www.artemis-ju.eu/reference_documents

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta ARTEMIS.

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

13. L-Impriża Konġunta ARTEMIS għamlet arranġamenti mal-awtoritajiet ta' finanzjament nazzjonali (NFAs) fil-konfini stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) 74/2008 ⁽¹⁾ li tafda l-kompitu li jiddefinixxi l-ispejjeż totali tal-NFAs, skont il-ftehim ta' finanzjament tagħhom "skont ir-regoli nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji tal-eliġibbiltà u rekwiżiti oħra finanzjarji u legali neċessarji." Dan ir-Regolament ma jistabbilixxi kompetenza għall-Impriża Konġunta biex tiddefinixxi regoli għall-NFAs, u ma jagħtihiex is-setgħa biex twettaq verifiki għall-għarrieda u awditi fost l-NFAs. Dawn in-nuqqasijiet ġew rikonnoxxuti u ttaffew fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL li tagħti s-setgħa lill-Impriża Konġunta biex tagħti għotjiet tal-UE f'konformità stretta mal-proċeduri tal-Orizzont 2020.

14. L-Impriża Konġunta ECSEL tikkonferma li l-valutazzjonijiet estensivi tagħha tas-sistemi ta' assigurazzjoni nazzjonali kkonkludew li jistgħu jipprovdu protezzjoni raġonevoli tal-interessi finanzjarji tal-membri tal-Impriża Konġunta; madankollu, kif indikat mill-QEA, il-metodoloġiji nazzjonali ma jippermettux il-kalkolu ta' rata ta' żbalji ppeżati u lanqas rata ta' żbalji residwi għall-proġetti mnedija skont l-Impriża Konġunta ARTEMIS u ENIAC. Madankollu, din id-diffikultà teknika ma tirriżultax f'opinjoni negattiva tal-QEA iżda naturalment iżżommha milli tikkonferma l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet mingħajr ma tifformula riżerva.

20. Immedjatament wara l-fużjoni ta' ARTEMIS u ENIAC f'ECSEL, ġiet stabbilita l-funzjoni ta' kapaċità tal-awditjar intern – fl-4 ta' Lulju 2014 – mill-Bord tat-Tmexxija ta' ECSEL, bir-responsabbiltajiet kemm għall-programmi legati tal-ARTEMIS u l-ENIAC kif ukoll għal ECSEL stess.

22. Il-Bord ta' Tmexxija ta' ECSEL adotta politika komprensiva biex jevita kunflitti ta' interess.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 mill-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ARTEMIS.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta “Clean Sky” għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

(2015/C 422/03)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
Introduzzjoni	1-5	18
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	6	19
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	7-14	19
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	12	20
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	13	20
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	15-16	20
Implimentazzjoni tal-baġit	15	20
Finanzjament pluriennali	16	20
Kwistjonijiet oħra	17-19	20
Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji	17	20
Qafas legali	18	21
Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni	19	21
Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti	20-23	21
Monitoraġġ u rappurtar tar-risultati ta' riċerka tal-proġetti	20-21	21
Kunflitti ta' interess	22	21
It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni	23	21

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fl-ajrunawtika (l-Impriża Konġunta “Clean Sky”) li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007⁽¹⁾ għal perjodu ta' 10 snin u bdiet taħdem b'mod awtonomu fis-16 ta' Novembru 2009. Fis-6 ta' Mejju 2014⁽²⁾, il-Kunsill adotta Regolament fundatur ġdid li ħassar ir-Regolament oriġinali u fada l-Impriża Konġunta msemmija l-“Impriża Konġunta Clean Sky 2”⁽³⁾ b'kompiti ġodda taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020⁽⁴⁾, u estenda l-ħajja tal-Impriża Konġunta għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024.

2. L-objettiv tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 huwa li tikkontribwixxi għall-finalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka tas-Seba' Programm Kwadru⁽⁵⁾ u għat-titjib tal-impatt ambjentali tat-teknoloġija ajrunawtika kif ukoll għall-iżvilupp ta' industrija ajrunawtika u katina tal-provvista sodi u globalment kompetittivi fl-Ewropa. L-objettivi tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 jaqgħu taħt il-pilastru tal-isfidi tas-soċjetà f'Orizzont 2020, jiġifieri Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat⁽⁶⁾.

3. L-attivitajiet ta' riċerka kkoordinati mill-Impriża Konġunta jinkludu (a) sitt oqsma kontinwi li huma teknoloġiċi u ffukati fuq id-dimostrazzjoni jew “Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata” (ITDs) li jimplementaw proġetti għas-Seba' Programm Kwadru u (b) disa' oqsma ġodda li huma teknoloġiċi u ffukati fuq id-dimostrazzjoni li jimplementaw proġetti għal Orizzont 2020:

— Tliet Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITDs)

— Tliet Pjattaformi ta' Dimostrazzjoni ta' Mezzi tal-Ajru Innovattivi (IADPs)

— Tliet Oqsma Trasversali, inkluż l-Evalwatur tat-Teknoloġija (TAs)

4. Il-Membri tal-Impriża Konġunta taħt ir-Regolament il-ġdid huma l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, il-Mexxejja industrijali tal-ITDs/IADPs/TAs u l-Membri l-oħra tal-Impriża Konġunta stabbilita dan l-aħħar li se jintgħażlu permezz ta' sejħiet miftuħa u kompetittivi u li se jassumu l-istatus ta' Sħab Ewlenin. L-Assoċjati tal-Impriża Konġunta “Clean Sky” taħt is-Seba' Programm Kwadru se jżommu tali status ta' Adeżjoni sal-ikkompletar tal-attivitajiet ta' riċerka u l-azzjonijiet inizjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 71/2008.

5. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE lill-Impriża Konġunta “Clean Sky” taħt is-Seba' Programm Kwadru, biex jiġu koperti l-ispejjeż operazzjonali u l-attivitajiet ta' riċerka, kienet ta' EUR 800 miljun. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE lill-Impriża Konġunta Clean Sky 2 taħt Orizzont 2020 se tkun sa EUR 1 755 miljun. Il-Mexxejja u s-Sħab Ewlenin tal-Impriża Konġunta għandhom idaħħlu livell minimu ta' kontribuzzjoni privata għall-Programm ta' EUR 2 193,7 miljun matul il-perjodu tad-durata tal-Impriża Konġunta⁽⁷⁾ inklużi kontribuzzjonijiet għal Attivitajiet Addizzjonali⁽⁸⁾ ta' mill-inqas EUR 965,2 miljun matul l-istess perjodu⁽⁹⁾. L-ispejjeż amministrattivi ma għandhomx jaqbuż l-EUR 78 miljun u għandhom jinqas b'mod indaq bejn l-UE u l-membri privati tal-Impriża Konġunta.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta “Clean Sky” (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77).

⁽³⁾ Dan ir-rapport jirreferi għall-“Impriża Konġunta “Clean Sky”” dment li ma jkunx meħtieġ li ssir distinzjoni bejn iż-żewġ programmi.

⁽⁴⁾ Il-Programm qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020, adottat bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), huwa l-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-2014-2020 u jiġbor flimkien il-finanzjament eżistenti kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE.

⁽⁵⁾ Is-Seba' Programm Kwadru, adottat bid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1), jiġbor flimkien l-inizjattivi kollha tal-UE relatati mar-riċerka, taħt saqaf wieħed, u jaqdi rwol kruċjali fil-ilhuk tal-għanijiet ta' tkabbir, kompetittività u impjiegi.

⁽⁶⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi, l-attivitajiet u r-riżorsi disponibbli tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 4.1 tar-Regolament (UE) Nru 558/2014.

⁽⁸⁾ Spejjeż imġarrba minn Mexxejja u minn Sħab Ewlenin barra mill-pjan ta' ħidma tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 u li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Inizjattiva Konġunta “Clean Sky”.

⁽⁹⁾ L-Artikolu 15(3) tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 558/2014 jistipula li l-“ispejjeż operazzjonali tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandhom ikunu koperti permezz ta' (a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni (b) kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Mexxejja u s-Sħab Ewlenin u l-entitajiet affiljati magħhom li jikkonsistu mill-ispejjeż imġarrba minnhom fl-implimentazzjonijiet ta' azzjonijiet indiretti li minnhom titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 u kwalunkwe kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni għal dawk l-ispejjeż”.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

7. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta "Clean Sky", li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽¹⁰⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽¹¹⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

8. Skont l-Artikoli 16 u 22 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 ⁽¹²⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽¹³⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

9. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovd lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽¹⁴⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet

⁽¹⁰⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti, sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽¹¹⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽¹²⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽¹³⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽¹⁴⁾ L-Artikolu 47 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 110/2014.

tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

10. L-awditu jinvolti t-twertiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

11. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

12. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

13. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

14. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit

15. Il-baġit finali 2014 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 201,6 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 153,6 miljun. Ir-rata ta' utilizzazzjoni għal approprjazzjonijiet ta' impenn kienet ta' 93,9 % (90,6 % għall-2013), filwaqt li r-rata għal approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 90,2 % (87,7 % għall-2013). Dawn ir-rati mtejba ta' implimentazzjoni huma spjegati permezz tal-proċess aktar rapidu tal-għoti.

Finanzjament pluriennali

16. Mill-2007 u saż-żmien tal-awditu (April 2015), mill-pakkett operazzjonali ta' EUR 790 miljun taħt il-programm inizjali "Clean Sky", il-kontribuzzjoni impenjata mill-Unjoni Ewropea ammontat għal EUR 703 miljun (jiġifieri 88,9 %), li minnhom kienu tħallsu EUR 631 miljun (jiġifieri 79,9 %). Il-kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħra għall-attivitajiet operazzjonali fil-31 ta' Diċembru 2014 kienu jammontaw għal EUR 486 miljun ⁽¹⁵⁾, jiġifieri 82,4 % tal-baġit operazzjonali totali, ta' EUR 590 miljun, tal-membri l-oħra.

KWISTJONIJET OĦRA

Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji

17. Il-limiti ta' żmien tal-pagamenti ma jiġux dejjem irrispettati, u dan iwassal għal penali (EUR 41 000 fl-2014).

⁽¹⁵⁾ Il-kontribuzzjoni totali mill-membri l-oħra tammonta għal EUR 498 miljun u tinkludi kontribuzzjoni mill-membri diġà vvalidata (EUR 448 miljun), riċevuta iżda għad mhux ivvalidata (EUR 38 miljun), u l-kontribuzzjoni fi flus kontanti biex jiġu koperti l-ispejjeż operazzjonali (EUR 12-il miljun).

Qafas legali

18. Ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 ġew adottati fit-3 ta' Lulju 2014 abbażi tal-mudell tar-regolament finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata⁽¹⁶⁾ u billi ttieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2.

Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni

19. Fl-2014 is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) iffinalizza awditu tal-aspetti finanzjarji tal-ġestjoni tal-għotjiet. L-IAS għamel żewġ rakkomandazzjonijiet importanti ħafna dwar il-linji gwida ta' validazzjoni *ex ante* u l-listi ta' kontroll għall-approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji tal-Membri u tas-Sħab, u dwar il-proċess ta' approvazzjoni tar-riżultati tanġibbli tal-proġetti għas-Sħab. L-azzjonijiet li sar qbil dwarhom ġew implimentati għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet.

SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI**Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti**

20. Fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti⁽¹⁷⁾, il-“Clean Sky” tuża l-għodod tal-Kummissjoni Ewropea u l-għodod proprji tagħha biex tintegra r-riżultati ta' riċerka fis-sistema kumplessiva tar-rappurtar tal-Kummissjoni. Għall-ewwel darba, ir-Rapport ta' monitoraġġ l-aktar reċenti mill-Kummissjoni dwar l-FP7, ippubblikat f'Marzu 2015⁽¹⁸⁾, jinkludi *data* kwantitattiva dwar l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta “Clean Sky”⁽¹⁹⁾. Fir-rigward ta' *data* kwalitattiva, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' riċerka tal-“Clean Sky” jinsabu fuq is-sit web tagħha, fir-rapport tal-attività tagħha, fil-Ftehimiet ta' Għotja mal-Membri (GAM), f'sommarji tar-rapporti annwali u f'pubblikazzjonijiet oħra.

21. Il-qafas legali ta' Orizzont 2020 jirrikjedi monitoraġġ speċifiku tar-riżultati ta' riċerka, ibbażat fuq evidenza kwantitattiva u, fejn xieraq, kwalitattiva, inkluż il-progress fir-rigward tal-indikaturi tal-prestazzjoni⁽²⁰⁾. Sabiex ir-rekwiżiti ta' Orizzont 2020 jiġu ssodisfati u biex isir kontribut aħjar għat-tixrid tar-riżultati ta' riċerka tal-FP7 (speċjalment meta l-proġetti ffinanzjati qed jaslul fil-fażi tat-tmiem), il-kooperazzjoni bejn l-Impriża Konġunta u l-Kummissjoni għandha tissaħħaħ għat-titjib tar-rappurtar u t-tixrid tar-riżultati ta' riċerka⁽²¹⁾.

Kunflitti ta' interess

22. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa mudell komuni għall-Impriżi Konġunti. Fil-frattemp, il-proċedura tal-“Clean Sky” tibqa' fis-seħħ.

It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni

23. B'riżultat tat-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni⁽²²⁾, fl-20 ta' Marzu 2014 ġie diskuss pjan ta' azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet mill-Bord ta' Tmexxija. Il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet huma relatati mal-Programm Clean Sky 2 u qed jiġu implimentati.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 110/2014.

⁽¹⁷⁾ Il-paragrafu 27 tar-Rapport 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 17).

⁽¹⁸⁾ http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/fp7_monitoring_reports/7th_fp7_monitoring_report.pdf#view=fit&pagemode=none

⁽¹⁹⁾ Fir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-KE, din l-informazzjoni hija ppreżentata f'valuri aggregati flimkien mal-informazzjoni mill-Inizjattivi Konġunti Teknoloġiċi l-oħra.

⁽²⁰⁾ L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, li jstabbilixxi Orizzont 2020 u l-Anness II (Indikaturi tal-prestazzjoni) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965) tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

⁽²¹⁾ Ara r-Rapport ta' Progress Annwali mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-JTI JUs (COM(2013) 935).

⁽²²⁾ Il-paragrafu 30 tar-Rapport 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 17).

ANNEX

L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Brussell)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104). Orizzont 2020 għandu l-għan li jkollu impatt akbar fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkombina Orizzont 2020 u l-fondi tas-settur privat fi shubji pubbliċi-privati foqhma ewlenin fejn ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-għanijiet usa' ta' kompetittività tal-Unjoni, jistimolaw l-investiment privat u jgħinu fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (ĠU L 169/77, 7.6.2014).</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014)</p>	<p>Objettivi</p> <p>L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għandha l-objettivi li ġejjin:</p> <p>(a) li tikkontribwixxi għall-finalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka mibdija skont ir-Regolament (KE) Nru 71/2008 u għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, u b'mod partikolari l-Isfida ta' Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat taħt il-Parti III – Sfidi tas-Soċjetà tad-Deċiżjoni Nru 2013/743/UE;</p> <p>(b) li tikkontribwixxi għat-titjib tal-impatt ambjentali tat-teknoloġiji ajrunawtiċi, inklużi dawk relatati mal-avjazzjoni żgħira, kif ukoll għall-iżvilupp ta' industrija ajrunawtika u katina tal-provvista sodi u globalment kompetittivi fl-Ewropa. Dan jista' jinkiseb billi tingħata spinta lill-iżvilupp ta' teknoloġiji aktar ekoloġiċi tat-trasport tal-ajru għal użu mill-aktar fis possibbli, u b'mod partikolari l-integrazzjoni, il-wiri u l-validazzjoni ta' teknoloġiji li huma kapaċi:</p> <p>(i) iżidu l-effiċjenza tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru biex b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'20 sa 30 % meta mqabbel ma' mezz tal-ajru "avanzati" li jiddaħħlu fis-servizz mill-2014;</p> <p>(ii) inaqqsu l-NO_x u l-emissjonijiet ta' storbu tal-inġenji tal-ajru b'20 sa 30 % meta mqabbla ma' inġenji tal-ajru "avanzati" li ddaħħlu fis-servizz mill-2014.</p>
<p>Governanza</p>	<p>Il-korp governattiv tal-Impriża Konġunta huwa l-Bord ta' Tmexxija li huwa magħmul minn:</p> <p>(a) rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni fisem l-Unjoni;</p> <p>(b) rappreżentant wieħed ta' kull Mexxej;</p> <p>(c) rappreżentant wieħed tas-Sħab Ewlenin għal kull ITD;</p> <p>(d) rappreżentant wieħed tal-Assoċjati għal kull ITD;</p> <p>(e) rappreżentant wieħed tas-Sħab Ewlenin għal kull IADP.</p> <p>Il-kompetenzi/kompiti tal-Bord huma stipulati fl-Artikolu 8 tal-Istatuti (l-Anness I tar-Regolament dwar l-Impriża Konġunta)</p> <p>L-Unjoni għandha 50 % tad-drittijiet tal-vot. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni huma indiviżibbli. Kull rappreżentant ieħor għandu numru ugwali ta' voti.</p> <p>It-Tim Eżekuttiv huwa mmexxi minn Direttur Eżekuttiv li huwa wkoll korp uffiċjali tal-Impriża Konġunta u li l-kompetenzi/kompiti tiegħu huma stipulati fl-Artikolu 10 tal-Istatuti.</p>

	L-industrija hija rrappreżentata b'mod dirett fuq il-Bord u permezz tal-korpi l-oħra tal-Impriża Konġunta li huma l-Kumitati ta' Tmexxija tal-ITD u tal-IADP u li l-kompetenzi/kompiti tagħhom huma stipulati fl-Artikolu 11 tal-Istatuti. Il-Grupp tar-Rappreżentanti u l-Kumitat Xjentifiku huma wkoll korpi tal-Impriża Konġunta iżda biss bi rwol konsultattiv.
Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2014	<p>Baġit</p> <p>EUR 229 241 764</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</p> <p>37 post previst fit-tabella tal-persunal (31 membru tal-persunal temporanju u 6 membri tal-persunal kuntrattwali), li minnhom 31 post kienu okkupati; dawn kienu assenjati għal attivitajiet operazzjonali (24) u kompiti mħallta (6).</p>
Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2014	Ara r-rapport annwali tal-attività tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għall-2014 fuq www.cleansky.eu

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta Clean Sky 2.

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

17. L-Impriża Konġunta ħadet miżuri sabiex tevita li l-pagamenti jiġu pproċessati tard, speċjalment fil-qasam tal-Ftehimiet ta' Għotja għas-Sħab, li ġew identifikati bħala l-kawża prinċipali ta' din il-kwistjoni:

- fluss ta' xogħol aktar effettiv introdott għall-validazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-Sħab u għal kollaborazzjoni mtejbja bejn l-Unitajiet Operazzjonali u dawk Finanzjarji,
- il-“proċedura singolari ta' sottomissjoni” tal-Kummissjoni Ewropea (għal rapporti tekniċi u finanzjarji) implimentata,
- monitoraġġ regolari, ta' kull xahar tal-ħin tal-ħlas għall-ftehimiet ta' għotja fis-seħħ.

21. Sabiex tkompli ttejjeb it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tal-FP7 u ttipprepara r-rapportar xieraq permezz ta' indikaturi tal-prestazzjoni għall-programm H2020 ukoll, l-Impriża Konġunta stabbilixxiet pjan ta' azzjoni li jikkonsisti:

- (A) fil-ħolqien ta' repożitorju tar-riżultati tar-riċerka fuq is-sit web tal-Clean Sky,
- (B) fl-armonizzar tar-rapportar fir-Rapport Annwali tal-Attività 2015 dwar it-tixrid tar-riżultati mal-Kummissjoni Ewropea u l-użu tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni komuni ta' H2020,
- (C) fl-iżvilupp ta' modulu ta' rapportar/tixrid fis-sistema lokali tagħna L-Ghodka għall-Ġestjoni tal-Għotjiet.

RAPPORT

**dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ENIAC għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sas-
26 ta' Ġunju 2014, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta**

(2015/C 422/04)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1-4	26
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	5	26
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	6-16	26
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	11	27
Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi	12-14	28
Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	15	28
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	17-18	28
Implimentazzjoni tal-baġit	17	28
Sejħiet għal proposti	18	28
Kwistjonijiet oħra	19	29
Qafas legali	19	29

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar in-Nanoelettronika (l-Impriża Konġunta ENIAC), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 ⁽¹⁾ għal perjodu ta' 10 snin u ilha taħdem b'mod awtonomu mill-2010 'l hawn. Fis-27 ta' Ġunju 2014, l-ENIAC ingħaqdet mal-Impriża Konġunta ARTEMIS ⁽²⁾ biex inħolqot l-Impriża Konġunta tal-Komponenti u s-Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (l-Impriża Konġunta ECSEL) ⁽³⁾. L-Impriża Konġunta ECSEL bdiet l-attivitajiet tagħha fis-27 ta' Ġunju 2014 u se tibqa' topera għal 10 snin. B'konsegwenza tal-fużjoni, dan ir-rapport ikopri l-perjodu finanzjarju tal-Impriża Konġunta ENIAC mill-1 Ta' Jannar sas-26 ta' Ġunju 2014.
2. L-objettiv prinċipali tal-Impriża Konġunta kien li tiddefinixxi u timplimenta "aġenda għar-riċerka" għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin għan-nanoelettronika f'oqsma differenti ta' applikazzjoni sabiex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-Ewropa u jkun possibbli l-iżvilupp ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà ⁽⁴⁾.
3. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta kienu l-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni, ċerti Stati Membri tal-UE (il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit) u l-Assoċjazzjoni għall-Attivitajiet Nanoelettroniċi Ewropej (l-AENEAS). Stati Membri oħra u pajjiżi assoċjati, kif ukoll kwalunkwe pajjiż ieħor jew entità ġuridika oħra li kienu kapaċi jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja sostanzjali għat-twettiq tal-objettivi tal-Impriża Konġunta, setgħu jsiru membru tal-Impriża Konġunta ENIAC.
4. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE lill-Impriża Konġunta, biex tkopri l-ispejjeż operattivi u l-attivitajiet ta' riċerka, kienet ta' EUR 450 miljun li kellha titħallas mill-baġit tas-Seba' Programm Kwadru ⁽⁵⁾. L-AENEAS kellha taġhmel kontribuzzjoni massima ta' EUR 30 miljun għall-ispejjeż operattivi tal-Impriża Konġunta. L-Istati Membri fl-ENIAC kellhom jagħmlu kontributi *in natura* għall-ispejjeż operattivi (billi jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti), u jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' mill-anqas 1,8 darbiet daqs il-kontribuzzjoni mill-UE. Organizzazzjonijiet ta' riċerka li kienu jipparteċipaw fil-proġetti kellhom ukoll jipprovdu kontributi *in natura*, li kellhom ikunu mill-anqas daqs il-kontribuzzjonijiet kombinati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

5. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ENIAC, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁶⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁷⁾ għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sas-26 ta' Ġunju 2014, u

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21).

⁽²⁾ L-Impriża Konġunta ARTEMIS twaqqfet bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 52) biex tiddefinixxi u timplimenta "aġenda għar-riċerka" għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin għas-sistemi inkorporati tal-kompjuter.

⁽³⁾ L-Impriża Konġunta ECSEL ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

⁽⁴⁾ L-Annex jagħti sommarju tal-kompetenzi, l-attivitajiet u r-riżorsi disponibbli tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁵⁾ Is-Seba' Programm Kwadru, adottat bid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1), jiġbor flimkien l-inizjattivi kollha tal-UE relatati mar-riċerka taħt saqaf wieħed u jaqdi rwol kruċjali fl-ilhug tal-għanijiet ta' tkabbir, kompetittività u impjegi. Huwa wkoll pilastru ewleni għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

⁽⁶⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti, sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁷⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

7. Skont l-Artikoli 16 u 22 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014⁽⁸⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-ffassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁹⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

8. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tippovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽¹⁰⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi jkunux legali u regolari.

9. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

10. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sas-26 ta' Ġunju 2014 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fis-26 ta' Ġunju

⁽⁸⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽⁹⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 47 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 110/2014.

2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għall-perjodu li ntemm dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

12. L-istrateġija tal-awditjar *ex post* ⁽¹¹⁾ tal-Impriża Konġunta ġiet adottata b'deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija fl-18 ta' Novembru 2010 u hija għodda ewlenija ⁽¹²⁾ għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-pagamenti li saru fl-2014 relatati ma' ċertifikati ta' aċċettazzjoni tal-ispejjeż maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali ta' finanzjament tal-Istati Membri (NFAs) ammontaw għal EUR 14,2 miljun, jew 79 % tal-pagamenti totali.

13. Għalkemm l-awditu tal-klejms għall-ispejjeż tal-proġetti ġie delegat lill-NFAs, il-ftehimiet amministrattivi ffirmati mal-NFAs ma jinkludux arranġamenti prattiċi għal awditi *ex post*.

14. L-Impriża Konġunta rċeviet rapporti tal-awditjar mill-NFAs li jkopru bejn wiehded u ieħor 76 % (is-sitwazzjoni f'April 2015) tal-ispejjeż relatati ma' proġetti kkompletati. Madankollu, l-Impriża Konġunta ma vvalutatx il-kwalità ta' dawn l-awditi ⁽¹³⁾. Il-Qorti wettqet valutazzjoni tal-istrateġiji tal-awditjar, inklużi r-rapporti tal-awditjar, ta' tliet NFAs li indikaw li l-metodoloġiji użati mill-NFAs ma ppermettewx li l-Impriża Konġunta tikkalkola la rata ta' żball pponderata u lanqas rata tal-iżball residwu li kienu affidabbli. Għaldaqstant, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż jekk l-awditi *ex post* humiex qed jiffunzjonaw b'mod effettiv u jekk dan il-kontroll ewleni jipprovdi aċċertament suffiċjenti fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

15. Fl-opinjoni tal-Qorti, bl-eċċezzjoni tal-effetti possibbli tal-kwistjoni deskritta fil-bażi għal opinjoni kwalifikata fil-paragrafi 12 sa 14, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fis-26 ta' Ġunju 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

16. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit

17. Il-baġit inizjali għall-2014 kien jinkludi biss approprjazzjonijiet ta' impenn għal spejjeż operattivi li ammontaw għal EUR 2,3 miljun. Il-baġit ma jinkludix approprjazzjonijiet ta' impenn għal attivitajiet operattivi b'konsegwenza tal-pjanijiet għall-fużjoni tal-ENIAC u l-ARTEMIS matul l-2014 biex tinħoloq l-ECSEL li se tkun responsabbli għas-sejħa tal-2014. Ir-rata ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn amministrattivi kienet ta' 43 %. Ir-raġuni għall-implimentazzjoni baxxa tal-baġit hija prinċipalment dovuta għall-fatt li l-fużjoni seħħet f'Ġunju filwaqt li l-baġit kien adottat għas-sena sħiħa.

Sejħiet għal proposti

18. Fi żmien il-fużjoni, l-ammont totali previst għas-sejħiet għal proposti kien ġie impenjat.

⁽¹¹⁾ L-istrateġija tal-awditjar *ex post* tiddikjara li l-Impriża Konġunta għandha fittex informazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-proċedura tal-awditjar *ex post* applikata fl-Istati Membri fl-ENIAC biex titwettaq valutazzjoni tal-proċeduri nazzjonali fir-rigward ta' kemm huma adatti biex jipprovdu aċċertament suffiċjenti fir-rigward tar-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjonijiet relatati mal-proġetti tal-Impriża Konġunta ENIAC.

⁽¹²⁾ L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 72/2008 jiddikjara li hija "għandha tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-membri tagħha jkunu adegwatament protetti billi twettaq jew tqabbad lil min iwettaq kontrolli interni u esterni adatti" u li hija "għandha twettaq kontrolli fuq il-post u verifiki (awditi) finanzjarji fost id-destinatarij tal-finanzjament pubbliku tal-Impriża Konġunta ENIAC. Il-kontrolli u l-verifiki (awditi) għandhom isiru direttament mill-Impriża Konġunta ENIAC jew mill-Istati Membri fl-ENIAC fisimha."

⁽¹³⁾ Skont l-istrateġija tal-awditjar *ex post* adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-ENIAC, l-Impriża Konġunta trid tivvaluta mill-inqas darba fis-sena jekk l-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri fl-ENIAC tipprovdi aċċertament suffiċjenti fir-rigward tar-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjonijiet esegwiti.

KWISTJONIJET OĦRA**Qafas legali**

19. Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽¹⁴⁾ ġie adottat fil-25 ta' Ottubru 2012 u sar effettiv mill-1 ta' Jannar 2013 ⁽¹⁵⁾. Madankollu, ir-regolament finanzjarju mudell għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmi fl-Artikolu 209 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid ⁽¹⁶⁾ ma daħalx fis-seħħ qabel it-8 ta' Frar 2014. Minħabba l-fużjoni fl-Impriża Konġunta ECSEL, ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta ma ġewx emendati.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

⁽¹⁵⁾ L-Artikolu 214 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 bl-eżenzjonijiet imsemmija.

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014.

ANNEX

L-Impriża Konġunta ENIAC (Brussell)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tipprevedi kontribut tal-Komunità għall-istabbiliment ta' sħubiji pubbliċi-privati fit-tul f'forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti li jistgħu jkunu implimentati permezz ta' Impriżi Komuni (Konġunti) skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC.</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008)</p>	<p>Objettivi</p> <p>L-Impriża Konġunta ENIAC tikkontribwixxi lejn l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) u t-tema "Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-programm speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni. Hija għandha, b'mod partikolari:</p> <ul style="list-style-type: none"> — tiddefinixxi u timplimenta l-aġenda għar-riċerka għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin għan-nanoelettronika f'oqsma differenti ta' applikazzjoni sabiex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-Ewropa u jkun possibbli l-iżvilupp ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà; — tappoġġa l-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-aġenda għar-riċerka (attivitajiet ta' R&Ż), notevolment billi tagħti finanzjament lill-parteċipanti fi proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għal proposti; — tippromwovi sħubija pubblika-privata bl-għan li jiġu mobilizzati u jinġabru flimkien l-isforzi Komunitarji, nazzjonali u daww privati, li jizjeddu l-investimenti globali f'R&Ż fil-qasam tan-nanoelettronika, u titrawwem kollaborazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat; — tiżgura l-effiċjenza u d-durabbiltà tal-JTI dwar in-nanoelettronika; — tikseb sinerġija u koordinazzjoni tal-isforzi Ewropej ta' R&Ż fil-qasam tan-nanoelettronika inkluża l-integrazzjoni progressiva fl-Impriża Konġunta ENIAC tal-attivitajiet relatati f'dan il-qasam implimentati fil-preżent permezz ta' skemi intergovernattivi ta' R&Ż (EUREKA).
<p>Governanza</p>	<p>Il-korp governattiv tal-Impriża Konġunta huwa l-Bord tat-Tmexxija. It-tim eżekuttiv huwa mmexxi minn Direttur Eżekuttiv. L-industrija hija rappreżentata fil-Kumitat tal-Industrija u r-Riċerka u mill-assoċjazzjoni AENEAS bħala membru fundatur. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta l-Unjoni, l-Istati Membri u pajjiżi assoċjati jiffurmaw il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.</p>
<p>Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2014</p>	<p>Baġit</p> <p>EUR 2 356 000,00 għal impenji</p> <p>EUR 76 500 250,00 għal pagamenti</p>

	Persunal fis-26 ta' Ġunju 2014 15-il post previst fit-tabella tal-persunal (7 membri tal-persunal temporanju u 8 membri tal-persunal kuntrattwali), li minnhom 15-il post kienu okkupati; dawn kienu allokat i għal: attivitajiet operazzjonali (6); kompiti amministrattivi (5); kompiti mħallta (4).
Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2014	Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tal-Impriża Konġunta ENIAC fuq www.ecsel.eu

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta ENIAC.

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA ENIAC

13. L-Impriża Konġunta ENIAC għamlet arranġamenti mal-awtoritajiet ta' finanzjament nazzjonali (NFAs) fil-konfini stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) 72/2008 ⁽¹⁾ li jafdaw il-kompitu li jiddefinixxi l-ispejjeż totali tal-NFAs, abbażi tal-ftehimiet ta' għotjiet tagħhom "skont ir-regoli nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji tal-eliġibbiltà u rekwiżiti oħra finanzjarji u legali neċessarji." Dan ir-Regolament ma jstabilixxi kompetenza għall-Impriża Konġunta biex tiddefinixxi regoli għall-NFAs, u ma jagħtihiex is-setgħa biex twettaq kontrolli għall-għarrieda u awditi fost l-NFAs. Dawn in-nuqqasijiet ġew rikonoxxuti u ttaffew fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL li tagħti s-setgħa lill-Impriża Konġunta biex tagħti għotjiet tal-UE f'konformità stretta mal-proċeduri tal-Orizzont 2020.

14. L-Impriża Konġunta ECSEL tikkonferma li l-valutazzjonijiet estensivi tagħha tas-sistemi ta' assigurazzjoni nazzjonali kkonkludew li jistgħu jipprovdu protezzjoni raġonevoli tal-interessi finanzjarji tal-membri tal-Impriża Konġunta; madankollu, kif indikat mill-QEA, il-metodoloġiji nazzjonali ma jippermettux il-kalkolu ta' rata ta' żbalji ppeżati u lanqas rata ta' żbalji residwi għall-proġetti mnedija taħt l-Impriża Konġunta ARTEMIS u ENIAC. Madankollu, din id-diffikultà teknika ma tirriżultax f'opinjoni negattiva tal-QEA iżda naturalment iżżommha milli tikkonferma l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet mingħajr ma tifformula riżerva.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC

RAPPORR

dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

(2015/C 422/05)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1-3	34
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	4	34
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	5-17	34
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	10	35
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	11	35
Osservazzjonijiet	12-16	36
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	18-19	37
Rapporti finanzjarji	18	37
Implimentazzjoni tal-baġit	19	37
Kummenti dwar il-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Impriża Konġunta	20-25	37
Akkwist operazzjonali u għotjiet	21-22	38
Kontroll u monitoraġġ kumplessivi ta' kuntratti ta' akkwist operazzjonali u għotjiet	23-25	39
Kwistjonijiet oħra	26-27	39
Qafas legali	26	39
Rapport annwali tal-attività	27	39
Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti	28-34	39
Drittijiet ta' proprjetà intellettuali u politika industrijali	28-31	39
Kunflitti ta' interess	32	40
Ftehim tal-Istat Ospitanti	33	40
Regoli li jimplementaw ir-Regolamenti tal-Persunal	34	40

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER ⁽¹⁾ u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E) ġiet stabbilita f'Marzu 2007 ⁽²⁾ għal perjodu ta' 35 sena. Filwaqt li l-faċilitajiet prinċipali ta' fużjoni għandhom jiġu żviluppatti f'Cadarache fi Franza, l-Impriża Konġunta tinsab f'Barcellona.
2. Il-kompiti tal-Impriża Konġunta huma ⁽³⁾:
 - (a) li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER ⁽⁴⁾;
 - (b) li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-attivitajiet ta' "Approċċ Usa" (attivitajiet kumplementari ta' riċerka konġunta dwar il-fużjoni) mal-Ġappun għall-iżvilupp rapidu tal-enerġija mill-fużjoni;
 - (c) li tħejji u tikkordina programm ta' attivitajiet bi tħejjija għall-kostruzzjoni ta' reattur dimostrattiv tal-fużjoni u ta' faċilitajiet relatati, inkluża l-Faċilità Internazzjonali ta' Irradjazzjoni ta' Materjali ta' Fużjoni.
3. Il-membri tal-Impriża Konġunta huma l-Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-Euratom u pajjiżi oħra li kkonkludew ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata (fil-31 ta' Diċembru 2014: l-Iżvizzera).

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

4. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

5. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:
 - (a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-ITER U l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ⁽⁵⁾, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁶⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
 - (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

6. Skont l-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 ⁽⁷⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

⁽¹⁾ ITER: Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom tat-13 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 349, 21.12.2013, p. 100) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2015/224 tal-10 ta' Frar 2015 (ĠU L 37, 13.2.2015, p. 8).

⁽³⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi, l-attivitajiet u r-riżorsi disponibbli tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER ġiet stabbilita f'Ottubru 2007 għal perjodu inizjali ta' 35 sena biex timplimenta l-proġett ITER, li għandu l-għan li juri l-fattibbiltà xjentifika u teknoloġika tal-enerġija mill-fużjoni. Il-Membri ta' għana huma l-Euratom, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerika.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁶⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁸⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

7. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁹⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-standards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

8. L-awditu jinvolvi t-twetiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

9. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tal-imniżżlin hawn taħt.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

⁽⁸⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁹⁾ L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

Osservazzjonijiet

12. Mingħajr ma tixħet dubju fuq l-opinjoni esposti fil-paragrafi 10 u 11, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dan li ġej. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fis-7 ta' Lulju 2010⁽¹⁰⁾ approvaw EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008) għall-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta lill-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER. Din iċ-ċifra, li rddopjat l-ispejjeż ibbaġitjati inizjali għal din il-fażi tal-proġett, ma kinitx tinkludi EUR 663 miljun proposti mill-Kummissjoni Ewropea fl-2010 biex ikopru kontinġenzi potenzjali⁽¹¹⁾.

13. Il-kumplessità tal-attivitàjiet tal-F4E⁽¹²⁾ timplika li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta lill-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett huwa espost għal riskji sinifikanti ta' żieda⁽¹³⁾. Dawn ir-riskji prinċipalment jirriżultaw minn bidliet fl-ambitu⁽¹⁴⁾ tar-riżultati ta' għid tal-proġett u minn tidwim fl-iskeda attwali li hija meqjusa bħala mhux realistika⁽¹⁵⁾. Ir-rilaxx ta' linja bażi ġdida tal-proġett ITER (ambitu, skeda u spejjeż) mill-Kunsill tal-ITER IO⁽¹⁶⁾, ippjanat għal Ġunju 2015, ġie pospost għal Novembru 2015. Id-dewmien għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett kien stmat mill-Impriża Konġunta li kien mill-inqas 43 xahar fiż-żmien tal-awditu (Marzu 2015).

14. L-istima l-aktar reċenti tad-defiċit ("kontinġenza negattiva") sal-finalizzazzjoni tal-fażi ta' kostruzzjoni, ikkalkulata mill-Impriża Konġunta f'Novembru 2014, kienet ta' EUR 428 miljun (valuri tal-2008)⁽¹⁷⁾. Bħalissa, l-F4E qed taħdem fuq stima aktar preċiża u aġġornata.

15. L-Impriża Konġunta għadha qed tiżviluppa sistema ċentrali u uniformi biex tintegra d-data operazzjonali kollha u biex tippermetti monitoraġġ u kontroll regolari tal-istimi, l-ispejjeż u d-devjazzjonijiet⁽¹⁸⁾. Barra minn hekk, hija għadha ma aġġornatx il-valwazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta lill-proġett ITER lil hinn mill-finalizzazzjoni tal-fażi ta' kostruzzjoni.

16. B'riżultat tal-isfidi li l-proġett ITER qed jiffaċċja bħalissa, id-Direttur Ġenerali l-ġdid tal-ITER IO ppreżenta pjan ta' azzjoni lill-Kunsill tal-ITER b'miżuri speċifiċi biex jindirizzaw ir-restrizzjonijiet prinċipali li bħalissa qed jaffettwaw l-iżvilupp tal-proġett⁽¹⁹⁾. Fir-rigward tal-Impriża Konġunta F4E, l-Aġent Direttur⁽²⁰⁾ il-ġdid ippreżenta lill-Bord Amministrattiv pjan ta' azzjoni tal-F4E li fil-biċċa l-kbira jappoġġa l-pjan ta' azzjoni tal-ITER IO⁽²¹⁾. Fiż-żmien tal-awditu, il-miżuri prattiċi għall-implimentazzjoni taż-żewġ pjanijiet ta' azzjoni kienu għadhom qed jiġu definiti.

⁽¹⁰⁾ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatus tal-ITER tas-7 ta' Lulju 2010 (Ref.11902/10).

⁽¹¹⁾ Il-komunikazzjoni mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2010 dwar l-istatus tal-ITER u triq possibbli 'l quddiem (KUMM(2010) 226 finali).

⁽¹²⁾ Dan jirriżulta b'mod partikolari mis-soluzzjonijiet ta' inġinerija innovattiva u sfidi tekniċi ta' ħafna mill-kontributi *in natura* li għandhom jiġu pprovduti lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER (ITER IO) u mill-bidliet fl-ispejjeż tekniċi u fl-ambitu, li huma l-mandat tal-ITER IO u li l-F4E għadha f'it li xejn kontroll jew l-ebda kontroll fuqhom.

⁽¹³⁾ Kif irrappurtat ukoll fir-Rapport ta' Progress dwar il-Fużjoni għall-Enerġija lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta' Novembru 2014 u fit-Tielet Valutazzjoni Annwali tar-Rapport dwar l-Enerġija mill-Fużjoni lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta' Novembru 2014.

⁽¹⁴⁾ Fir-rigward tal-bidliet fl-ambitu tal-kontributi *in natura* li għandhom jiġu pprovduti lill-ITER IO, il-mekkaniżmu attwali għall-kumpens taż-żidiet fl-ispejjeż li jirriżultaw minn dawn il-bidliet ikompli jkun punt ta' diskussjoni bejn l-ITER IO u l-F4E, fejn din tal-aħħar tqis li s-sistema attwali ma tiġix applikata bil-mod intenzjonat u li l-F4E titħalla b'żidiet, mhux ikkumpensati, fl-ispejjeż (ir-Rapport ta' Progress 2014 dwar il-Fużjoni għall-Enerġija lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta' Novembru 2014).

⁽¹⁵⁾ Il-paragrafu 13, in-nota 12 f'qiegħ il-paġna tar-Rapport 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 44).

⁽¹⁶⁾ Il-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER (IO).

⁽¹⁷⁾ Dan jirrappreżenta devjazzjoni ta' 7,2% fuq iċ-ċifra approvata mill-Kunsill fl-2010 (ir-Rapport ta' Progress dwar il-Fużjoni għall-Enerġija lill-Kunsill Ewropew tal-Kompetittività ta' Novembru 2014). Iż-żieda relatata mad-devjazzjoni rrappurtata f'Novembru 2013 (EUR 290 miljun) hija ta' EUR 138 miljun, fil-biċċa l-kbira minħabba riżorsi addizzjonali għall-ITER IO, u kontribuzzjoni addizzjonali lill-Ġappun relatata mal-akkwisti tal-UE ttrasferiti lejn il-Ġappun, elementi mhux previsti fil-linja bażi tal-ispejjeż inizjali (ara l-paragrafu 2.7 tal-Kontinġent tal-F4E tal-2014).

⁽¹⁸⁾ Ara l-paragrafu 20.

⁽¹⁹⁾ Fil-5 ta' Marzu 2015, il-Kunsill tal-ITER IO ħatar id-Direttur Ġenerali l-ġdid u approva l-pjan ta' azzjoni 2015 tal-ITER IO.

⁽²⁰⁾ L-Aġent Direttur il-ġdid inħatar mill-Bord Amministrattiv tal-F4E fit-3 ta' Diċembru 2014 għal perjodu ta' sena li beda fl-1 ta' Marzu 2015, sakemm isir il-proċess tal-għażla ta' Direttur ġdid.

⁽²¹⁾ Il-Bord Amministrattiv tal-F4E approva l-prinċipji prinċipali stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-F4E u, b'mod partikolari, il-miżuri biex jappoġġaw il-ħolqien ta' organizzazzjoni integrata ġdida kif previst mid-Direttur Ġenerali tal-ITER IO, u talab l-eżaminar ta' kull kwistjoni legali rigward l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

17. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoniġiet tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Rapporti finanzjarji

18. Fin-noti għar-rapporti finanzjarji, it-tabella u l-informazzjoni inklużi taħt l-Intestatura 4.3.1.1. "ITER Procurement Arrangement (ITER IO)" (Arranġament tal-Akkwist tal-ITER (ITER IO)) jirriflettu l-Arranġamenti tal-Akkwist iffirmati (il-Kolonna 3) u l-Arranġamenti tal-Akkwist ikkreditati sa issa (il-Kolonna 4). Madankollu, it-tabella ma turix il-grad ta' avvanz tax-xogħlijiet fl-idejn u t-test fih informazzjoni limitata. Din hija essenzjali biex jiġi rifless l-istatus u l-valur tal-attivitajiet imwettqa sa issa mill-Impriża Konġunta.

Implimentazzjoni tal-baġit

19. Il-baġit finali 2014 disponibbli għall-implimentazzjoni kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 1 168,8 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 567,6 miljun. Ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament kienu ta' 100 % u 88,5 % rispettivament. Madankollu, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' pagament fir-rigward tal-baġit inizjali 2014 kienet ta' 73 %⁽²²⁾. Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 1 125,2 miljun disponibbli għal attivitajiet operazzjonali, 23 % ġew implimentati permezz ta' impenji individwali diretti filwaqt li s-77 % li kien fadal ġew implimentati permezz ta' impenji globali. Ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni skont l-impenn individwali hija spjegata permezz tad-dewmien kumplessiv tal-proġett ITER u l-bosta talbiet mill-ITER IO għal bidliet.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI EWLENIN TAS-SISTEMI TA' SUPERVIŻJONI U KONTROLL TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

20. Il-Qorti tal-Awdituri tinnotta li sar progress sinifikanti f'ħafna oqsma. Fiż-żmien tal-awditu (Marzu 2015), l-F4E kienet għadha qed tindirizza għadd ta' azzjonijiet ewlenin għall-ġestjoni tal-Impriża Konġunta:

- L-F4E għadha qed tiżviluppa sistema ċentrali u uniformi biex tintegra d-data operazzjonali kollha u biex tippermetti monitoraġġ u kontroll regolari tal-istimi u d-devjazzjonijiet tal-ispejjeż, inkluża s-sistema biex jiġi smat il-valur ta' kull punt ta' ħidma fil-livell kuntrattwali. Fiż-żmien tal-awditu, l-F4E kienet ikkompletat aġġornament tal-inja bażi tagħha fir-rigward tal-ispejjeż⁽²³⁾ fil-livell 4 tal-Istruttura Bbażata fuq ix-Xogħol (Working Base Structure) (WBS) iżda mhux fil-livell kuntrattwali (il-livell 6). Barra minn hekk, is-sistema ta' forniment ta' informazzjoni dwar il-grad ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet (Ġestjoni tal-Valur tal-Qliġh) (Earn Value Management) għad trid tiġi żviluppata.
- Il-pjanijiet ta' azzjoni adottati mill-Impriża Konġunta, b'rispons għall-awditu interni taċ-ċirkwiti finanzjarji, il-ġestjoni tal-għotjiet u l-kuntratti tal-esperti, ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira implimentati fiż-żmien tal-awditu (Marzu 2015). Fir-rigward tal-istatus kumplessiv tal-pjanijiet ta' azzjoni kollha adottati mill-F4E b'rispons għall-awditu interni mwettqa sa issa⁽²⁴⁾, fid-data tal-awditu, mis-46 rakkomandazzjoni li għadhom fl-idejn, id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' 29 rakkomandazzjoni kienet skaduta.

⁽²²⁾ Il-baġit inizjali disponibbli għal approprjazzjonijiet ta' pagament adottat fil-11 ta' Diċembru 2013 kien ta' EUR 698 miljun. Huwa mbagħad tnaqqas għal EUR 567,6 miljun fil-baġits emendatorji tas-11 ta' Ġunju u l-10 ta' Diċembru 2013, prinċipalment minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-kapitolu tal-ITER dwar il-baġit għall-kostruzzjoni.

⁽²³⁾ Il-Linja Bażi tal-Ispejjeż (Cost Baseline) (CB) kif inhi definita fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna tar-Rapport ta' Progress 2014 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: "The amount of money a project, a work breakdown structure component, a work package, or a schedule activity was estimated to cost when the Project Baseline was established. It reflects the cost estimates that were originally at the base of the 6.6 Billion Euro F4E budget, appropriately updated to add only the estimated costs associated with any scope changes that have occurred up to now. It is the reference against which F4E cost performance will be measured. The CB for a given amount of scope is given with a cost Probability Density Function (PDF)." (L-ammont ta' flus li proġett, komponent ta' struttura tar-ripartizzjoni tax-xogħol, pakkett tax-xogħol, jew attività tal-iskeda kienu smati li jiswew meta ġiet stabbilita l-Linja Bażi tal-Proġett. Din tirrifletti l-istimi tal-ispejjeż li oriġinarjament kienu fil-bażi tal-baġit tal-F4E ta' EUR 6,6 biljun, aġġornati b'mod xieraq biex jiżiedu biss l-ispejjeż smati assoċjati ma' kwalunkwe bidliet fl-ambitu li sehew sa issa. Hija r-referenza li magħha se titkejjel il-prestazzjoni tal-ispejjeż tal-F4E. Is-CB għal ammont partikolari ta' ambitu tingħata b' Funzjoni tad-Densità tal-Probabbiltà (PDF) tal-ispejjeż).

⁽²⁴⁾ Awditi interni taċ-ċirkwiti finanzjarji, il-ġestjoni tal-għotjiet, il-kuntratti tal-esperti, l-attivitajiet operazzjonali ta' qabel l-akkwist, l-akkwist fil-qasam tal-binjiet tal-ITER, l-għażla u r-reklutaġġ, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti fil-qasam tal-binjiet tal-ITER, it-tħejjija ta' arranġamenti tal-akkwist fl-Impriża Konġunta tal-UE għall-ITER u l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni, l-analiżi tal-proċedura ta' djalogu kompetittiv għall-akkwist tal-Lott tal-Offerti 03 (il-Binjiet Tokamak) u l-analiżi limitata dwar il-ġestjoni tal-kuntratti.

- Fl-2014, il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Impriża Konġunta (IAC) wettqet analiżi tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti fiż-żona tal-binjiet tal-ITER ⁽²⁵⁾ u ddeskriviet fil-qosor l-eżistenza ta' fatturi importanti ta' riskju bħat-tfassil immatur ta' xi wħud mill-attivitajiet tal-ITER, l-għadd kbir ta' talbiet għal bidla tal-proġett, l-iskeda mhux realistika tal-proġett u t-tidwim attwali fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet. Huwa diffiċli għall-F4E li timmitiga xi wħud minn dawn ir-riskji b'mod effettiv, billi s-sjieda tagħhom hija tal-ITER IO. L-analiżi identifikat ukoll li kontrolli aktar b'saħħithom u bidliet fil-proċessi huma meħtieġa, b'mod partikolari fil-kontroll tal-ġestjoni u tal-bidliet, fil-ġestjoni finanzjarja tal-kuntratti u fil-ġestjoni ta' nuqqas ta' konformitajiet.
- Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS) wettaq analiżi limitata dwar il-ġestjoni tal-kuntratti ⁽²⁶⁾ u ddeskriva fil-qosor li l-F4E miexja minn organizzazzjoni li hija prinċipalment orjentata lejn l-akkwist għal organizzazzjoni li prinċipalment timmaniġġja l-kuntratti. Filwaqt li l-analiżi kkonkludiet li l-F4E qed tagħmel progress fl-istabbiliment ta' kontrolli fl-entitajiet kollha biex jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-implimentazzjoni tal-kuntratti, hija identifikat ukoll ċertu għadd ta' oqsma fejn il-kontrolli stabbiliti għadhom mhumiex maturi biżżejjed, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni ta' emendi tal-kuntratti u kontinġenzi.
- Is-sistema ta' mmaniġġjar tar-riskju korporattiva interna tal-F4E identifikat 10 riskji ġodda fl-2014. Mit-32 azzjoni identifikati f'Ottubru 2014 biex jiġu indirizzati 6 riskji għoljin ħafna, 13-il azzjoni ġew implimentati, 9 azzjonijiet kienu fl-idejn, azzjoni waħda ġiet ikkanċellata bħala obsoleta u 9 azzjonijiet kienu għadhom ma bdewx.

Akkwist operazzjonali u għotjiet

21. Proċeduri nnegożjati kkonstitwixxew 58 % mis-67 proċedura operazzjonali tal-offerti li tnedew fl-2014 (44 % fl-2013). Għalkemm l-Impriża Konġunta topera f'qasam tekniku speċjalizzat ħafna, hija xorta teħtieġ li żżid il-kompetittività tal-proċeduri ta' akkwist. Fir-rigward tal-għotjiet, l-għadd medju ta' proposti riċevuti kien biss ta' waħda għal kull sejħa.
22. Ġew awditjati ħames proċeduri ta' akkwist operazzjonali. Ġew identifikati d-dgħufijiet li ġejjin:
 - B'eċċezzjoni waħda, l-F4E naqset milli tipprovdi l-ammont allokat għall-kuntratti differenti mill-baġit limitat ta' EUR 6,6 biljun fiż-żmien tat-tnedija tal-proċedura. Barra minn hekk, lanqas ma pprovdiet il-valur għall-istima meta dawn l-attivitajiet ġew ikkompletati (estimate at completion (EAC)) ⁽²⁷⁾. Din l-informazzjoni hija essenzjali biex jiġu kkalkulati d-devjazzjonijiet tal-ispejjeż mill-baġit limitat.
 - F'każ wieħed, id-devjazzjoni tal-valur mogħti tal-kuntratt fuq il-linja bażi tal-ispejjeż kienet ta' 29 % (EUR 12,4 miljun fil-valuri tal-2008). Din id-devjazzjoni ma ġietx irrappurtata fir-rapport tal-kumitat ta' evalwazzjoni.
 - Instabu defiċjenzi fil-valutazzjoni tal-offerti finanzjarji mill-kumitat ta' evalwazzjoni. F'każ wieħed, la l-għażliet kuntrattwali (li jammontaw għal EUR 32 miljun) u lanqas l-ispejjeż addizzjonali li għandhom jiġġarrbu ma tteħdu inkunsiderazzjoni fil-valutazzjoni. F'każ ieħor, l-offerti ma tqabblux mal-valur allokat mill-baġit limitat, jew mal-linja bażi tal-ispejjeż. Fl-ebda waħda mill-proċeduri analizzati, ir-rapporti tal-kumitat ta' evalwazzjoni ma ddikjaraw l-EAC għal dawn il-kuntratti.
 - Il-prestazzjoni ta' proċedura waħda ta' akkwist ġiet affettwata minn tidwim ta' 21 xahar wara d-data fil-mira għall-ikkompletar. F'żewġ proċeduri oħra ta' akkwist, il-kuntratti ngħataw 10 u 5 xhur wara d-data fil-mira.

⁽²⁵⁾ L-analiżi mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-F4E dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti fiż-żona tal-binjiet tal-ITER ta' Ottubru 2014.

⁽²⁶⁾ L-Analiżi Limitata mill-IAS tal-Ġestjoni tal-Kuntratti – Kontrolli tal-Entitajiet kollha fl-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ta' Ottubru 2014.

⁽²⁷⁾ EAC kif definita fin-nota 4 f'qiegħ il-paġna tar-Rapport ta' Progress 2014 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: "The expected total cost of a scheduled activity, a work breakdown structure component, or the project when the defined scope of work is completed. In practice it covers all the most up to date cost estimates of F4E's activities, including real costs of finished contracts, updated total cost estimates of current contracts, as well as forecast costs of future contracts. Thus the EAC also includes the cost of expected changes and of risks that may materialise during the execution of the current and future contracts. The EAC is given with a cost Probability Density Function (PDF)." (L-ispiża totali mistennija ta' attività skedata, komponent ta' struttura tar-ripartizzjoni tax-xogħol, jew il-proġett meta giet ikkompletat l-ambitu definit tax-xogħol. Fil-prattika din tkopri l-istimi kollha l-aktar aġġornati tal-ispejjeż tal-attivitajiet tal-F4E, inklużi l-ispejjeż reali tal-kuntratti lesti, l-istimi aġġornati tal-ispejjeż totali tal-kuntratti attwali, kif ukoll l-ispejjeż imbassra tal-kuntratti futuri. Għaldaqstant, l-EAC tinkludi wkoll l-ispiża ta' bidliet mistennija u ta' riskji li jistgħu jimmaterjalizzaw matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratti attwali u futuri. L-EAC tingħata b'Funzjoni tad-Densità tal-Probabbiltà (PDF) tal-ispejjeż).

- Fi proċedura waħda ta' akkwist, l-Impriża Konġunta kellha tinkludi attività mhux prevista u mhux ibbaġitjata fil-programm ta' ħidma 2014 ⁽²⁸⁾. Il-valur tal-kuntratt addizzjonali kien ta' EUR 2,88 miljun.
- Fi proċedura waħda ta' akkwist, il-valutazzjoni tal-kriterji tal-ġhoti tekniċi pprovduta mill-kumitat ta' evalwazzjoni fir-rapport ta' evalwazzjoni kienet ġenerika wisq u l-kummenti rreġistrati ma kinux dettaljati b'mod suffiċjenti biex jappoġġaw il-punteġġi mogħtija.
- Fi tliet proċeduri ta' akkwist, għalkemm l-Impriża Konġunta ppubblikat l-avviżi korrispondenti dwar kuntratti u wettqet għadd ta' attivitajiet ta' qabel l-akkwist, hija ma ma rreklamax il-kuntratti permezz ta' avviż ta' informazzjoni minn qabel sabiex iżżid il-viżibbiltà u l-kompetizzjoni, kif irrakkomandat mill-Vademecum tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku.

Kontroll u monitoraġġ kumplessivi ta' kuntratti ta' akkwist operazzjonali u għotjiet

23. L-Impriża Konġunta għandha sistema biex twettaq awditi ⁽²⁹⁾ fil-livell ta' kuntratturi bil-għan li tiċċekkja l-konformità mar-rekwiżiti tal-garanzija tal-kwalità ⁽³⁰⁾.
24. Fir-rigward tal-kontroll u l-monitoraġġ kumplessivi ta' kuntratti operazzjonali (inkluża l-verifikazzjoni finanzjarja u tal-konformità), il-Kapaċità tal-Awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea koprew dan il-qasam fil-pjanijiet tal-awditjar tagħhom tal-2014 ⁽³¹⁾.
25. Fir-rigward tal-awditi *ex post* tal-ġhotjiet (bħala parti mill-istrategġija kumplessiva ta' kontroll u monitoraġġ tal-F4E), l-eżerċizzju ma ġiex konkluż fiż-żmien tal-awditu tal-Qorti.

KWISTJONIJIET OĦRA

Qafas legali

26. Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽³²⁾ ġie adottat fil-25 ta' Ottubru 2012 u sar effettiv mill-1 ta' Jannar 2013 ⁽³³⁾. Ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi ⁽³⁴⁾ msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid daħal fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2013. Fiż-żmien tal-awditu, ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta kienu għadhom ma ġewx emendati biex jirriflettu dawn il-bidliet.

Rapport annwali tal-attività

27. Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2014, il-President tal-Bord Amministrattiv tal-F4E jirreferi għall-ħtieġa li jiġu segwiti l-azzjonijiet kollha ta' trażżin tal-ispejjeż, filwaqt li d-Direttur Eżekuttiv jirreferi għat-tisħiħ u t-titjib ulterjuri tas-sistema ta' kontroll intern sabiex b'mod xieraq jiġu mitigati r-riskji osservati mil-Qorti Ewropea tal-Awdituri fit-taqsim "Osservazzjonijiet" tar-Rapport Annwali 2013 ⁽³⁵⁾ tagħhom.

SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI

Drittijiet ta' proprjetà intellettuali u politika industrijali

28. Id-deċizzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Industrijali tal-Fużjoni għall-Enerġija u l-Politika dwar id-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali u t-tixrid ta' informazzjoni ġiet adottata mill-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta fis-27 ta' Ġunju 2013.

⁽²⁸⁾ Dan irriżulta mill-fatt li l-Impriża Konġunta jkollha għorr l-ispiża ta' falliment fil-fażi ta' produzzjoni tal-komponent.

⁽²⁹⁾ Mid-19-il awditu tal-kwalità mwettqa fl-2014, 17 ingħalqu sa Marzu 2015. L-awditi identifikaw 21 sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-proċeduri u 129 qasam għal titjib.

⁽³⁰⁾ L-awditi koprew il-pjan tal-kwalità, sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità (kwalunkwe kundizzjoni li ma tikkonformax ma' rekwiżit speċifiku), il-kontroll tax-xiri u l-ġestjoni tas-sottokuntrattar, il-ġestjoni tad-dokumentazzjoni u tad-*data*, il-ġestjoni tal-bidliet u tad-devjazzjonijiet, il-pjan ta' kontroll tal-kwalità għax-xogħlijiet ċivili, l-iskeda dettaljata għall-proġett, il-ġestjoni tar-riskju tal-kuntratti u l-pjan ta' kontroll tal-kwalità għal xogħlijiet tekniċi.

⁽³¹⁾ Ara l-paragrafu 20, il-punti 4 u 5.

⁽³²⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1)

⁽³³⁾ L-Artikolu 214 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 bl-eżenzjonijiet imsemija.

⁽³⁴⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽³⁵⁾ Il-paragrafu 30, tar-rapport 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 50).

29. Bosta azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u l-politika industrijali ġew iffinalizzati fl-2014⁽³⁶⁾ filwaqt li oħrajn għadhom qed jiġu implimentati⁽³⁷⁾, u tlieta kienu qed jistennew aktar żviluppi⁽³⁸⁾. Ladarba jiġu implimentati l-azzjonijiet, l-F4E tippjana li twettaq eżerċizzju ta' valutazzjoni tal-impatt sabiex jitkejjel l-impatt tal-miżuri differenti fuq l-ilhug tal-oġġettivi tal-politika industrijali.

30. Waħda mill-miżuri adottati mill-F4E fl-2013, sabiex jiġi attirat l-interess tal-industrija fil-proġett ITER u biex tiżdied il-kompetizzjoni, hija li toffri lill-kuntratturi drittijiet esklussivi għall-isfruttament tal-Proprjetà Intellettuali li jipproduċu f'oqsma lil hinn mill-fużjoni u drittijiet mhux esklussivi fil-qasam tal-fużjoni.

31. Biex timmitiga r-riskji relatati mal-obbligu għall-Impriża Konġunta li żżomm id-dritt għall-aċċess tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali sħaħ (tagħrif eżistenti u għarfien u drittijiet miksuba) involuti fil-kontribuzzjonijiet *in natura* Ewropej u biex tkun tista' tittrasferixxi dan l-aċċess lill-Organizzazzjoni ITER, jekk meħtieġ, l-Impriża Konġunta adottat klawżoli kuntrattwali speċifiċi applikabbli għall-attivitajiet tal-F4E.

Kunflitti ta' interess

32. Ir-Regoli dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tal-persunal ġew adottati mill-Bord Amministrattiv tal-F4E u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014⁽³⁹⁾. Skont l-Artikolu 6 ta' Regola ta' Kunflitti ta' Interess, ġie stabbilit regjistru biex jimmonitorja l-każijiet prinċipali, b'informazzjoni dwar il-membri tal-persunal ikkonċernat, it-tip ta' kunflitti ta' interess u s-sitwazzjoni li twassal għal kunflitti ta' interess. Huwa stabbilixxa wkoll il-bażi tad-*data* għad-dikjarazzjoni ġenerali ta' forom ta' interess, imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regoli dwar il-Kunflitti ta' Interess.

Ftehim tal-Istat Ospitanti

33. Skont il-Ftehim tal-Istat Ospitanti ffirmat mar-Renju ta' Spanja fit-28 ta' Ġunju 2007, il-bini permanenti kien imissu sar disponibbli għall-Impriża Konġunta sa mhux aktar tard minn Ġunju 2010 Wara kuntatti bejn l-F4E u l-Gvern Spanjol, offerta formali ġiet ippreżentata lill-Impriża Konġunta fl-10 ta' Marzu 2015. L-offerta ġiet ippreżentata lill-Bord Amministrattiv fid-19 ta' Marzu u bħalissa qed isiru diskussjonijiet mal-awtoritajiet Spanjoli.

Regoli li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal

34. Matul l-2014, l-Impriża Konġunta adottat bosta regoli tal-KE li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal⁽⁴⁰⁾. Fiż-żmien tal-awditu (Marzu 2015), xi regoli speċifiċi tal-KE kienu għad kellhom jiġu adottati⁽⁴¹⁾.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa ta' 20 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽³⁶⁾ Fost l-oħrajn, fuq limitazzjoni espliċita ta' obligazzjoni għal danni indiretti/konsegwenzjali għall-valur tal-prezz tal-kuntratti; pagament mill-F4E ta' spejjeż addizzjonali mġarrba mill-kuntrattur b'konsegwenza tal-bidla fil-legalizzazzjoni applikabbli; kondivizzjoni ta' riskji għal żbalji fid-dokumentazzjoni teknika tal-input; indennizz lill-kuntratturi f'każ ta' sospensjoni tal-kuntratt matul perjodu definit minimu; rimborż ta' spejjeż addizzjonali mġarrba mill-kuntrattur f'każ ta' tidwim fil-forniment ta' oġġetti bi ħruġ gratwit; pjan għat-titjib tal-Portal tal-Industrija tal-F4E u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ulterjuri tal-akkwist elettroniku; Żviluppar ta' linji gwida armonizzati għad-definizzjoni u l-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla u tal-għoti.

⁽³⁷⁾ Linji Gwida dwar kumpens finanzjarju għal parteċipazzjoni fi djalogu kompetittiv.

⁽³⁸⁾ Eżenzjoni estiża minn obligazzjonijiet nukleari; tranżizzjoni lejn akkwisti bbażati fil-biċċa l-kbira fuq il-prestazzjoni; u esplorazzjoni tal-possibbiltà ta' Djalogu Kompetittiv f'żewġ stadji.

⁽³⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Bord amministrattiv tal-Fużjoni għall-Enerġija li jadotta regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess rigward il-membri tal-persunal tal-Impriża Konġunta.

⁽⁴⁰⁾ B'mod partikolari fir-rigward tal-pensjonijiet, ir-remunerazzjonijiet u l-allowances, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-ispejjeż mediċi, l-etika u l-kondotta, u tal-persunal assenjat barra mill-UE.

⁽⁴¹⁾ Fost oħrajn, dwar ir-reklutaġġ ta' agentijiet temporanji, l-użu u l-ingaġġ ta' persunal kuntrattwali, u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-uffiċjali u l-promozzjonijiet.

ANNEX

L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Barcellona)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderiwaw mit-Trattat</p> <p>(l-Artikoli 45 u 49 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika)</p>	<p>Il-Kapitolu 5 dwar l-“Intrapriżi Konġunti” (Impriżi Konġunti), tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari:</p> <p>L-Artikolu 45</p> <p>“Impriżi ta' importanza eċċezzjonali għall-iżvilupp tal-industrija nukleari fil-Komunità jistgħu jkunu stabbiliti bħala Intrapriżi Konġunti fit-tifsira ta' dan it-Trattat u skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli li ġejjin ...”</p> <p>L-Artikolu 49</p> <p>“Il-kostituzzjoni ta' Intrapriżi Konġunti għandha tirriżulta minn deċiżjoni tal-Kunsill. Kull Intrapriża Konġunta jkollha personalità ġuridika.”</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>(Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom, emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill/Euratom 2015/224)</p>	<p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER; — li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Euratom lil attivitajiet ta' Approċċ Usa' mal-Ġappun għat-twettiq rapidu tal-enerġija mill-fużjoni; — li tħejji u tikkoordina programm ta' attivitajiet bi tħejjija għall-kostruzzjoni ta' impjant (reattur) dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u ta' faċilitajiet relatati, inkluża l-Faċilità Internazzjonali ta' Irradjazzjoni ta' Materjali ta' Fużjoni (IFMIF). <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tissorvelja t-tħejjija tas-sit tal-proġett ITER; — tipprovdi komponenti, tagħmir, materjali u riżorsi oħrajn lill-Organizzazzjoni ITER; — timmaniġġja arranġamenti tal-akkwist fir-rigward tal-Organizzazzjoni ITER u, b'mod partikolari, proċeduri assoċjati ta' garanzija tal-kwalità; — tħejji u tikkoordina l-parteċipazzjoni tal-Euratom fl-isfruttament xjentifiku u tekniku tal-proġett ITER; — tikkoordina l-attivitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' riċerka u ta' żvilupp b'appoġġ għall-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-Organizzazzjoni ITER; — tipprovdi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Euratom lill-Organizzazzjoni ITER; — tagħmel arranġamenti biex ir-riżorsi umani jkunu disponibbli għall-Organizzazzjoni ITER; — tiżgura l-interfaċċa mal-Organizzazzjoni ITER u ttwettaq kwalunkwe attività oħra biex tkompli tavvanza bil-Ftehim tal-ITER.

Governanza	<p>Bord Amministrattiv, Direttur u korpi oħra</p> <p>Il-Bord Amministrattiv huwa responsabbli mis-superviżjoni tal-Impriża Konġunta fl-insegwiment tal-oġġettivi tagħha u jiżgura kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-Impriża Konġunta u l-membri tagħha fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Flimkien mal-Bord Amministrattiv u mad-Direttur, li huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv responsabbli mill-ġestjoni ta' kuljum tal-Impriża Konġunta u r-rappreżentant legali tagħha, l-Impriża Konġunta għandha diversi korpi:</p> <p>Bureau, Panel Konsultattiv Tekniku, Kumitat Eżekuttiv, Kumitat Amministrattiv u Finanzjarju, Kumitat tal-Awditjar.</p> <p>Awditur Intern: kapacià tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS) mill-1 ta' Jannar 2012 'il hawn.</p> <p>Awditur estern: il-Qorti Ewropea tal-Awdituri</p> <p>Awtorità ta' kwittanza: il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2014	<p>Baġit</p> <p>Dħul finali ta' EUR 550,6 miljun (approprjazzjonijiet ta' pagament) li minnhom 77 % ffinanzjati mill-kontribuzzjoni tal-Komunità.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</p> <p>262 post ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji tal-UE previsti fit-tabella tal-persunal, li minnhom 249 post kienu okkupati;</p> <p>144 post ta' aġenti kuntrattwali okkupati.</p>
Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2014	<p>Għal informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet u s-servizzi pprovduti fl-2014, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-F4E fuq http://www.fusionforenergy.europa.eu/</p>

Sors: L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni.

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

13. Tul dawn l-aħħar snin, l-F4E intalbet timplimenta proġett bi sfidi tekniċi inerenti u kundizzjonijiet tal-konfini ta' ġestjoni li kważi ma għandhom l-ebda preċedent fid-dinja kollha: fil-kuntest tal-isfidi diġà kbar tal-implimentazzjoni ta' apparat teknikament kumpless bħall-ITER li huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma bbażati fuq kontributi li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma pprovduti minn entità oħra, l-Organizzazzjoni ITER (IO), u d-devjazzjonijiet mill-ispeċifikazzjonijiet, anki matul l-implimentazzjoni tal-kuntratt, huma estremament frekwenti. L-F4E kienet fil-parti riċeventi ta' dawn, hekk kif kellha timplimentahom fil-biċċa l-kbira tagħhom mingħajr ebda kumpens.

L-adozzjoni fl-2011 mill-Kunsill tal-ITER ta' l-hekk imsejħa "linji gwida MAC-10", li jiddefinixxu r-responsabbiltajiet li jridu jintrefgħu għall-finanzjament tal-bidliet fid-disinn u oriġinarjament introdotti bl-oġettiv li jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, iggravat minflok tejbet is-sitwazzjoni deskritta hawn fuq. Dan wassal għal sforz żgħir fl-Inġinerija tas-Sistemi/Valur fl-integrazzjoni IO, bi spejjeż żejda u iktar tensjonijiet li żviluppaw fost l-IO u l-Aġenziji Domestiċi (DAs) kollha. Din il-problema hija severa għad-DAs kollha, iżda b'mod partikolari għall-F4E, fejn l-impatt ta' bidliet kostanti fil-komponenti jaffettwa l-binjiet kważi b'mod awtomatiku", kif evidenzjat mid-dokumenti pprovduti lill-Bord tat-Tmexxija (GB) tal-F4E fil-laqgħa ta' Diċembru 2014 tagħha.

L-ispiża tiddependi b'mod ċar fuq il-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol (jiġifieri d-disinn) u saħansitra dan huwa iktar minnu meta jkunu meħtieġa alterazzjonijiet matul il-fażi ta' kostruzzjoni tal-bidu. Il-fatt li din tal-aħħar, fil-biċċa l-kbira tagħha hija taħt il-kontroll tal-IO u t-tmexxija tagħha, u dik li ġiet qabel l-F4E, turi b'mod ċar allinjament ħażin tar-responsabbiltajiet.

Dan huwa tabilħaqq wieħed mill-aspetti l-iktar ta' sfida mill-proġett ITER, kif ukoll identifikat fl-istudju għall-2013 tal-Parlament Ewropew dwar il-kosteffettività tal-proġett ITER minn Ernst and Young. Tabilħaqq l-intestaturi tas-sommarju eżekuttiv ta' dan l-istudju jgħidu li ż-"*Żidiet fl-ispejjeż kienu fil-biċċa l-kbira joriġinaw mil-livell tal-proġett u ma jaqgħux taħt il-kontroll dirett tal-F4E*" u l-"*F4E hija organizzazzjoni sui generis li taħdem f'ambjent kumpless, li tillimita l-possibbiltajiet għal kosteffiċjenza*". Fil-qosor, minħabba t-twaqqif tal-Ftehim u tal-istrumenti tiegħu, frazzjoni sinifikanti tal-ispejjeż li l-F4E trid tassorbi mhumiex taħt il-kontroll dirett tagħha.

B'mod speċifiku fir-rigward tal-kwistjoni tal-kontroll tal-ispejjeż, li huwa oġettiv ewlieni tal-F4E, skont il-linji gwida MAC-10 preċedenti, kwalunkwe sistema ta' kontroll limitata fi ħdan l-F4E ma kinitx tista' tillimita l-influss ta' bidliet mill-IO (li taġixxi bħala s-sid u l-integratur). Issa biss, bl-eliminazzjoni tal-linji gwida MAC-10 u l-introduzzjoni ta' sistema biex tieħu posthom għall-għan maħsub tagħhom (il-Fond ta' Riżerva tal-IO), kif ukoll bil-wegħda tal-maniġment il-ġdid tal-IO li jimplementa sistema ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni komprensiva, jaf ikun possibbli, permezz ta' integrazzjoni gradwali tal-proċessi ta' ġestjoni teknika, li tiġi implimentata sistema ta' kontroll tal-ispejjeż iktar effettiva.

Filwaqt li fil-biċċa l-kbira bbażaw ruħhom fuq dak li ntqal hawn fuq, il-partijiet interessati tal-proġett (IO u d-DAs – inkluż l-F4E) waslu għall-konklużjoni li l-iskeda attwali mhijiex waħda realistika – fatt li ġie kkonfermat ukoll minn diversi valutazzjonijiet indipendenti fl-aħħar sentejn (2013-2014). Għal din ir-raġuni IO/F4E, flimkien ma' DAs ta' Partijiet oħrajn, qegħdin jaħdmu fuq skeda riveduta ġdida li għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill tal-ITER f'Novembru 2015. L-iskeda riveduta mbagħad għandha tiġi vvalutata mill-Partijiet tal-ITER li għandha tqis ukoll ir-riżorsi disponibbli u d-dimensjoni tal-ispejjeż, peress li dawn l-elementi huma relatati mill-qrib. Għalhekk huwa probabbli ħażna li, b'riżultat tal-iskeda riveduta, l-istima globali tal-ispejjeż ser ikollha tiġi diskussa u proposta. Din mhux sejra taffettwa r-riżorsi meħtieġa fl-MFF attwali (Qafas Finanzjarju Pluriennali), iżda jaf ikollha konsegwenzi fuq żmien itwal.

14. L-F4E hija obbligata li timplimenta r-rekwiżiti u l-bidliet fid-disinn imposti mill-IO, anki jekk dawn jaf ikollhom impatt fuq l-ispejjeż u r-riskji ta' spejjeż. Fl-istess ħin, l-F4E qiegħda tfittex b'mod vigoruż medda kbira ta' miżuri ta' ffrankar tal-ispejjeż taħt superviżjoni mill-qrib tal-GB tagħha biex jiġi żgurat li jitħares il-limitu massimu tal-baġit allokat għall-MFF attwali sal-2020. Xi wħud minn dawn il-miżuri huma:

- Li jintużaw aħjar it-tipi ta' proċeduri ta' akkwist differenti disponibbli li jippermettu lill-F4E tnaqqas l-ispejjeż u li din taħdem b'mod iktar effiċjenti: dan jinkludi l-użu estensiv tad-djalogo kompetittiv u l-proċeduri nnegozjati, meta jkun permess mir-Regolament Finanzjarju tal-F4E, li jgħinuna nidentifikaw is-soluzzjonijiet kosteffikaċi flimkien mal-kuntratturi;
- Li jittejjeb il-valur għall-flus tal-proċeduri ta' akkwist billi titwessa' l-kompetizzjoni bejn il-fornituri potenzjali: dan jinkludi l-użu ta' strateġiji ta' akkwist fi stadji b'diversi fornituri li jiżviluppaw prototipi b'mod parallel matul l-istadji bikrin u mbagħad jikkompetu għall-produzzjoni tas-serje;

- Li tiġi ffaċilitata inġinerija tal-valur iktar b'saħħitha, li tiġi promossa allokkazzjoni effiċjenti tal-obbligi ta' akkwist bejn l-atturi differenti (IO u DAs), li jintlaħqu standards u jiġu sfruttati l-ekonomiji ta' skala meta jkun possibbli.

Il-kontroll tal-ispejjeż sejjer ikompli jkun prijorità fil-livell ta' ġestjoni tal-proġett globali taħt it-tmexxija tad-Direttur Ġenerali (DĠ) l-ġdid tal-Organizzazzjoni ITER minn Marzu 2015.

Sa fejn huma kkonċernati l-ispejjeż fil-livell tal-F4E, qiegħda titwettaq Stima mat-Tlestija ddetaljata fil-livell 6 tad-WBS (Struttura tat-Tqassim tax-Xogħol) għall-kontribuzzjonijiet in natura tal-UE billi jitqiesu r-riskji u l-inċertezzi. Dan ir-riżultat sejjer iwassal għall-evalwazzjoni tar-reqwiżiti ta' kontinġenza l-ġodda.

15. Kif irrapportat fl-okkażjonijiet preċedenti mill-F4E, il-limitu massimu tal-baġit għall-MFF attwali kien stabbilit fuq l-assunzjonijiet tal-eżerċizzju mwettqin fl-2008 (ir-rapport ta' Toschi) li saru fil-livell 3 tad-WBS (Sistema) u 4 (PA – Arranġament ta' Akkwist). Dan bl-ebda mod ma jfisser li m'hemm l-ebda sistema biex jiġu ssoveljati l-ispejjeż. Fil-fatt diġà hemm sistema kompletament operattiva biex jiġu kkontrollati u ssoveljati l-ispejjeż fil-livell tal-arranġament ta' akkwist, il-livell 4 tad-WBS, u fil-livell tas-sistema, il-livell 3 tad-WBS (kif rikonoxxut mill-Qorti fir-rapport tal-2013 tagħha). Dak li tabilħaqq l-F4E kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ meta sar l-awditjar (Marzu 2015) kienet id-data kollha fil-livell 6 (kuntratti). Dan ma jfissirx li l-F4E ma stmatx l-ispejjeż fil-kuntratti individwali, dan għamlitu, iżda fit-timijiet individwali tal-proġett u mhux b'mod ċentralizzat u uniformi.

Filwaqt li minn diversi snin l-F4E tħaddem numru ta' għodod ta' ġestjoni tad-data biex iżżomm/timmaniġġja d-data operattiva u finanzjarja tagħha (eż. ABAC, Kuntratti ABAC, Primavera, IDM, eċċ...) integrata minn "Sistema ta' Rapportar Integrata", l-F4E tikkonferma li x-xogħol jinsab għaddej biex ittejjeb is-sistema ta' ġestjoni tagħha biex tiġi mmaniġġjata d-data dwar l-ispejjeż u d-devjazzjonijiet. L-ewwel parti, is-sistema u l-metodoloġija biex jiġu ssoveljati l-istimi tal-ispejjeż u d-devjazzjonijiet fil-livell tal-kuntratt, ġiet ippreżentata f'Settembru 2015 lis-Servizzi tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni matul iż-żjara tagħhom dwar l-awditu ta' segwitu għall-Preparazzjoni tal-PA. It-tieni fażi sejra tkun l-implimentazzjoni ta' sistema kompletament integrata tal-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi (ERP) li sejra tintegra d-data u l-proċessi: mill-ibbaġitjar, permezz tal-akkwist, sal-ġestjoni tad-devjazzjonijiet u t-tweqqif. L-implimentazzjoni tal-ERP intlaħaq ftehim fuqha fil-livell tal-GB flimkien mat-twaqqif tar-raba' Dipartiment iddedikat fi ħdan l-organizzazzjoni tal-F4E li l-fokus tiegħu sejra tkun il-ġestjoni tal-proġett (l-ispiża, il-kamp ta' applikazzjoni, l-iskeda, u r-riskju) u l-infrastruttura tiegħu (moduli tad-data, l-għodod, il-proċessi).

L-F4E tikkonferma li twettaq aġġornament, li jqis il-bidliet preċedenti fil-kamp ta' applikazzjoni li jirriżultaw mill-IO, tal-linja bażi tal-ispejjeż, kif żviluppat mill-grupp ta' Toschi fl-2008, fil-livell 4 u dan jiġi aġġornat kull meta jiġu approvati bidliet fil-linja bażi (prinċipalment permezz tat-Talbiet għal Bidla fil-Proġett) mill-Kunsill tal-ITER. Peress li hija kkonċernata l-linja bażi tal-ispejjeż fil-livell 6, ir-rikostruzzjoni tal-istimi tal-ispejjeż ta' Toschi f'tali livell kienet possibbli biss għal xi sistemi (eż. il-Magnet) peress li m'hemmx biżżejjed data mir-riżultati tal-grupp ta' Toschi biex isir qsim komprensiv (jiġifieri rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni) tal-valuri tal-livell 4 'l isfel għal livell 6.

Għalhekk, il-fokus tax-xogħol kien li tinbena mill-ġdid Linja Bażi tal-Ispejjeż kollha kemm hi ġdida, li ma tinkludix biss ir-riskji li jaffettwaw il-prezzijiet (kif sar matul l-analiżi ta' Toschi) iżda li tqis ukoll il-proċess ta' Stima mat-Tlestija għall-attivitajiet ta' livell 6 ipplanati kollha.

Għal dan il-għan, id-Direttur tal-F4E stabbilixxa Task Force biex jiddefinixxi u japplika proċess strutturat u traċċabbli biex tinkiseb Stima Mat-Tlestija fil-livell 6 għax-xogħol kollu li għandu jitlesti mill-F4E biex jiġu ssoveljati l-obbligi taħt il-Proġett ITER. Dan indirizza wkoll il-ħtieġa li tiġi stabbilita u tinżamm il-kredibbiltà tal-istimi tal-ispejjeż u l-fatturi (eż. riskji u inċertezzi) li jaffettwaw ir-riżultati u l-affidabbiltà tagħhom. Is-sistemi u l-metodoloġija diġà ġew ippreżentati lill-IAS matul iż-żjara ta' segwitu f'Settembru 2015.

Ma twettaqx aġġornament tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-proġett ITER lil hinn mill-fażi ta' kostruzzjoni tagħha u dan mhuiwix ipplanat sakemm ma tiġix ipprovduta informazzjoni rilevanti mill-proġett biex issir tali analiżi.

16. L-F4E tixtieq tirrimarka li dawn iż-żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni jimmiraw, sa fejn ikun possibbli fi ħdan il-qafas legali tal-Proġett ITER, miżuri li jikkompensaw għal xi wħud mid-dgħjufijiet identifikati hawn fuq.

L-ewwel nett, fil-5 ta' Marzu 2015, il-Kunsill tal-ITER (li fih l-Ewropa hija rrappreżentata mill-Kummissjoni), ħatar id-DĠ il-ġdid tal-IO u approva Pjan ta' Azzjoni li kien ipprepara b'rispons, fost l-oħrajn, għall-Valutazzjoni tal-Ġestjoni tal-ITER 2013. Minbarra l-ħruġ ta' linja bażi ġdida għall-Proġett ITER (kamp ta' applikazzjoni, skeda u spiża) il-Pjan ta' azzjoni tal-IO ppropona numru ta' miżuri speċifiċi bħal:

- It-twaqqif ta' organizzazzjoni ġdida kkaratterizzata minn integrazzjoni profonda tad-DAs u t-Tim Ċentrali tal-IO (IO-CT);

- Il-ħolqien ta' Bord ta' Proġett Eżekuttiv (EPB) magħmul mid-DĠ tal-IO u d-DAs biex jittieħdu deċiżjonijiet b'mod ċentralizzat u rapidu dwar kwistjonijiet tekniċi;
- It-twaqqif ta' Fond ta' Riżerva biex jikkumpensa d-DAs għaż-żidiet fl-ispiża li ġġarbu minħabba bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inizjali mill-IO-CT, u b'hekk mill-2011 jissostitwixxu l-hekk imsejħin "Linji Gwida MAC-10";
- It-twaqqif ta' Timijiet tal-Proġett Komuni ta' manigġers u persunal mill-IO-CT u d-DAs għal oqsma speċifiċi u l-iffaċilitar ta' skambju u mobbiltà ikbar tal-persunal.

It-tieni nett, l-Aġent Direttur tal-F4E ħejja Pjan ta' Azzjoni u ppreżentah lill-F4E GB fl-24 ta' Marzu 2015, fejn ġie kompletament approvat. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-F4E jikkumplementa l-Pjan ta' Azzjoni tal-ITER f'numru ta' aspetti iżda jidentifika wkoll iktar titjib fl-operazzjonijiet proprji tal-F4E. L-elementi ewlenin huma:

- Jikkontribwixxi għal skeda realistika li tippermetti profili ta' impenn iktar preċiżi u implimentazzjoni aħjar tal-baġit tagħha skont il-pjanijiet;
- Jiddetermina l-istimi tal-ispejjeż permezz ta' metodoloġija mtejba u iktar realistika u l-implimentazzjoni ta' sistema għall-ġestjoni tal-fondi. L-F4E implimentat sistema ċentrali u uniformi biex timmaniġġja d-data dwar l-ispejjeż biex jiġu kkontrollati aħjar l-istimi, l-ispejjeż u d-devjazzjonijiet. Dan sejjer jippermetti lill-F4E żżomm kontroll mill-qrib tal-evoluzzjoni tal-baġit u tissorvelja d-devjazzjonijiet mill-ispejjeż fuq bażi regolari u tiżgura li d-Direttur tal-F4E u l-manigġment superjuri jistgħu jeżerċitaw ġestjoni finanzjarjament soda u effiċjenti u tal-proġett;
- L-infurzar tal-Qafas tal-Ġestjoni tar-Riskju tal-F4E inkuż it-twaqqif ta' aptit għar-riskju xieraq biex tittejjeb l-aġilità u l-ġestjoni finanzjarja soda tal-F4E;
- Li jsir iktar tibdil fl-organizzazzjoni tal-F4E li għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza tal-organizzazzjoni, b'mod partikolari, għall-għodod u l-proċessi ta' ġestjoni tal-proġett.
- Li ssir l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar maħruġin mill-awdituri interni u esterni biex jiġu mmitigati b'mod adegwat id-dgħujfijiet tas-Sistema ta' Kontroll Intern tal-F4E (Spejjeż, Ġestjoni tal-Kuntratti, Attivitajiet ta' akkwist, eċċ), jittejbu l-proċessi interni u jiġu ottimizzati l-attivitajiet tagħna biex tkompli tissaħħa iktar l-effiċjenza tagħna.

Minn Marzu 2015, dawn il-Pjanijiet ta' Azzjoni qegħdin jiġu implimentanti mill-IO u l-F4E u huma mistennija li jgħibu magħhom titjib relatat ma' ħafna minn dawn l-osservazzjonijiet imqajmin mill-QEA u l-Parlament Ewropew fir-rapport tagħhom dwar il-ħruġ tal-2013. L-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni qiegħda tiġi segwita fl-ogħla livelli ta' governanza tal-Proġett ITER, kemm fl-IO kif ukoll fl-F4E.

18. L-F4E, fisem l-Ewropa, tipprowdi l-kontribuzzjoni in natura għall-proġett ITER fil-forma ta' komponenti. Ladarba d-disinn ta' komponent ikun matur biżżejjed, jiġi konkluż Arranġament ta' Akkwist bejn l-F4E u l-Organizzazzjoni ITER li jstabbilixxi x'għandu jiġi pprovdut, u sa meta. Hekk kif ix-xogħol isir għas-sodisfazzjon tal-Organizzazzjoni ITER, l-F4E tingħata kreditu b'mod gradwali b'rikonossiment għall-progress fix-xogħol assoċjat ma' tragwardi speċifiċi li ntlaħaq ftehim fuqhom bil-quddiem. Din hija s-sistema li ntlaħaq ftehim fuqha mal-imsieħba fl-ITER biex tingħata prova tal-livell xieraq ta' informazzjoni għall-Kunsill tal-ITER, u b'hekk jiġi żgurat rapportar integrat mid-DAs kollha u hija l-kejl xieraq tal-progress tal-proġett.

Fid-dikjarazzjoni finanzjarja tal-2014 (inkluż fil-Kontijiet Annwali għall-2014 tal-F4E), l-F4E inkludiet tabella li turi l-valur tal-arranġamenti ta' akkwist iffirmati u l-ammonti ta' krediti rċevuti mill-IO s'issa, dawn tal-aħħar kienu tassew baxxi. Ir-raġuni wara dan huwa li l-manigġment inizjali tal-Organizzazzjoni ITER (IO) qassam krediti fi ħdan il-PAs fil-biċċa l-kbira lejn it-tmiem u dan in-nuqqas wassal għal xi "pessimiżu" fir-rapporti. Dan ġie identifikat bħala problema li jeħtieġ li tiġi solvuta u diġà nbeda xogħol mal-IO biex jiġu riveduti d-distribuzzjonijiet ta' kreditu tul il-ħajja tal-PAs b'tali mod li jirrifletti b'mod iktar preċiż il-progress li ntlaħaq minn kull DA. Dan huwa mistenni li jiġi solvut matul il-kors tal-2015.

Hija għal din ir-raġuni li l-F4E inkludiet fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha għall-2014, stima tal-perċentwal ta' xogħol lest, abbażi tal-ammont ta' spejjeż relatati mal-PAs imġarrbin fl-2014 u b'paragun mal-valur stmat tal-kontribuzzjoni in natura għall-proġett.

Minbarra dan, l-F4E tħejji Rapport Annwali dwar il-Progress u Rapport Annwali dwar l-Attività li jipprovdu informazzjoni ddettaljata dwar il-progress globali tal-kontribuzzjoni Ewropea għall-Proġett ITER, flimkien mal-ilħuq tal-KPIs u l-Objettivi Korporattivi annwali. Barra minn hekk, l-F4E hija soġġetta għal Valutazzjonijiet Esterni annwali fejn esperti indipendenti jivvalutaw il-progress tal-proġett abbażi tar-rapporti eżistenti biex jipprovdu lill-GB u lill-Kunsill Ewropew b'ħarsa ġenerali lejn il-progress tal-Proġett ITER.

19. Id-dewmien twil akkumulat mill-proġett fir-rigward tal-linja bażi attwali (L-Ewwel Plażma f'Novembru 2020) ikkawża taqlib fl-impenji għal ħafna mis-sistemi.

Fil-fatt, id-diversi talbiet għal tibdil li ġejjin mill-IO naqsu r-ritmu tal-proġett u waslu għal dewmien, ikkawżaw għadd kbir ta' devjazzjonijiet fil-kuntratti eżistenti, u waslu għal dewmien fil-proġett globali. Għalkemm dawn l-avvenimenti fil-biċċa l-kbira ma kinux taħt il-kontroll tal-F4E, din intalbet timplimenta tali devjazzjonijiet skont il-linji gwida MAC-10 approvati fil-Kunsill tal-ITER (fejn l-Ewropa hija rrappreżentata mill-Kummissjoni u mhux mill-F4E). Minħabba din l-okkorrenza frekwenti ta' bidliet, l-F4E ħafna drabi ddeċidiet li tiegħa milli tkompli b'xi azzjonijiet ta' akkwist sakemm l-ispeċifikazzjonijiet tqiesu relattivament stabbli. Id-devjazzjonijiet applikati għal kuntratti miftuħin jirrappreżentaw fil-fatt, kawża sinifikanti ta' żieda fl-ispiża u għalhekk għandhom jiġu limitati għall-inqas livell sabiex jiġu miġġielda dawn il-kwistjonijiet rigward l-iffirmità tal-ispejjeż li l-Qorti tirrapporta f'sejbiet oħra.

Barra minn hekk, ir-riġidità tal-profil tal-baġit taħt il-qafas finanzjarju pluriennali hija diffiċli biex tiġi rikonċiljata mal-evoluzzjoni osservata fi proġett innovattiv ta' din in-natura li jeħtieġ skeda iktar realistika. Bħala riżultat ta' dan, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjoni ta' impenn tal-F4E kienet taħt pressjoni f'dawn l-aħħar snin. Il-pjan għall-Fond Strateġiku Ewropew għall-Investment ippermetta appropriazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 500 miljun mill-2015 sal-2018-2020. Dan il-qlib jaqbel aħjar mal-profil ta' implimentazzjoni u huwa iktar konformi mal-iskeda realistika l-ġdida.

Fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet, tali dewmien fil-proġett naqqas ir-ritmu tal-iffirmità tal-kuntratti u għaldaqstant ma ppermettix il-prefinanzjament ipplanat u pagamenti previsti oħrajn.

Il-bidla fil-maniġment fl-IO u l-ħolqien ta' linji bażiċi ġodda li għaddej bħalissa tal-proġett għandha tkun il-baży għal titjib ta' din il-problema fil-futur.

20. L-F4E tilqa' l-fatt li l-Qorti tirrikonoxxi li sar progress sinifikanti u tikkunsidra l-azzjonijiet li għaddejjin bħala parti mit-titjib u l-iżvilupp kontinwu tas-sistemi ta' kontroll tagħha.

Fir-rigward tas-sistema ċentrali biex jiġu ssorveljati l-ispejjeż: nirreferu għat-tweġiba tagħna għall-paragrafu 15. L-F4E issa daħħlet fis-seħħ sistema ċentrali biex tissorvelja u tikkontrolla d-data dwar l-ispejjeż fil-livell tal-kuntratti.

Fir-rigward tal-pjanijiet ta' azzjoni b'rispons għall-awdituri interni: L-F4E qiegħda tfitx l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet miftuħin skont il-prijoritajiet stabbiliti mid-Direttur u li ntlaħaq ftehim fuqhom mill-Kumitat għall-Awditjar u l-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li tindirizza bħala kwistjoni ta' urġenza r-rakkomandazzjonijiet ikklassifikati bħala Kritiċi u Importanti Ħafna. Sar progress sostanzjali fl-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni:

- Għall-awditjar tal-Ġestjoni tal-Għotjiet, il-Kuntratti tal-Esperti u l-attivitatijiet operattivi ta' Qabel l-akkwisti, l-IAC (kapaċità tal-awditjar intern) wettqet impenji ta' segwitu. Ir-riżultati kienu diskussi fil-Kumitat għall-Awditjar, li kien issodisfat bir-riżultat u għalhekk dawn l-awdituri issa huma kkunsidrati bħala magħluqin.
- Il-pjanijiet ta' azzjoni adottati mill-F4E bħala rispons għall-awdituri interni fuq iċ-Ċirkwiti Finanzjarji, il-Preparazzjoni tal-Arranġament ta' Akkwist u d-Djalogu Kompetittiv TB03 issa huma implimentati b'mod sħiħ u l-IAS u l-IAC bħalissa qegħdin iwettqu segwiti.
- Għall-awdituri dwar is-Selezzjoni u r-Reklutaġġ, ġew implimentati 34 azzjoni, żewġ azzjonijiet jinsabu għaddejjin, waħda sospiża u waħda skaduta.
- Għall-awdituri dwar l-Akkwist fil-qasam tal-binjiet ITER, ġew implimentati 31 azzjoni, tnejn minnhom għadhom għaddejjin u waħda ġiet ikkanċellata.

Rieżami IAC tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti fil-qasam tal-binjiet ITER: il-pjan ta' azzjoni bħala rispons għal dan l-awdituri kien adottat fi Frar 2015 u ntlaħaq progress sinifikanti: mill-24 azzjoni proposta, 20 ġew implimentati, waħda ġiet ikkanċellata u 3 jinsabu għaddejjin.

Rieżami IAS dwar il-ġestjoni tal-kuntratti: il-pjan ta' azzjoni kien adottat f'Novembru 2014 u l-istat attwali huwa kif ġej: mid-19-il azzjoni proposta, tnax ġew implimentati u 7 jinsabu għaddejjin.

Riski Korporattivi: L-aġġornament tar-riskji ta' livell għoli tal-2015 sejjer jitwettaq minħabba l-AC li jmiss f'Novembru inkludj it-twaqqif ta' aptit ta' riskju xieraq biex tittejjeb l-aġilità u l-ġestjoni finanzjarja soda ta' F4E.

21. L-F4E tixtieq tenfasizza li frazzjoni relattivament kbira tal-proċeduri nnegożjati hija konsegwenza tal-kuntest kumpless u innovattiv li taħdem fih. Dan ħafna drabi jirriżulta f'kompetizzjoni limitata jew (f'każijiet estremi) għal monopolju jew anki nuqqas ta' parteċipazzjoni għal sejħiet għall-offerti. B'mod partikolari, fi 15 minn 39 proċedura nnegożjata konklużi fl-2014, iċ-ċirkostanzi partikolari tas-suq u/jew is-servizzi/xogħlijiet li għandhom jiġu prokurati għamlu l-proċedura nnegożjata l-aqwa għażla ta' akkwist, skont l-Artikolu 100.2 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-F4E.

L-24 proċedura nnegożjata li jifdal jikkorrispondu għal kuntratti ta' valur baxx skont l-Artikolu 100.1 tal-F4E IR. Għandu jiġi nnotat li dawn l-24 kuntratt jammontaw għal 36 % tan-numru totali ta' kuntratti ffirmati (it-tipi kollha ta' proċeduri ta' akkwist) iżda għal 0.3 % biss f'termini ta' valur mogħti. Il-proċeduri nnegożjati b'valur baxx ifisseru użu ħafna iktar baxx ta' riżorsi interni milli daww ta' djalogu miftuħ, ristrett jew kompetittiv (minħabba s-simplifikazzjoni proċedurali), u għalhekk l-użu tagħhom huwa kkunsidrat mill-F4E bħala għodda siewja sabiex ir-riżorsi interni limitati jiġu ffukati fuq akkwisti ta' valur għoli/riskju għoli.

L-F4E tixtieq tfakkar li n-natura tal-attivitajiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Proġett ITER huma tali li kompetizzjoni limitata hija sfortunatament kwistjoni ta' fatt li għaliha l-F4E jista' jkollha biss impatt żgħir. Il-biċċa l-kbira tal-opportunitajiet li kienu f'idejn l-F4E sabiex tiżdied il-kompetizzjoni ġew segwiti (jiġifieri tixrid wiesgħa lill-industrija fil-Istati Membri kollha permezz ta' Uffiċjali ta' Kollegament Industrijali (ILOs) u laqgħat dedikati, jiem ta' informazzjoni bi skop immirat u ġenerali għall-industrija f'postijiet differenti madwar l-Ewropa, li jsaħħu l-isforzi fir-rigward tal-istabbilizzazzjoni u l-fehim aħjar tal-katina tal-provvista tagħna, politika interna dwar avviżi ta' pre-informazzjoni, intensifikazzjoni ta' sħarriġ tas-suq, Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali (IPR) bi standard industrijali u dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà, eċċ). L-attivitajiet tal-F4E għandhom jitqabblu ma' proġetti fil-fruntiera ta' teknoloġija għolja li huma l-ewwel tat-tip tagħhom madwar id-dinja. Wieħed ma jistax jiċċad li jista' jsir iktar sforz biex tiżdied il-kompetizzjoni mill-F4E, iżda dan ovvjament jikkonsma iktar riżorsi interni u għalhekk iħalli impatt negattiv fuq oqsma oħra.

Bl-istess mod, fir-rigward tan-numru baxx ħafna ta' proposti li waslu għal sejħiet ta' għotjiet, dan il-fatt huwa ġeneralment dovut għal 2 fatturi: fuq naħa minnhom in-natura estremament speċjalizzata tal-għotjiet tal-F4E t'fisser li n-natura tal-ħidma hija biss ta' interess għal numru żgħir ta' applikanti fl-Ewropa u min-naħa l-oħra, is-suċċess tal-programm ta' fużjoni Ewropea fil-ħolqien ta' qasam ta' riċerka Ewropew fil-fużjoni b'duplikazzjoni minima tal-isforzi u kollaborazzjoni mill-qrib bejn timijiet attivi f'qasam partikolari. Din tal-aħħar timmanifesta ruħha f'konsorzji pan-Ewropej, hekk kif tinsab wara l-biċċa l-kbira tal-proposti b'rispons għas-sejħiet tal-F4E.

22. Fir-rigward tal-ħames proċeduri ta' akkwist, l-F4E tixtieq tagħti l-kummenti li ġejjin:

Ammont allokati għall-kuntratti differenti:

Il-Qorti tinnotta li fiż-żmien meta tnedew il-proċeduri ta' akkwist (2013 u 2014) l-F4E ma allokax valur mis-6,6 biljun euro lill-kuntratti differenti. Kif irrapporjat preċedentement mill-F4E, il-limitu massimu tal-baġit ta' 6,6 biljun euro kien stabbilit abbażi tal-assunzjonijiet tar-rapport ta' Toschi li kien sar fil-livell 3 tad-WBS (Sistema) u 4 (PA) u mhux fil-livell 6 (Kuntratti). Dan seħħ għaliex, f'dan iż-żmien, il-livell ta' dettall dwar kif il-kamp ta' applikazzjoni totali kien jinqasam bejn il-kuntratti differenti ma kienx omoġenju fis-sistemi differenti. Din hija r-raġuni għall-ħtieġa li tiġi s-sorveljata l-evoluzzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-ispiża relatata tagħha fil-livell 3 u 4 li ppermettew tqabbil dirett mal-linja bażi ta' Toschi u b'hekk kontra s-6,6 B€.

Devjazzjoni mill-valur mogħti fuq il-linja bażi tal-ispiża:

Il-każ irrapporjat mill-QEA jikkorrispondi għal proċedura ta' akkwist fil-qasam tal-bini, fejn il-livell baxx ta' definizzjoni tad-disinn (fil-livell tal-ispeċifikazzjoni funzjonali) u r-rekwiżiti li dejjem jinbidlu minħabba l-IO, ukoll minħabba t-talbiet il-ġodda mill-Awtorità tas-Sigurtà Franċiża, ikkawżaw eskalazzjoni tal-ispejjeż, fil-qasam li jmorru lil hinn mis-sehem assenjat inizjalment tal-baġit.

Biex jiġu indirizzati l-ispejjeż u jtnaqqas l-impatt tal-ispejjeż li jirriżulta fil-biċċa l-kbira tiegħu minn bidliet kostanti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżultati li F4E sofriet f'xi oqsma taħt ir-responsabbiltà tagħha, b'mod partikolari għall-bini, f'Diċembru 2014, ġiet ippreżentata analiżi ddettaljata tal-kawżi u l-lezzjonijiet mitgħallma lill-Bord tat-Tmexxija tal-F4E. Intwera li d-dewmien fit-twassil tad-data ta' input u t-talbiet kontinwi ta' tibdil mill-IO u ż-żieda fir-rekwiżiti ta' Sigurtà wara l-aċċident ta' Fukushima jnaqqsu r-ritmu tal-progress tax-xogħol mill-F4E u jwasslu għal numru kbir ta' devjazzjonijiet b'impatt qawwi fuq l-ispejjeż.

Anki jekk iddaħħlu fis-seħħ azzjonijiet ta' mitigazzjoni mill-F4E biex jiġu limitati l-ispejjeż, f'ħafna każijiet l-implimentazzjoni tal-bidliet imposti għall-proġett, bl-ispejjeż assoċjati magħhom, ma setgħetx tiġi evitata.

Defiċjenzi fil-valutazzjoni tal-offerti finanzjarji:

L-F4E tikkunsidra li ma kien hemm ebda defiċjenza fil-valutazzjoni tal-offerti finanzjarji.

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li fi żmien daww il-proċeduri ta' akkwist, l-intraċċar u l-kontroll tal-evoluzzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-ispiża relatata saru fil-livell 3 u 4. Għandu jiġi enfasizzat li, kull meta l-F4E tat kuntratt kbir, minbarra rakkomandazzjoni obbligatorja mill-Kumitat Eżekuttiv, dejjem twettqu laqgħat speċifiċi mal-Uffiċjal Awtorizzanti sabiex tingħata stampa sħiħa, qabel l-għoti tal-kuntratt, kemm fuq l-aspett tal-ispejjeż kif ukoll tar-riskji. Meta tnedew il-proċeduri ta' akkwist, il-Maniġer tat-Tim tal-Proġett kien diġà għamel stima tal-ispiża possibbli tal-akkwist (jiġifieri permezz ta' valutazzjoni proprja, il-kontribut tal-espert jew l-istima industrijali) u kien żgħura li l-kamp ta' applikazzjoni oriġinali kien kopert bi spiża li tippermetti li tinżamm l-ispiża globali fil-livell 4 tad-WBS sal-livell massimu allokat. Ix-xogħol il-ġdid eżegwit, fil-livell ċentrali, biex tiġi ddefinita EAC fil-livell 6 tad-WBS jipprovdi titjib fl-approċċ biex jiġu kkontrollati u jitnaqqsu iktar l-ispejjeż.

Fil-każ tal-kuntratt li fih għażliet li jammontaw sa 32 miljun euro u spejjeż addizzjonali, għandu jiġi nnotat li għażliet bħal dawn huma maħsubin biex ikopru r-riskji potenzjali għall-arranġament ta' akkwist kollu (Kojls TF). L-impatt finanzjarju tar-riskji kien ġestit fil-livell tal-Arranġament ta' Akkwist (jiġifieri fil-livell 4 tad-WBS). Tabilħaqq, f'din is-sistema speċifika, intlaħaq iffrankar totali mill-F4E: il-valur finanzjarju totali tat-3 kuntratti li tqiegħdu għall-manifattura ta' kojls TF huwa effettivament ~50 miljun euro taħt il-valur finanzjarju allokat għal-livell 4 tal-kojls TF (li jikkorrispondu għal-limitu massimu tal-baġit ta' 6.6 biljun euro). Dan l-ammont huwa ferm ogħla mit-32 miljun euro assoċjati mal-għażliet ta' dan il-kuntratt, u għalhekk huwa iktar milli adegwat biex ikopri r-riskji mhux biss għal dan il-kuntratt iżda anki għaż-żewġ kuntratti l-oħra. Huwa importanti wkoll li jiġi nnotat li, grazzi għall-istrateġija ta' mitigazzjoni tar-riskju adottata mill-F4E għal dawn it-3 kuntratti, dawn ir-riskji fil-preżent għandhom probabbiltà baxxa (fil-preżent taħt il-5 %).

Dewmien fil-proċeduri ta' akkwist:

L-F4E tikkunsidra li dan id-dewmien ma jikkostitwixxi nuqqas fil-proċeduri tal-akkwisti peress li fil-fatt jirrispondu għall-ambjent eċċezzjonali li topera fih l-F4E (nuqqas ta' kompetizzjoni u kumplessitajiet kuntrattwali) u għall-ħtiġijiet biex jifitx iffrankar tal-ispejjeż billi jiġi żgurat li l-ispeċifikazzjonijiet huma maturi biżżejjed qabel it-tnedija tal-proċeduri ta' akkwist.

Attività mhux prevista:

L-F4E fil-Programm ta' Ħidma għall-2014 kellha tintroduċi attività ta' akkwist materjali, li tabilħaqq ma kinitx oriġinarjament prevista fil-linja bażi għall-proġett ta' Approċċ Usa' JT60SA. Dan tnieda skont l-opinjoni tal-esperti, biex tingħeleb diffikultà teknika mhux prevista. L-attività, ir-riskji potenzjali u d-dannu fir-reputazzjoni assoċjati mal-evitar tagħha, ġiet diskussa fil-Bord tat-Tmexxija ta' Diċembru 2013 li qabel li jkompli b'dan ix-xiri ta' materjal bħala kwistjoni ta' urġenza. Din l-attività addizzjonali kienet xorta twettqet fi ħdan il-kontinġenza allokata għal dan il-proġett speċifiku u li minkejja l-urġenza, l-F4E rnexxielha żżomm kompetizzjoni raġonevoli u li tikseb prezz ekonomiku.

Valutazzjoni tal-kriterji tekniċi għall-għoti:

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kienu ppreparati abbażi tal-eżitu tar-reviżjoni tal-esperti u r-rekwiżiti inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet kienu qegħdin jiddefinixxu b'mod sħiħ ir-rekwiżiti materjali. L-aċċettazzjoni espliċita tar-rekwiżiti kollha minn kull wieħed miż-żewġ offerenti (fil-forma ta' "Matriċi ta' Konformità" mimli kif suppost) flimkien mad-deskizzjoni tal-proċess ta' manifattura propost u l-valutazzjoni tar-riskju meħmuża mal-offerti, kienu qegħdin jagħtu assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità teknika tal-offerti. Abbażi ta' dan, il-kumitat ta' evalwazzjoni qabel b'mod unanimu li l-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni teknika massima għaż-żewġ offerenti kienet iġġustifikata.

Użu ta' avviżi ta' pre-informazzjoni:

L-F4E tikkunsidra li dan ma jkkostitwixxi nuqqas fil-proċedura ta' akkwist peress li ttieħdu azzjonijiet ta' mitigazzjoni sabiex tiżied il-kompetizzjoni.

Tabilħaqq, fit-tliet proċeduri identifikati mill-QEA, ma kien hemm ebda pubblikazzjoni tal-avviż ta' pre-informazzjoni, peress li dan ma kienx previst mill-proċeduri interni f'dan iż-żmien (dan tbiddel fil-frattemp sabiex jiġu indirizzati r-riskji enfasizzati minn verifiki oħrajn u issa l-użu ta' avviżi ta' pre-informazzjoni huwa obbligatorju għall-akkwisti 'l fuq minn 10 miljun euro). L-F4E tikkunsidra li naqset ir-riskju ta' kompetizzjoni ħażina billi wettqet azzjonijiet immirati (jiem ta' informazzjoni, avvenimenti bħal forum tan-negożju, stħarriġ tas-suq, użu tan-netwerk ILO, eċċ.). Strateġija ta' disseminazzjoni bħal din tiqies li hija iktar effettiva minn sempliċi pubblikazzjoni ta' avviżi ta' pre-informazzjoni permezz tal-ĠU, peress li tindirizza b'mod iktar dirett l-operaturi ekonomiċi kkonċernati

25. Mit-tliet awditi mwettqin fl-2014, żewġ rapporti tal-awditjar finali waslu f'Diċembru 2014 u ġew kondiviżi mal-Qorti. Ir-rapport tal-awditjar preliminari tat-tielet awditu wasal f'Diċembru 2014 u d-diskussjonijiet mal-awditur u l-benefiċjarju bħalissa għadhom għaddejnin.

L-ippjanar tal-eżerċizzju tal-awditjar ex-post tal-2015 fuq l-għotjiet tal-F4E beda f'Settembru 2014 bl-għażla ta' 3 benefiċjarji u l-firma fi Frar 2015 tal-kuntratti speċifiċi mad-ditti tal-awditjar esterni. It-3 rapporti tal-awditjar preliminari korrispondenti waslu u bħalissa qegħdin jiġu analizzati.

26. Ir-Regolament Finanzjarju tal-F4E (F4E FR) kellu jiġi emendat biex jirrifletti l-bidliet introdotti mir-Regolament Finanzjarju Qafas (FFR) u r-Regolament Finanzjarju Ġenerali (GFR), skont l-osservazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Awdituri.

Fil-25 ta' Lulju 2014, l-F4E sottomettiet l-F4E FR u r-Regoli ta' Implimentazzjoni (F4E IR) tiegħu ntbagħtu lill-Kummissjoni u minn dak iż-żmien, id-diskussjonijiet għadhom għaddejnin. Il-Kummissjoni tixtieq tagħti opinjoni globali dwar l-F4E FR u IR ladarba d-dispożizzjonijiet tar-regoli ta' akkwist tad-Direttiva l-ġdida 2014/24/UE tas-26 ta' Frar 2014 jiġu trasposti fil-GFR u l-IR tiegħu u fl-FFR u l-IR tiegħu.

Sabiex ma jkunx hemm iktar dewmien fl-emenda tal-F4E FR/IR, il-GB qabel li jsegwi proċedura f'żewġ passi f'dan il-fajl fl-aħħar laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2015:

- L-F4E u l-Kummissjoni għandhom jimmiraw li jiffinalizzaw id-diskussjonijiet dwar l-F4E FR malajr kemm jista' jkun (mingħajr il-kapitolu ta' akkwist).
- Malli r-regoli ta' akkwist il-ġodda tal-Kummissjoni jkunu disponibbli, l-F4E u l-Kummissjoni għandhom jibdew diskussjonijiet bil-għan li jippreżentaw kapitolu ta' akkwist ġdid għall-approvazzjoni tal-GB fir-rebbiegħa 2016.

Fil-frattemp, fit-3 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni sottomettiet lill-F4E, l-abbozz il-ġdid ta' regoli ta' akkwist għal kunsiderazzjonijiet li jiddependu ħafna fuq il-proċess ta' approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill/PE (GFR) u mill-Kummissjoni (RAP – Regoli ta' Applikazzjoni tal-GFR), il-proċess f'pass uniku jaf xorta jkun jista' jsir.

29. Id-deċiżjoni rilevanti tal-GB tistabbilixxi l-mezzi għall-implimentazzjoni tal-obbligi fir-rigward tal-Proprietà Intellettwali (IP) fir-rigward tad-disponibbiltà tat-teknoloġiji u l-għoti ta' drittijiet tal-utent: dawn iż-żewġ aspetti huma indirizzati permezz tal-formulazzjoni tal-klawżoli ta' IP tal-mudell tal-F4E. Għal dak li jikkonċerna l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet oħrajn rigward il-politika industrijali, għandu jiġi rimarkat li l-F4E kienet implimentat, sa tmiem l-2014, 24 mit-32 azzjoni prevista.

L-F4E tikkunsidra li l-approċċ tagħha għad-Drittijiet ta' Proprietà Intellettwali jżid il-kompetizzjoni peress li l-kundizzjonijiet kuntrattwali huma iktar attraenti għall-kuntratturi, li t-tnejn jikkontribwixxu għall-iffrankar tal-ispejjeż u għat-tixrid tal-preżenza tagħna madwar l-Ewropa.

33. F'Marzu 2015, il-Gvern Spanjol offra bini ġdid lill-F4E f'bini li sejjer jinqasam mal-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (CNMC). Din l-offerta ntlagħget mill-F4E u l-approvazzjoni tagħha kienet soġġetta għal spezzjoni dettaljata u analiżi minn esperti.

F'Ġunju 2015, perit estern indipendenti wettaq analiżi sabiex jipprova jqabbal l-offerta mar-rekwiżiti. Ir-riżultat wera li għad hemm tħassib kritiku, b'mod partikolari li jikkonċerna l-ispejjeż disponibbli fiż-żmien qasir sa medju, li jrid jiġi indirizzat mill-Istat Ospitanti qabel ma l-proposta tkun tista' taqdi kompletament il-ħtiġijiet tal-F4E.

L-F4E u l-Istat Ospitanti qegħdin jivvalutaw il-mod li ħa jimxu bih biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet kritiċi biex ikunu jistgħu jsibu soluzzjoni finali fi żmien qasir.

34. Sabiex jiġi evitat vojt ġuridiku sakemm issir l-adozzjoni formali tar-Regoli ta' Implimentazzjoni (IRs) pendenti għar-Regolamenti dwar il-Persunal tagħha, l-F4E bbażat ruħha fuq żewġ miżuri tranżitorji kif ġej:

- Adozzjoni tad-deċiżjonijiet tad-Direttur ad-hoc li jindikaw il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet SR rilevanti. Dawn ġeneralment kienu jirriflettu l-prinċipji u l-prattiki ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għalkemm b'ċerti aġġustamenti biex jirriflettu l-ispeċifitajiet tal-F4E u
- Adozzjoni tad-deċiżjonijiet tad-Direttur li jiddikjaraw li l-mudell li jimplementa r-regoli applikabbli għar-regoli tal-aġenziji jew tal-Kummissjoni Ewropea jkunu applikabbli għall-Impriża Konġunta b'analoġija (ħlief jekk ma jintqalx mod ieħor).

Sar progress sinifikanti u n-numru ta' IRs li ġew adottati formalment jew li japplikaw b'analoġija għall-Impriża Konġunta bħalissa huwa ta' 26. Bħalissa erba' regoli ta' implimentazzjoni oħra jinsabu fi stadju li jiġu adottati b'Fużjoni għall-Enerġija bi proċedura bil-miktub u huma mistennija li jiġu adottati formalment minn Novembru 2015.

Fir-rigward tal-IRs li jifdal li għandhom jiġu adottati, wara r-Riforma tal-Persunal tal-UE għall-2014:

- il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tadotta 5 mudelli ta' IRs ġodda applikabbli għall-Aġenziji u l-Impriżi Konġunti. L-F4E sejra tibda l-proċess ta' adozzjoni għal dawn ir-regoli l-ġodda hekk kif "inħarġu" mill-Kummissjoni. Biex tinżamm konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti dwar il-Persunal, il-JU sejra jkollha 9 xhur biex tiffinalizza l-adozzjoni tagħha stess mid-data ta' "ħruġ" tal-Kummissjoni.
- hemm 8 IRs oħra li qegħdin jistennew rispons mill-Kummissjoni wara talbiet tal-F4E għal eżenzjoni jew approvazzjoni.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

(2015/C 422/06)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1-4	52
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	5	52
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	6-13	53
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	11	54
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	12	54
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	14-18	54
Implimentazzjoni tal-baġit	14-15	54
Sejħiet għal proposti	16-17	54
Finanzjament pluriennali	18	54
Kwistjonijiet oħra	19-22	55
Qafas legali	19	55
Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni	20-21	55
Uffiċċjal tal-kontabbiltà	22	55
Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti	23-26	55
Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti	23-24	55
Kunflitti ta' interess	25	56
It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni	26	56

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (l-Impriża Konġunta FCH), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2008⁽¹⁾ għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017 u ngħatat l-awtonomija finanzjarja tagħha fil-15 ta' Novembru 2010. F'Mejju 2014⁽²⁾, il-Kunsill irrevoka r-Regolament oriġinali u estenda t-tul ta' ħajja tal-Impriża Konġunta, magħrufa bħala l-“Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2” (l-Impriża Konġunta FCH 2)⁽³⁾, taħt il-Programm qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020⁽⁴⁾, għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024.

2. L-objettivi tal-Impriża Konġunta FCH jinkludu l-appoġġ ta' attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru⁽⁵⁾ permezz ta' koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-industrija u tar-riċerka, b'fokus fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-suq u b'hekk tiffaċilita sforzi industrijali addizzjonali lejn l-implimentazzjoni rapida tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu. Taħt Orizzont 2020, l-objettiv tal-Impriża Konġunta FCH 2 huwa li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Isfida ta' Enerġija Sikura, Nadifa u Effiċjenti u l-Isfida ta' Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat u li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, permezz tal-iżvilupp ta' settur taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu qawwi, sostenibbli u kompetittiv globalment fl-Unjoni⁽⁶⁾.

3. Il-membri tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea, irrapreżentata mill-Kummissjoni, in-New Energy World Industry Grouping (NEW-IG) u n-New European Research Grouping fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (N. ERGHI).

4. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE lill-Impriża Konġunta FCH, biex tkopri l-ispejjeż operattivi u l-attivitajiet ta' riċerka, hija ta' EUR 470 miljun mill-baġit tas-Seba' Programm Kwadru (b'massimu ta' EUR 20 miljun assenjati għal spejjeż amministrattivi). Il-kontribuzzjoni massima mill-UE lill-Impriża Konġunta FCH 2, biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż operattivi, hija ta' EUR 665 miljun mill-baġit tal-Programm Orizzont 2020 (li minnhom l-ispejjeż amministrattivi ma jridux ikunu ogħla minn EUR 19-il miljun⁽⁷⁾). Il-gruppi industrijali u tar-riċerka huma mistennija jikkontribwixxu 50 % tal-ispejjeż amministrattivi u għandhom jikkontribwixxu għall-programm permezz ta' kontributi *in natura*⁽⁸⁾ għall-proġetti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta FCH 2 u permezz ta' kontributi *in natura* għal attivitajiet addizzjonali⁽⁹⁾, barra l-pjan ta' ħidma tal-Impriża Konġunta FCH 2, li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta FCH.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

5. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xoġhol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jstabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1) emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1183/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 (ĠU L 302, 19.11.2011, p. 3).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

⁽³⁾ Dan ir-rapport jirreferi għall-“Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu” sakemm ma jkunx meħtieġ li ssir distinzjoni bejn iż-żewġ programmi.

⁽⁴⁾ Il-Programm qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020, adottat bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104) huwa l-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-2014-2020 u jiġbor flimkien il-finanzjament eżistenti kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE.

⁽⁵⁾ Is-Seba' Programm Kwadru, adottat bid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1), jiġbor flimkien l-inizjattivi kollha tal-UE relatati mar-riċerka taħt saqaf wieħed u jaqdi rwol kruċjali fl-ilhuk tal-għanijiet ta' tkabbir, kompetittività u impjegi. Huwa wkoll pilastru ewleni għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

⁽⁶⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi, l-attivitajiet u r-riżorsi disponibbli tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁷⁾ L-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta FCH 2 ma jridux ikunu ogħla minn EUR 38 miljun u għandhom ikunu koperti permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji maqsuma indaqs fuq bażi annwali bejn l-Unjoni u l-Membri għajr l-Unjoni.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 13(3) tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 559/2014 jistipula li l-“ispejjeż operattivi tal-Impriża Konġunta FCH 2 għandhom ikunu koperti permezz ta' (a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni (b) kontribuzzjonijiet *in natura* mill-entitajiet kostitwenti tal-Membri għajr l-Unjoni jew l-entitajiet affiljati tagħhom li jipparteċipaw fl-azzjonijiet indiretti, li jikkonsistu fl-ispejjeż imġarrba minnhom fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet indiretti imnaqsa minnhom il-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta FCH 2 u kwalunkwe kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni għal dawk l-ispejjeż”.

⁽⁹⁾ Kif ipprevedut fl-Artikolu 4 (2) (b) tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 559/2014.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽¹⁰⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽¹¹⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

7. Skont l-Artikoli 16 u 22 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 ⁽¹²⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽¹³⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja taċ-Ċentru fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

8. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽¹⁴⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

9. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta'

⁽¹⁰⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti, sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽¹¹⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽¹²⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽¹³⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽¹⁴⁾ L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 110/2014.

konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

10. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdha bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

12. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

13. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit

14. Il-baġits inizjali u finali għall-2014 adottati mill-Bord tat-Tmexxija kienu jinkludu approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 100,9 miljun u EUR 112,9 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 72,1 miljun u EUR 97,5 miljun rispettivament.

15. Ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn kienu ta' 99,5 % u 96 % rispettivament (98,9 % fl-2013). Ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 66,3 % u 74,5 % rispettivament (56,7 % fl-2013), li jirriflettu l-pagament differit ta' klejms għall-ispejjeż tal-proġetti, li kienu antiċipati lejn l-aħħar tal-2014 sal-bidu tal-2015.

Sejħiet għal proposti

16. Fil-31 ta' Diċembru 2014, il-programm FP7 tal-Impriża Konġunta FCH kien jikkonsisti f'155 ftehim ta' għotjiet li rriżultaw minn 7 sejħiet annwali organizzati matul is-snin 2008 sal-2013. L-ewwel ftehimiet ta' għotjiet taħt il-programm H2020 se jiġu ffirmati fl-2015.

17. Iż-żmien medju għall-għotja (TTG) u ż-żmien medju għall-ħlas tal-prefinanzjament (TTP) għall-programm FP7 kienu ta' 370 jum u 14-il jum rispettivament, li ttejjbu għal 280 jum u 5 ijiem rispettivament għall-aħħar sejħa għal għotja taħt il-programm FP7.

Finanzjament pluriennali

18. Is-sejħiet għal proposti taħt l-FP7 organizzati fil-perjodu 2008 – 2013 irriżultaw fi ftehimiet ta' għotjiet li ammontaw għal total ta' EUR 450 miljun, il-kontribuzzjoni massima mill-UE lill-Impriża Konġunta għal attivitajiet ta' riċerka.

KWISTJONIJIET OĦRA**Qafas legali**

19. Ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta FCH 2 ġew adottati fit-30 ta' Ġunju 2014 abbażi tal-mudell tar-regolament finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata⁽¹⁵⁾ u b'kont meħud tar-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta FCH 2.

Uffiċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni

20. Skont il-pjan ta' ħidma tal-IAS għall-Impriża Konġunta FCH għall-2014, il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-Impriża Konġunta FCH wettqet awditu ta' segwitu dwar "Id-drittijiet ta' aċċess għall-utenti fl-għodod tal-IT tal-FP7" u wettqet servizzi oħra ta' aċċertament u ta' konsulenza, inkluża valutazzjoni tal-livell ta' kontributi *in natura*.

21. L-Impriża Konġunta FCH ma kinitx suġġetta għal awditi mill-IAS tal-Kummissjoni fl-2014. Madankollu, l-IAS wettaq analiżi limitata tal-użu u t-tixrid tar-riżultati ta' riċerka⁽¹⁶⁾. Pjanijiet ta' azzjoni tfasslu u ġew implimentati għal awditi tas-sena finanzjarja preċedenti mill-IAC tal-FCH u mill-IAS tal-Kummissjoni.

Uffiċjal tal-kontabbiltà

22. Fil-15 ta' Lulju 2014, il-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta FCH 2 ħatar l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea bħala Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Impriża Konġunta FCH 2, skont il-possibbiltà prevista fir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta FCH 2.

SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI**Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti**

23. Fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti⁽¹⁷⁾, l-FCH użat l-għodod tal-Kummissjoni flimkien mal-għodod proprji tagħha sabiex tintegra r-riżultati ta' riċerka tagħha fis-sistema kumplessiva ta' rappurtar tal-Kummissjoni. Għall-ewwel darba, ir-Rapport ta' monitoraġġ l-aktar reċenti mill-Kummissjoni dwar l-FP7, ippubblikat f'Marzu 2015⁽¹⁸⁾, jinkludi *data* kwantitattiva dwar l-attivitajiet tal-FCH⁽¹⁹⁾. Fir-rigward ta' *data* kwalitattiva, mill-2011 'il hawn, l-Impriża Konġunta pproduċiet Rapport annwali dwar l-Analiżi tal-Programmi⁽²⁰⁾ li għandu l-għan li jevalwa l-kisbiet tal-proġetti tal-portafoll iffinanzjati mill-Impriża Konġunta FCH meta mqabbla mal-oġġettivi strateġiċi tal-Impriża Konġunta.

24. Il-qafas legali ta' Orizzont 2020 jirrikjedi monitoraġġ speċifiku tar-riżultati ta' riċerka, ibbażat fuq evidenza kwantitattiva u, fejn xieraq, kwalitattiva, inkluż il-progress fir-rigward tal-indikaturi tal-prestazzjoni⁽²¹⁾. Sabiex ir-rekwiżiti ta' Orizzont 2020 jiġu ssodisfati u biex isir kontribut aħjar għat-tixrid tar-riżultati ta' riċerka tal-FP7 (speċjalment meta l-proġetti ffinanzjati jaslu fi tmiem)⁽²²⁾, il-kooperazzjoni bejn l-Impriża Konġunta u l-Kummissjoni għandha tissaħħaħ għat-titjib tar-rappurtar u t-tixrid tar-riżultati ta' riċerka⁽²³⁾.

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 110/2014.

⁽¹⁶⁾ Ara n-nota 22 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁷⁾ Il-paragrafi 21 sa 23 tar-Rapport 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 67).

⁽¹⁸⁾ http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/fp7_monitoring_reports/7th_fp7_monitoring_report.pdf#view=fit&pagemode=none

⁽¹⁹⁾ Fir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-KE din l-informazzjoni hija ppreżentata f'valuri aggregati flimkien mal-informazzjoni mill-Inizjattivi Teknoloġiċi Konguntti l-oħra.

⁽²⁰⁾ <http://www.fch.europa.eu/sites/default/files/FCH-PPR14-17Mar2015-web%20%283%29.pdf>

⁽²¹⁾ L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, li jstabbilixxi Orizzont 2020 u l-Anness II (indikaturi tal-prestazzjoni) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965) tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

⁽²²⁾ F'dan ir-rigward, f'Mejju 2014 is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni ffinalizza Analiżi limitata tal-użu u t-tixrid tar-riżultati ta' riċerka mill-Impriża Konġunta FCH. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Impriża Konġunta implimentat sistema ta' ġestjoni u kontroll fir-rigward tal-monitoraġġ tal-pjanijiet tal-benefiċjarji dwar l-użu u t-tixrid tar-riżultati ta' riċerka, l-IAS irrakkomanda li l-Impriża Konġunta FCH tirrinforza l-pjan ta' tixrid abbażi ta' tixrid tar-riżultati ta' riċerka.

⁽²³⁾ Ara r-Rapport ta' Progress Annwali tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-JTI JUS (COM(2013) 935).

Kunflitti ta' interess

25. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa mudell komuni għall-Impriżi Konġunti. Sadanittant, il-proċedura tal-FCH tibqa' fis-seħħ.

It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni

26. B'riżultat tat-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni ⁽²⁴⁾, fil-11 ta' Novembru 2014 ġie adottat pjan ta' azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet mill-Bord tat-Tmexxija. Il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati ⁽²⁵⁾.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽²⁴⁾ Il-paragrafu 26 tar-Rapport 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 67).

⁽²⁵⁾ B'mod partikolari (a) rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar il-governanza, it-tfassil u l-ġestjoni tiegħu inkunsiderazzjoni fir-Regolament tal-Kunsill Nru 559/2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta FCH 2 u huma implimentati b'mod effettiv (bħal aktar riżorsi għall-ġestjoni tal-programmi u tal-ġarfien, servizzi kontabilistiċi mill-Kummissjoni); (b) rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar il-monitoraġġ tat-teknoloġija u l-appoġġ għall-politika ġew implimentati bl-istabbiliment ta' għodda ddedikata, TEMONAS, għall-monitoraġġ tal-progress fit-teknoloġija u; (c) rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar l-involviment mal-Istati Membri huma indirizzati fir-Regolament tal-Kunsill Nru 559/2014 li jipprevedi rwol estiż tal-Grupp Rappreżentattiv tal-Istati.

ANNEX

L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (Brussell)

Kompetenzi u attivitajiet

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</p> <p>(l-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tipprevedi shubbiji pubbliċi-privati f'forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti li jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Impriżi Komuni (Konġunti) fit-tifsira tal-Artikolu 187 tat-TFUE u r-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Orizzont 2020") li għandu l-għan li jkollu impatt akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jgħaqqad il-fondi ta' Orizzont 2020 u dawk tas-settur privat fi shubbiji pubbliċi-privati foqsma ewlenin fejn ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-miri tal-kompetittività usa' tal-Unjoni, jistimulaw l-investment privat u jgħinu jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta FCH 2.</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014</p>	<p>Objettivi</p> <p>L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandu jkollha l-objettivi li ġejjin:</p> <p>(a) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, u b'mod partikolari l-Isfida ta' Enerġija Sikura, Nadifa u Effiċjenti u l-Isfida ta' Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat taħt l-Anness 1, il-Parti III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE;</p> <p>(b) li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, permezz tal-iżvilupp ta' settur taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu qawwi, sostenibbli u kompetittiv globalment fl-Unjoni.</p> <p>B'mod partikolari, għandha l-għan li:</p> <p>(a) tnaqqas l-ispiża tas-sistemi tal-produzzjoni taċ-ċelloli tal-fjuwil li jintużaw f'applikazzjonijiet fit-trasport, filwaqt li żżid it-tul tal-ħajja tagħhom għal livelli li jistgħu jikkompetu mat-teknoloġiji konvenzjonali,</p> <p>(b) iżżid l-effiċjenza elettrika u t-tul ta' żmien (durabbiltà) taċ-ċelloli differenti tal-fjuwil użati għall-produzzjoni tal-enerġija għal livelli li jistgħu jikkompetu mat-teknoloġiji konvenzjonali filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż,</p> <p>(c) iżżid l-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-elettriku (idroġenu), prinċipalment mill-elettroliżi tal-ilma u sorsi rinnovabbli filwaqt li tnaqqas l-ispejjeż operattivi u kapitali, biex b'hekk il-kombinazzjoni tas-sistema tal-produzzjoni tal-idroġenu u l-konverżjoni bl-użu tas-sistema taċ-ċelloli tal-fjuwil tista' tikkompeti mal-alternattivi għall-produzzjoni tal-idroġenu (elettriku) disponibbli fis-suq;</p> <p>(d) turi fuq skala kbira l-fattibiltà tal-użu tal-idroġenu biex jappoġġa l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tal-enerġija, inkluż permezz tal-użu tiegħu bħala mezz ta' ħżin tal-enerġija kompetittiv għal elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;</p> <p>(e) tnaqqas l-użu ta' "Materja prima kritika" definita mill-UE, pereżempju permezz ta' riżorsi li ma fihomx platinu jew li fihom livell baxx ta' platinu u permezz tar-riċiklaġġ jew it-tnaqqis jew billi jiġi evitat l-użu ta' elementi terrestri rari.</p>

Governanza

kif definita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014

Il-korpi tal-Impriża Konġunta FCH huma:

1 – Il-Bord tat-Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija huwa l-korp prinċipali tal-Impriża Konġunta FCH għat-teħid ta' deċiżjonijiet.

2 – Id-Direttur Eżekuttiv

Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli mit-tmexxija ta' kuljum tal-Impriża Konġunta u huwa r-rappreżentant legali tagħha. Huwa responsabbli quddiem il-Bord tat-Tmexxija.

3 – Il-Kumitat Xjentifiku

Magħmul minn mhux aktar minn disa' membri li jirreflettu rappreżentazzjoni bilanċjata ta' esperti tal-aqwa livell dinji mill-kamp tal-akkademja, mill-industrija u mill-korpi regolatorji. Il-kompiti tiegħu huma li:

- (a) jagħti parir dwar il-prijoritajiet xjentifiċi li għandhom ikunu indirizzati fil-pjani ta' ħidma annwali;
- (b) jagħti parir dwar il-kisbiet xjentifiċi deskritti fir-rapport annwali tal-attività;

Il-korpi konsultattivi esterni għall-Impriża Konġunta FCH huma:

4 – Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-FCH

Dan jikkonsisti f'rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u pajjiż assoċjat ma' Orizzont 2020.

Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jiġi kkonsultat u, b'mod partikolari, jirrevedi l-informazzjoni u jipprovdi opinjonijiet dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) il-progress tal-programmi fl-Impriża Konġunta FCH 2 u li jintlaħqu l-għanijiet tagħha;
- (b) l-aġġornament tal-orjentazzjoni strateġika;
- (c) ir-rabtiet ma' Orizzont 2020;
- (d) il-pjanijiet ta' ħidma annwali;
- (e) l-involviment tal-SMEs.

Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu wkoll jipprovdi informazzjoni lill-Impriża Konġunta FCH 2 u jaġixxi bħala interfaċċja magħha dwar il-materji li ġejjin:

- (a) l-istatus ta' riċerka rilevanti u programmi ta' innovazzjoni u identifikazzjoni nazzjonali jew reġjonali ta' oqsma potenzjali għall-kooperazzjoni, inkluż l-użu tat-teknoloġiji ta' FCH biex ikunu possibbli sinerġiji u jiġu evitati sovrappożizzjonijiet;
- (b) miżuri speċifiċi meħuda fil-livell nazzjonali jew reġjonali fir-rigward ta' avvenimenti ta' disseminazzjoni, gruppi ta' ħidma tekniċi speċjalizzati u attivitajiet ta' komunikazzjoni.

	<p>5 – Il-Forum tal-Partijiet Interessati</p> <p>Il-Forum tal-Partijiet Interessati huwa mezz importanti ta' komunikazzjoni għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta FCH u huwa miftuħ għall-partijiet interessati pubbliċi u privati kollha u għal gruppi internazzjonali ta' interess fl-Istati Membri, f'pajjiżi assoċjati u f'pajjiżi oħra. Huwa jiltaqa' darba fis-sena. Il-Forum tal-Partijiet Interessati jiġi infurmat bl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta FCH u jiġi mistieden biex jagħti kummenti.</p> <p>L-awdituri interni u esterni u l-awtorità ta' kwittanza tal-Impriża Konġunta FCH huma:</p> <p>6 – Awditu intern</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-Maniġer tal-Awditjar Intern tal-Impriża Konġunta FCH (jiġifieri l-kapaċità tal-awditjar intern – IAC); — Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS). <p>7 – Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>8 – Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<p>Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2014</p> <p><i>Kontijiet finali 2014 tal-Impriża Konġunta FCH</i></p>	<p>Baġit (approprazzjonijiet ta' impenn)</p> <p>EUR 112,0 miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</p> <p>26 post għal persunal skont it-tabella tal-persunal tal-2014 (24 Membru tal-persunal temporanju u 2 Membri tal-persunal kuntrattwali), li minnhom 25 kienu mtlew fi tmiem is-sena 2014; dawn kienu assenjati għall-appoġġ ta' attivitajiet operazzjonali (18-il FTE) u għal kompiti amministrattivi (7 FTE).</p>
<p>Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2014</p>	<p>Ara r-Rapport Annwali tal-Attività tal-Impriża Konġunta FCH għall-2014 fuq http://www.fch.europa.eu/page/documents</p>

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta FCH.

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

L-FCH 2 JU tilqa' l-opinjoni pożittiva tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali u t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-Impriża Konġuntia taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2014 u tiegħu nota tal-kummenti.

RAPPURT

dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta

(2015/C 422/07)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1-4	62
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	5	62
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	6-13	62
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	11	64
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	12	64
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	14-16	64
Implimentazzjoni tal-baġit	14-15	64
Finanzjament pluriennali	16	64
Kwistjonijiet oħra	17-20	64
Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji	17	64
Qafas legali	18	65
Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni	19-20	65
Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti	21-24	65
Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti	21-22	65
Kunflitti ta' interess	23	65
It-Tieni Evalwazzjoni Interim tal-Kummissjoni	24	66

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (l-Impriża Konġunta tal-IMI), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 ⁽¹⁾ għal perjodu ta' 10 snin u bdiet topera b'mod awtonomu fis-16 ta' Novembru 2009. F'Mejju 2014 ⁽²⁾, il-Kunsill ħassar ir-Regolament oriġinali u fada l-Impriża Konġunta, imsemmija l-“Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2” (l-Impriża Konġunta tal-IMI2) ⁽³⁾, b'kompiti ġodda taħt il-Programm qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020 ⁽⁴⁾, u estenda l-ħajja tal-Impriża Konġunta għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024.

2. L-għan tal-Impriża Konġunta tal-IMI taħt is-Seba' Programm Kwadru ⁽⁵⁾ huwa li ttejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza u l-effettività tal-proċess tal-iżvilupp fil-mediċini, bil-għan fuq it-terminu twil li s-settur farmaċewtiku jipproduċi mediċini innovattivi aktar effettivi u aktar sikuri. Taħt Orizzont 2020, l-għan tal-Impriża Konġunta għall-IMI2 huwa li ttejjeb is-saħħa billi tħaffef l-iżvilupp ta', u l-aċċess tal-pazjenti għal, mediċini innovattivi, b'mod partikolari f'oqsma fejn hemm ħtieġa medika jew soċjali mhux issodisfata. Hija tagħmel dan billi trawwem kollaborazzjoni bejn l-atturi ewlenin involuti fir-riċerka fil-kura tas-saħħa, inklużi universitajiet, l-industrija farmaċewtika u industrij oħra, intrapriżi żgħar u medji (SMEs), organizzazzjonijiet tal-pazjenti u regolaturi tal-mediċini ⁽⁶⁾.

3. Il-Membri Fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, u l-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA). Membri u Sħab Assoċjati oħra jistgħu jissiehu fil-programm ukoll.

4. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE għall-Impriża Konġunta tal-IMI, biex tkopri l-ispejjeż operazzjonali u l-attivitatiet ta' riċerka, hija ta' EUR 1 biljun li għandha titħallas mill-baġit tas-Seba' Programm Kwadru. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima mill-UE għall-Impriża Konġunta tal-IMI 2 taħt Orizzont 2020 se tkun sa EUR 1,638 biljun, li minnhom se jingħata ammont sa EUR 1,425 biljun biex tiġi pariġġ mal-kontribuzzjoni ⁽⁷⁾ tas-settur farmaċewtiku u ammont sa EUR 213-il miljun biex tiġi pariġġ mal-kontribuzzjonijiet minn kumpaniji oħra li jiddeċiedu li jissiehu fl-IMI 2 bħala Sħab Assoċjati. Il-Membri għandhom jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-ispejjeż operazzjonali (li ma għandhomx jaqbuż EUR 85,2 miljun għall-Impriża Konġunta tal-IMI2).

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

5. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).

⁽³⁾ Dan ir-rapport jirreferi għall-“Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi” sakemm ma jkunx meħtieġ li ssir distinzjoni bejn iż-żewġ programmi.

⁽⁴⁾ Il-Programm qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020, adottat bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), huwa l-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-2014-2020 u jiġbor flimkien il-finanzjament eżistenti kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE.

⁽⁵⁾ Is-Seba' Programm Kwadru, adottat bid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1), jiġbor flimkien taħt saqaf wieħed l-inizjattivi kollha tal-UE relatati mar-riċerka u jaqdi rwol kruċjali fl-ilħuq tal-għanijiet ta' tkabbir, kompetittività u impjieġ.

⁽⁶⁾ L-Anness jaġti sommarju tal-kompetenzi, l-attivitatiet u r-riżorsi disponibbli tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 13(3) tal-Anness għar Regolament (UE) Nru 557/2014 jstipula li l-“ispejjeż operattivi tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandhom jiġu koperti permezz ta': (a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni (b) kontribuzzjonijiet *in natura* mingħand il-Membri għajr l-Unjoni u s-Sħab Assoċjati [...] li jikkonsistu mill-ispejjeż imġarrba minnhom fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet indiretti [...] li minnhom titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 u kull kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni għal dawn l-ispejjeż”.

- (a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta tal-IMI, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽⁸⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁹⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

7. Skont l-Artikoli 16 u 22 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014⁽¹⁰⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽¹¹⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

8. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tippovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽¹²⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi jkunux legali u regolari.

9. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

10. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

⁽⁸⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti, sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁹⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽¹¹⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽¹²⁾ L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 110/2014.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regularità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

12. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

13. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA**Implimentazzjoni tal-baġit**

14. Il-baġit 2014 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn li jammontaw għal EUR 223 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament li jammontaw għal EUR 171 miljun. Ir-rata kumplessiva ta' implimentazzjoni kienet ta' 92,4 % (99,5 % għall-2013) għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' 73,9 % (97,5 % għall-2013) għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

15. Fil-każ ta' attivitajiet operazzjonali, ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 93 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' 74 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament⁽¹³⁾. Madankollu, l-appropriazzjonijiet ta' impenn kienu impenjati f'livell globali, li jfisser li ma ġie ffirmat ebda ftehim ta' għotja korrispondenti sa tmiem l-2014.

Finanzjament pluriennali

16. Is-sejħiet għal proposti tal-FP7 organizzati fl-2008 – 2013 irriżultaw fi ftehimiet ta' għotja b'total ta' EUR 897 miljun, li jammontaw għal 93 % tal-kontribuzzjoni massima tal-UE għall-Impriża Konġunta għal attivitajiet ta' riċerka.

KWISTJONIJET OĦRA**Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji**

17. Il-prestazzjoni ta' kontrolli operazzjonali *ex ante* fuq il-pagament ta' spejjeż tal-proġetti kien iddokumentat b'mod insuffiċjenti fl-oqsma kritiċi li ġejjin:

- (a) Il-formola ta' kontroll *ex ante* użata mill-Uffiċjali tal-Proġetti Xjentifiċi (SPO) tal-IMI ffukat fuq konformità amministrattiva akar milli fuq konformità operazzjonali billi ma identifikatx b'mod ċar u ma kkummentatx dwar l-istatus tal-proġett (għadu għaddej, għadu għaddej suġġett għal deficienzi, sospiż/ikkanċellat) u dwar ir-riżultati tanġibbli tiegħu (ebda riżerva, riżervi li jeħtieġu kjarifika, riżervi kbar);
- (b) sar pagament mingħajr elenkar uffiċjali ta' riżultati tanġibbli aċċettati mill-SPO u mingħajr ebda referenza għall-valutazzjoni ta' riżultati tanġibbli mill-SPO.

⁽¹³⁾ Fir-rigward tan-nefqa amministrattiva, l-appropriazzjonijiet disponibbli għall-2014 ammontaw għal EUR 8,9 miljun. L-Impriża Konġunta tal-IMI kisbet rata ta' implimentazzjoni ta' 84 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' 70 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

Qafas legali

18. Ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta tal-IMI 2 ġew adottati fis-7 ta' Lulju 2014 abbażi tal-mudell tar-regolament finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata⁽¹⁴⁾ u bit-tehdid inkunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 557/2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta tal-IMI 2.

Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni

19. F'Jannar 2014, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) ffinalizza awditu dwar tal-monitoraġġ tal-proġetti u r-rappurtar tal-prestazzjoni operazzjonali fl-Impriża Konġunta tal-IMI. Sa April 2015, ir-rakkomandazzjonijiet kollha ġew indirizzati permezz ta' azzjonijiet miftiehma⁽¹⁵⁾. L-IAS qed jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, u valutazzjoni hija mistennija matul l-2015 fir-rigward tal-għeluq tar-rakkomandazzjonijiet.

20. Barra minn hekk, ġew ikkompletati żewġ awditi fl-ewwel xhur tal-2015, wieħed dwar il-kontrolli *ex ante* għal infiq operazzjonali u l-ieħor dwar il-valutazzjoni tar-riskju. L-Impriża Konġunta tal-IMI indirizzat ir-rakkomandazzjoni dwar il-kontrolli *ex ante* permezz ta' pjan ta' azzjoni li ġie aċċettat mill-IAS.

SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI

Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti

21. Fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti⁽¹⁶⁾, l-Impriża Konġunta tal-IMI tuża l-għodod tagħha stess, sabiex tintegra r-riżultati ta' riċerka tagħha fis-sistema ta' rappurtar kumplessiva tal-Kummissjoni. Għall-ewwel darba, ir-Rapport ta' monitoraġġ l-aktar reċenti mill-Kummissjoni dwar l-FP7, ippubblikat f'Marzu 2015⁽¹⁷⁾, jinkludi *data* kwantitattiva mill-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI⁽¹⁸⁾. Fir-rigward ta' *data* kwalitattiva, minbarra fl-informazzjoni pprovduta fuq is-sit web tal-IMI, kull sitt xhur l-Impriża Konġunta tipproduċi analiżi bibliometrika tal-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin⁽¹⁹⁾, bl-għan li tqabbel ir-riċerka ppubblikata minn proġetti appoġġati mill-IMI ma' sħubijiet pubbliċi-privati oħra. L-Impriża Konġunta tal-IMI żviluppat ukoll indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin għad-diversi aspetti tal-kisba ta' proġetti u hija tkejjel il-progress fuq din il-bażi.

22. Il-qafas legali ta' Orizzont 2020 jirrikjedi monitoraġġ speċifiku tar-riżultati ta' riċerka, ibbażat fuq evidenza kwantitattiva u, fejn xieraq, kwalitattiva, inkluż progress imqabbel ma' indikaturi tal-prestazzjoni⁽²⁰⁾. Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' Orizzont 2020 u biex ikun hemm kontribut akbar għad-disseminazzjoni tar-riżultati ta' riċerka tal-FP7, jeħtieġ li l-kooperazzjoni bejn l-Impriża Konġunta u l-Kummissjoni tiġi żviluppata kemm jista' jkun⁽²¹⁾ speċjalment fir-rigward tal-integrazzjoni ulterjuri tad-*data* tal-Impriża Konġunta tal-IMI fis-sistemi tal-Kummissjoni.

Kunflitti ta' interess

23. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa mudell komuni għall-Impriżi Konġunti. Sadanittant, il-proċedura tal-IMI tibqa' fis-seħħ.

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 110/2014.

⁽¹⁵⁾ Dawn jinkludu żewġ rakkomandazzjonijiet ikklassifikati bħala "importanti ħafna" li jittrattaw l-"analiżi tat-tfassil u r-rappurtar tal-għanijiet u Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs)" u t-"tisħiħ tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-proġetti u tas-sistemi tal-IT biex jitjeb ir-rappurtar". Xi azzjonijiet relatati ma' din tal-aħħar għadhom għaddejjin.

⁽¹⁶⁾ Il-paragrafu 21 tar-rapport 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 67).

⁽¹⁷⁾ http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/fp7_monitoring_reports/7th_fp7_monitoring_report.pdf#view=fit&pagemode=None

⁽¹⁸⁾ Fir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-KE din l-informazzjoni hija ppreżentata f'valuri aggregati flimkien mal-informazzjoni mill-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti l-oħra.

⁽¹⁹⁾ <http://www.imi.europa.eu/sites/default/files/uploads/documents/BibliometricsReport5.pdf>

⁽²⁰⁾ L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, li jstabbilixxi l-Orizzont 2020 u l-Anness II (indikaturi tal-prestazzjoni) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965) tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

⁽²¹⁾ Ara r-Rapport ta' Progress Annwali mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-Impriżi Konġunti għall-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (COM(2013) 935).

It-Tieni Evalwazzjoni Interim tal-Kummissjoni

24. Ir-rakkomandazzjonijiet tat-Tieni Ewalwazzjoni Interim tal-Kummissjoni ġew ippreżentati lill-Bord tat-Tmexxija fid-29 ta' Ottubru 2013. Ġie propost segwitu għar-rakkomandazzjoni u xi azzjonijiet ewlenin ⁽²²⁾ ġew integrati fil-Pjan ta' Implimentazzjoni Annwali 2014. Id-Direttur Eżekuttiv irrapporta b'mod regolari lill-Bord tat-Tmexxija dwar is-segwitu għall-azzjonijiet. Attwalment qed jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet relatati mal-istabbiliment tal-Impriża Konġunta tal-IMI 2 ⁽²³⁾ u hemm stabbiliti pjanijiet għall-Uffiċċju tal-Programm biex iwettaq segwitu u valutazzjoni konsolidati tal-azzjonijiet imwettqa sa tmiem l-2015.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽²²⁾ Eż. analiżi tal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni, impatti soċjoekonomiċi maqluba fi ħdan KPIs, involviment ulterjuri tal-industrija u b'mod partikolari tal-SMEs, żieda fil-flessibbiltà fit-tnejja ta' sejħiet u użu ta' kontribuzzjoni *in natura* li ma tkunx mill-UE.

⁽²³⁾ Eż. involviment ta' parteċipanti industrijali minn setturi oħra relatati mal-kura tas-saħħa, flessibbiltà u trasparenza akbar f'termini ta' governanza.

ANNEX

L-Impriża Konġunta tal-Mediċini Innovattivi (Brussell)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</p> <p><i>Siltiet mill-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea</i></p>	<p>L-Unjoni tista' toħloq impriżi komuni jew kull struttura oħra neċessarja għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-programmi tar-riċerka ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimonstrazzjoni ta' l-Unjoni.</p> <p>Il-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 187.</p> <p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 183, 184 u 185. L-adozzjoni tal-programmi supplimentari teħtieġ il-ftehim tal-Istati Membri kkonċernati.</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p><i>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).</i></p>	<p>Għanijiet</p> <p>Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 557/2014 l-Impriża Konġunta tal-IMI2 għandu jkollha dawn l-għanijiet:</p> <p>(a) tappoġġa, skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' riċerka prekompetittiva u ta' attivitajiet ta' innovazzjoni ta' importanza strateġika għall-kompetittività tal-Unjoni u t-tmexxija industrijali jew biex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi tas-soċjetà b'mod partikolari kif deskritti fil-partijiet II u III tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/743/UE, u b'mod partikolari l-isfida biex jitjiebu s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini;</p> <p>(b) tgħin ħalli jintlaħqu l-għanijiet tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta tal-Mediċini Innovattivi, b'mod partikolari biex:</p> <p>(i) iżżid ir-rata ta' suċċess fil-provi kliniċi tal-mediċini ta' prijorità li tidentifika l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;</p> <p>(ii) fejn possibbli, tnaqqas iż-żmien biex tinstab prova klinika ta' kunċett fl-iżvilupp tal-mediċina, bħal dik għal mard tal-kanċer, immunoloġiku, respiratorju, newroloġiku u newrodeġenerattiv;</p> <p>(iii) tiżviluppa terapiji ġodda għal mard bi ħtieġa kbira mhux indirizzata, bħall-marda tal-Alzheimer u inċentivi limitati tas-suq, bħar-reżistenza għall-antimikrobiċi;</p> <p>(iv) tiżviluppa bijomarkaturi dijanjostiċi u ta' trattament għal mard relatat biċ-ċar mar-rilevanza klinika u approvat mir-regolaturi;</p> <p>(v) tnaqqas ir-rata ta' falliment tat-tilqimiet kandidati fil-provi kliniċi tal-faży III permezz ta' bijomarkaturi ġodda għall-verifiki (kontrolli) tal-bidu tal-effikaċja u s-sikurezza;</p> <p>(vi) ittejjeb il-proċess attwali tal-iżvilupp fil-mediċini billi tappoġġa l-iżvilupp ta' għodod, standards u approċċi li jivvalutaw l-effikaċja, is-sikurezza u l-kwalità ta' prodotti tas-saħħa regolati.</p>

Governanza	<p>Il-korpi ta' governanza tal-Impriża Konġunta IMI2 huma (i) il-Bord tat-Tmexxija, (ii) id-Direttur Eżekuttiv, (iii) il-Kumitat Xjentifiku, (iv) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, u (v) il-Forum tal-Partijiet Interessati. Gruppi konsultattivi oħra jistgħu jiġu stabbiliti mill-Bord tat-Tmexxija.</p> <p>Il-Bord tat-Tmexxija huwa magħmul minn 10 Membri tal-Bord li jirrappreżentaw b'mod ugwali ż-żewġ Membri tal-Impriża Konġunta: l-Unjoni Ewropea (irrapreżentata mill-Kummissjoni Ewropea) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA). Il-Bord tat-Tmexxija għandu r-responsabbiltà ġenerali tal-orjentazzjoni strateġika u l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu.</p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv huwa l-kap eżekuttiv responsabbli mill-ġestjoni ta' kuljum tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 skont id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija u huwa appoġġat minn Uffiċċju tal-Programm. Id-Direttur Eżekuttiv huwa r-rappreżentant legali tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 u għandu jimplementa l-baġit tal-Impriża Konġunta.</p> <p>Il-Kumitat Xjentifiku, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u l-Forum tal-Partijiet Interessati huma korpi konsultattivi tal-Impriża Konġunta tal-IMI2.</p> <p>Grupp ta' Governanza Strateġika stabbilit mill-Bord tat-Tmexxija jiżgura l-koordinazzjoni ta' xogħol l-Impriża Konġunta tal-IMI2 f'ċerti oqsma strateġiċi u jaħdem biex jagħmel l-iżvilupp ta' suġġetti ġodda aktar trasparenti u effettivi.</p>
Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2014	<p>Baġit</p> <p>EUR 223 294 603 għal impenji</p> <p>EUR 170 801 250 għal pagamenti</p> <p>L-ammonti jinkludu approprjazzjonijiet riportati mill-2013 kif ukoll ir-reviżjoni wara l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta tal-IMI2 mis-27 ta' Ġunju 2014.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</p> <p>Minn 37 post previsti fit-tabella tal-persunal (29 Membru tal-persunal temporanju u 8 Membri tal-persunal kuntrattwali), 34 kienu okkupati. 80 % ta' dawn ir-riżorsi jiġu assenjati direttament biex jappoġġaw attivitajiet operazzjonali.</p>
Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2014	<p>Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tal-Impriża Konġunta tal-IMI fuq www.imi.europa.eu</p>

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta tal-IMI 2.

IR-RISPOSTI TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA**Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet****Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

Paragrafi 11 u 12

L-IMI tilqa' l-konklużjoni pożittiva tal-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tagħha kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali.

L-IMI tkompli timpenja ruħha li tiġġestixxi l-finanzjament tagħha permezz ta' prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda u permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-fiduċja mal-parteċipanti fil-proġett filwaqt li tiżgura kontroll u kontabilità suffiċjenti. Dan l-approċċ bilanċjat se jikkontribwixxi wkoll biex ikun żgurat riżultat ta' suċċess tal-proġetti tal-IMI minħabba li ħafna minnhom bdew diġà jiġġeneraw riżultati impressjonanti jew promettenti, fl-interess tal-pazjenti u tas-soċjetà kollha.

Implementazzjoni tal-baġit

Paragrafu 15

It-tmien Ftehimiet ta' Għotja li jikkorrispondu għat-tieni Sejħa ta' IMI 2 JU ġew iffirmati kollha fl-ewwel kwart tal-2015.

Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji

Paragrafu 17

Se jiġu msaħħa l-kontrolli ex-ante dwar pagamenti tal-ispejjeż tal-proġetti, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet u l-pjan ta' azzjoni maqbula mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS).

Awditjar intern u s-Servizz ta' Awditjar Intern tal-Kummissjoni

Paragrafu 20

Pjan ta' azzjoni ġie żviluppat u kkomunikat lill-IAS fis-06/03/2015. L-IAS qies l-azzjoni proposta bħala adegwata. Il-pjan ta' azzjoni qed jiġi implimentat mill-IMI.

Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti

Paragrafu 22

Is-Sejħiet u d-data tal-proġetti tal-IMI kienu ġew esportati u ilhom disponibbli f'CORDA minn Settembru 2013. Abbażi tal-Ftehim ta' Delega bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-IMI 2 JU, bħalissa qed titħejja aktar integrazzjoni tas-sejħa ta' IMI 2 JU u s-sistema tal-IT tal-ġestjoni tal-proġetti b'data fil-mira għat-tlestija sal-bidu tal-2016.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta**

(2015/C 422/08)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1-5	71
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	6	71
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	7-14	72
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	12	73
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	13	73
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	15-18	73
Implimentazzjoni tal-baġit 2014	15-16	73
Ftehim Qafas Multilaterali (MFA)	17-18	73
Kwistjonijiet oħra	19 -21	73
Qafas legali	19	73
Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni	20-21	73
Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti	22-26	74
Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti	22-24	74
Kunflitti ta' interess	25	74
It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni	26	74

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta SESAR (SJU), li tinsab fi Brussell, twaqqfet fi Frar 2007 ⁽¹⁾ sabiex tmexxi l-komponent teknoloġiku tal-proġett SESAR (il-proġett għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew), u bdiet taħdem b'mod awtonomu fl-10 ta' Awwissu 2007. F'Ġunju 2014 ⁽²⁾, il-Kunsill emenda r-Regolament oriġinali u estenda t-tul ta' ħajja tal-Impriża Konġunta għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024.

2. Il-proġett SESAR għandu l-għan li jimmodernizza l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) fl-Ewropa u huwa maqsum fi tliet fażijiet:

— “Fażi ta' definizzjoni” (2004-2007) mmexxija mill-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurocontrol), b'kofinanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea permezz tal-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej – Trasport. L-eżitu kien il-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, li jiddefinixxi l-kontenut u jiddeskrivi l-iżvilupp u t-twaqqif tal-ġenerazzjoni li jmiss tas-sistemi tal-ATM.

— “Fażi ta' żvilupp” fuq żewġ termini (terminu 1: 2008-2016 iffinanzjat mill-perjodu ta' programmazzjoni 2008-2013; terminu 2: estiż sal-2024 u b'tul ta' żmien massimu mill-2016 sal-2024 għall-programm 2020) mmaniġġjata mill-SJU u li twassal għall-produzzjoni ta' sistemi teknoloġiċi, komponenti u proċeduri operazzjonali għodda kif definiti fil-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM.

— “Fażi ta' twaqqif” (2014-2024) li għandha titmexxa mill-industrija u mill-partijiet interessati, għall-produzzjoni u l-implimentazzjoni fuq skala kbira tal-infrastruttura l-ġdida tal-ATM.

3. Taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020 ⁽³⁾, il-Kunsill inkariga lill-SJU biex tkompli bir-riċerka u l-innovazzjoni relatati mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u b'mod partikolari mal-approċċ koordinat, fil-kuntest tal-Ajru Uniku Ewropew, sabiex jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni definiti. Il-Programm SESAR II taħt Orizzont 2020 se jitnieda fit-tieni nofs tal-2015 u se jissejjaħ SESAR 2020.

4. L-SJU tfasslet bħala sħubija pubblika-privata. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea rrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Eurocontrol, irrappreżentata mill-Aġenzija tagħha. Wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess, 15-il intrapriża pubblika u privata mill-industrija tan-navigazzjoni bl-ajru saru membri tal-Impriża Konġunta. Dawn jinkludu manifatturi ta' inġenji tal-ajru, manifatturi ta' tagħmir tal-art u tal-ajru, fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u awtoritajiet tal-ajruporti.

5. Il-baġit għall-faży ta' żvilupp tal-Programm SESAR I huwa ta' EUR 2 100 miljun, li għandu jiġi pprovdut f'partijiet ugwali mill-UE, mill-Eurocontrol u mis-sħab pubbliċi u privati parteċipanti. Il-kontribuzzjoni tal-UE hija ffinanzjata mis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka, u mill-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej – Trasport, u, għal SESAR 2020, mill-programm Orizzont 2020. Madwar 90 % tal-finanzjament mill-Eurocontrol u mill-partijiet interessati l-oħra huwa fl-għamla ta' kontributi mhux finanzjarji.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1), emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

⁽³⁾ Il-Programm qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020, adottat bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), huwa l-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-2014-2020 u jiġbor flimkien il-finanzjament eżistenti kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

7. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

8. Skont l-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013⁽⁶⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁷⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

9. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdli lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁸⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-standards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

10. L-awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti, sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

11. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

12. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

13. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

14. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit 2014

15. Il-baġits inizjali u finali għall-2014 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 12,4 miljun u EUR 13,1 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 116,4 miljun u EUR 121,9 miljun rispettivament.

16. Ir-rata ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn kienet ta' 99,4% (99,6% fl-2013). Ir-rata ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 79,8% (94,4% fl-2013), li tirrifletti d-differiment, mill-aħħar xhur tal-2014 għall-bidu tal-2015, tal-pagament ta' 3 minn 15-il klejm għall-ispejjeż annwali tal-membri.

Ftehim Qafas Multilaterali (MFA)

17. Fil-31 ta' Diċembru 2014, il-fażi ta' żvilupp tal-SJU kienet tikkonsisti f'fidma ta' proġetti minn 16-il membru (inkluża l-Eurocontrol) fuq attivitajiet tal-programm li kienu jinvolve aktar minn 100 entità u sottokuntrattur privati u pubbliċi. Mit-369 proġett tal-programm SESAR taħt ir-raba' emenda għall-MFA, 348 (94%) kienu qed jiġu implimentati jew kienu ġew ikkometati.

18. Mill-EUR 556 miljun f'kontribuzzjonijiet ta' kofinanzjament li kellhom jitħallsu mill-Unjoni Ewropea u mill-Eurocontrol lill-15-il membru l-ieħor taħt ir-raba' emenda għall-MFA (mill-1 ta' Jannar 2014 "l hawn") 100% kienu ġew impenjati u 66% (EUR 369 miljun) kienu tħallsu sal-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li l-34% li jifdal (EUR 187 miljun) huma mistennija li jitħallsu sal-31 ta' Diċembru 2017.

KWISTJONIJET OĦRA

Qafas legali

19. Ir-regoli Finanzjarji tal-SJU għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ġew adottati fil-25 ta' Ġunju 2015 mill-Bord Amministrattiv⁽⁹⁾.

Uffiċċju tal-awditjar intern u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni

20. Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-SJU wettqet awditi tar-riżorsi umani/reklutaġġ u dwar il-validazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tal-Fluss tal-Ħidma ta' ABAC u wettqet servizzi oħra ta' aċċertament u ta' konsulenza.

⁽⁹⁾ L-adozzjoni mill-Bord Amministrattiv tal-SJU segwiet l-adozzjoni, fl-4 ta' Ġunju 2015, mill-Kummissjoni ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza derogi fir-rigward tar-Regoli Finanzjarji tal-SJU mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

21. L-IAS wettqet awditu tal-ġestjoni tar-riskju li kien segwit minn valutazzjoni tar-riskju. B'riżultat tal-awditu, saru tliet rakkomandazzjonijiet ⁽¹⁰⁾ u dawn ġew aċċettati. Qed jiġi implimentat pjan ta' azzjoni.

SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI

Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti

22. Fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti ⁽¹¹⁾, l-SJU tuża s-sistema u l-għodod proprji tagħha biex tiġbor id-*data* u xxerred ir-riżultati tat-titjib operazzjonali u teknoloġiku żviluppat mill-membri u s-sħab ta' SESAR ⁽¹²⁾. Ir-riżultati huma rrappurtati fuq is-sit web tagħha ⁽¹³⁾, fir-rapporti annwali "SESAR Release" u r-rapporti annwali tal-attività.

23. Fil-5 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni waqqfet il-Maniġer tal-Implimentazzjoni ta' SESAR (SDM) ⁽¹⁴⁾, biex jiġi żgurati t-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet il-ġodda li diġà ġew ittestjati u vvalidati permezz tal-fażijiet ta' riċerka u ta' żvilupp tal-Impriża Konġunta SESAR jiġu implimentati fl-operazzjonijiet ta' kuljum. L-SDM huwa responsabbli mir-rappurtar u l-monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet.

24. L-Impriża Konġunta bħalissa qed tħejji rapport komprensiv dwar il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-proġetti kkompletati, kif ukoll informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-membri kollha ta' SESAR għall-programm. Dan ir-rapport huwa mistenni li jkun disponibbli fit-tieni nofs tal-2015.

Kunflitti ta' interess

25. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa mudell komuni għall-Impriża Konġunti. Sadanittant, il-proċedura tas-SESAR tibqa' fis-seħħ.

It-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni

26. B'riżultat tat-Tieni Evalwazzjoni Interim mill-Kummissjoni ⁽¹⁵⁾, azzjonijiet speċifiċi ⁽¹⁶⁾ li jindirizzaw iż-żewġ rakkomandazzjonijiet ġew diskussi u adottati mill-Bord Amministrattiv f'Ottubru u Diċembru 2014 ⁽¹⁷⁾. Dawn l-azzjonijiet għadhom għaddejjin u qed isir segwitu tal-istatus ta' implimentazzjoni tagħhom.

⁽¹⁰⁾ It-tliet rakkomandazzjonijiet kienu (i) it-tfassil (issir rabta bejn ir-riskji u l-oġettivi), (ii) l-operat effiċjenti u, (iii) is-sorveljanza u r-rappurtar tal-manjiġment.

⁽¹¹⁾ Il-paragrafu 22 tar-Rapport Annwali 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 58).

⁽¹²⁾ Ir-riżultati tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ta' SESAR jissejħu "SESAR Solutions". "Solutions" huma titjib operazzjonali u teknoloġiku żviluppat mill-membri u s-sħab ta' SESAR. Dawn għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea u globali tal-ATM, bil-għan li, ladarba jiġu implimentati b'mod effettiv, jiddimostraw benefiċċji kummerċjali ċari għas-settur tal-ATM.

⁽¹³⁾ <http://www.sesarju.eu/solutions>

⁽¹⁴⁾ Il-Maniġer tal-Implimentazzjoni ta' SESAR huwa l-entità li jissinkronizza u jikkoordina l-modernizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropew taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni Ewropea. L-SDM huwa mwaqqaf taħt il-Ftehim Qafas ta' sħubija mal-KE u b'hekk huwa entità separata mill-Impriża Konġunta SESAR. L-Impriża Konġunta SESAR (SJU) u l-Maniġer tal-Implimentazzjoni ta' SESAR (SDM) huma formalment żewġ pilastri tal-istess proġett SESAR taħt l-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew.

⁽¹⁵⁾ Il-paragrafu 26 tar-Rapport 2013 tal-Qorti (ĠU C 452, 16.12.2014, p. 58).

⁽¹⁶⁾ B'mod partikolari Strateġija ġdida ta' Komunikazzjoni u Pjan ta' Ġestjoni għall-Għeluq tal-Programm (Pjan PCM).

⁽¹⁷⁾ It-tħejja u l-ġestjoni kontinwa tal-pjan PCM ġew maqbula matul it-tliet laqgħat tal-Grupp għall-Għeluq tal-Programm u tliet laqgħat dwar l-Għeluq tal-Programm li saru bejn Ottubru 2014 u Marzu 2015.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX

L-Impriża Konġunta SESAR (Brussell)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</p> <p>(l-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tipprevedi kontribut tal-Komunità għall-istabbiliment ta' sħubiji pubbliċi-privati fit-tul f'forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti li jistgħu jkunu implimentati permezz ta' Impriżi Komuni (Konġunti) skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta SESAR, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1361/2008 (ĠU L 352, 31.12.2008)</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024.</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1361/2008)</p>	<p>Objettivi</p> <p>L-għan tal-Impriża Konġunta huwa li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru billi tikkordina u tikkonċentra l-isforzi rilevanti kollha ta' riċerka u żvilupp fl-Unjoni. Hi għandha tkun responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM u, b'mod partikolari mit-twettiq tal-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — torganizza u tikkordina l-attivitajiet tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR skont il-Pjan Regolatorju tal-ATM, li rriżultaw mill-fażi ta' definizzjoni tal-proġett immexxi mill-Eurocontrol, billi tikkombina u tamministra taħt struttura unika l-finanzjament tas-settur pubbliku u ta' dak privat; — tiżgura l-finanzjament meħtieġ għall-attivitajiet tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR skont il-Pjan Regolatorju tal-ATM; — tiżgura l-involvement tal-partijiet interessati fis-settur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa, b'mod partikolari l-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazji tal-ajru, l-assoċjazzjonijiet professjonali tal-persunal, l-ajruporti u l-industrija tal-manifattura, kif ukoll l-istituzzjonijiet xjentifiċi rilevanti jew il-komunità xjentifika rilevanti; — torganizza l-ħidma teknika ta' riċerka u żvilupp, ta' validazzjoni u studju, li għandha titwettaq taħt l-awtorità tagħha waqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' tali attivitajiet; — tiżgura s-superviżjoni ta' attivitajiet relatati mal-iżvilupp ta' prodotti komuni debitament identifikati fil-Pjan Regolatorju tal-ATM u, jekk ikun meħtieġ, l-organizzazzjoni ta' sejħiet speċifiċi għall-offerti.
<p>Governanza</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1361/2008)</p>	<p>Bord Amministrattiv</p> <p>Il-Bord Amministrattiv għandu r-responsabbiltajiet li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> (a) jadotta l-Pjan Regolatorju tal-ATM approvat mill-Kunsill kif imsemmi fl-Artikolu 1 (2) tar-Regolament u japprova kwalunkwe proposta għall-modifika tiegħu; (b) jagħti linji gwida u jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR, u jeżerċita kontroll ġenerali fuq l-implimentazzjoni tiegħu;

- (c) japprova l-programm ta' ħidma u l-programmi annwali ta' ħidma tal-Impriża Konġunta msemmijin fl-Artikolu 16(1), kif ukoll il-baġit annwali, inkluż il-pjan ta' stabbiliment tal-persunal (tabella tal-persunal);
- (d) jawtorizza n-negozjati u jiddeċiedi dwar l-adeżjoni ta' membri ġodda u dwar il-ftehimiet relatati kif imsemmija fl-Artikolu 1(3);
- (e) jissorvelja l-eżekuzzjoni tal-ftehimiet bejn il-membri u l-Impriża Konġunta;
- (f) jaħtar u jneħħi lid-Direttur Eżekuttiv u japprova l-iskema tal-organizzazzjoni u jissorvelja l-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv;
- (g) jiddeċiedi dwar l-ammonti u l-proċeduri għall-pagament tal-kontributi finanzjarji tal-membri u l-evalwazzjoni tal-kontributi mhux finanzjarji;
- (h) jadotta r-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta;
- (i) japprova l-kontijiet u l-karta tal-bilanċ annwali;
- (j) jadotta r-rapport annwali dwar il-progress tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu msemmi fl-Artikolu 16(2);
- (k) jiddeċiedi dwar proposti lill-Kummissjoni dwar l-estensjoni jew ix-xoljiment tal-Impriża Konġunta;
- (l) jistabbilixxi proċeduri għall-ġhoti ta' drittijiet ta' aċċess għall-assi tanġibbli u intanġibbli li jkunu l-proprjetà tal-Impriża Konġunta u t-trasferiment ta' tali assi;
- (m) jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-ġhoti tal-kuntratti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM, inklużi l-proċeduri speċifiċi f'każ ta' kunflitti ta' interess;
- (n) jiddeċiedi dwar il-proposti lill-Kummissjoni biex temenda l-Istatuti skont l-Artikolu 24;
- (o) jeżerċita tali poteri oħrajn u jwettaq tali funzjonijiet oħrajn, inkluż l-istabbiliment ta' korpi sussidjarji, kif jista' jkun meħtieġ għall-finijiet tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR;
- (p) jadotta l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 8.

Direttur Eżekuttiv

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu b'indipendenza sħiħa fil-limiti tal-poteri assenjati lilu.

Awditu intern

L-Awditur Intern tal-Kummissjoni Ewropea

Awditu estern

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Awtorità ta' kwittanza

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta

Riżorsi disponibbli għall-Im- priża Konġunta fl-2014	<p>Baġit</p> <p>EUR 13 119 600 għal impenji</p> <p>EUR 121 942 760 għal pagamenti</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</p> <p>Il-baġit operattiv għall-2014 jipprevedi tabella tal-persunal ta' 39 aġent temporanju u 3 esperti nazzjonali sekondati (SNEs). Dan jagħti total ta' 42 post, li minnhom 37 kienu okkupati fi tmiem is-sena 2014:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 31 membru tal-persunal temporanju, irreklutati esternament, — membru wieħed tal-persunal sekondat mill-Membri tal-SJU skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 219/2007, — 3 membri tal-persunal kuntrattwali, — 2 SNEs. <p>Assenjati għal</p> <p>Kompiti operazzjonali: 20</p> <p>Kompiti amministrattivi u ta' sostenn: 16</p> <p>Kompiti mħallta: 1</p>
Attivitajiet u servizzi pprov- duti fl-2014	<p>Ara r-rapport annwali tal-attività tal-Impriża Konġunta għall-2014 fuq http://www.sesarju.eu/</p>

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta SESAR.

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-Qorti.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ECSEL għall-perjodu mis-27 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2014 flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta**

(2015/C 422/09)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
Introduzzjoni	1-4	81
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	5	81
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	6-17	81
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	11	82
Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi	12-15	83
Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	16	83
Kummenti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	18	83
Implimentazzjoni tal-baġit	18	83
Kwistjonijiet oħra	19-24	83
Qafas legali	19	83
Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti	20-21	84
Segwitu għal osservazzjonijiet preċedenti	22-24	84

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Konġunta Teknoloġika dwar Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (l-Impriża Konġunta ECSEL), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2014 ⁽¹⁾ taħt il-Programm qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020 ⁽²⁾, għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024. L-Impriża Konġunta ECSEL tissostitwixxi u hija s-suċċessur tal-Impriżi Konġunti ENIAC u ARTEMIS, stabbiliti bir-Regolamenti (KE) Nru 72/2008 u (KE) Nru 74/2008, li nġhalqu uffiċjalment b'effett mis-26 ta' Ġunju 2014. L-Impriża Konġunta ECSEL bdieta topera b'mod awtonomu fis-27 ta' Ġunju 2014.

2. L-objettiv tal-Impriża Konġunta ECSEL huwa li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' industrija ta' komponenti u sistemi elettroniċi b'saħħithom u kompetittivi globalment fl-Unjoni. Hija għandha l-għan ukoll li tiżgura d-disponibbiltà ta' komponenti u sistemi elettroniċi għas-swieq ewlenin u għall-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà, u li tinżamm u tikber il-kapaċità tal-manifattura tas-semikondutturi u tas-sistemi intelliġenti fl-Ewropa. Fl-aħħar nett, hija għandha l-għan li tallinja l-istrateġiji mal-Istati Membri biex jattiraw l-investiment privat u biex jikkontribwixxu għall-effettività tal-appoġġ pubbliku billi tkun evitata d-duplikazzjoni inutli u l-frammentazzjoni tal-isforzi, u billi tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' atturi involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni ⁽³⁾.

3. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni, l-Istati Parteċipanti fl-ECSEL (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit) u membri privati rappreżentati mill-Assoċjazzjonijiet AENEAS, ARTEMISIA u EPoSS li jirrappreżentaw kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra ta' riċerka attivi fil-qasam tas-sistemi inkorporati u ċiberfiżiċi, l-integrazzjoni tas-sistemi intelliġenti u l-mikro u n-nanoelettronika.

4. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE taħt l-Orizzont 2020 għall-Impriża Konġunta ECSEL se tkun sa EUR 1 185 miljun. Mill-inqas ammont simili se jiġi mill-Istati Parteċipanti fl-ECSEL. Il-kontribuzzjoni privata se tkun mill-inqas EUR 2 340 miljun. L-ispejjeż amministrattivi se jiġu koperti kollha kemm huma minn kontribuzzjonijiet finanzjarji filwaqt li l-ispejjeż operazzjonali se jiġu koperti minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-UE u mill-Istati Parteċipanti fl-ECSEL u minn kontributi *in natura* minn membri privati.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

5. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ECSEL, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁵⁾ għall-perjodu mis-27 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2014, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

⁽²⁾ Il-Programm qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020, adottat bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), huwa l-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-2014-2020 u jiġbor flimkien il-finanzjament eżistenti kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE.

⁽³⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi, l-attivitajiet u r-riżorsi disponibbli tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti, sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

7. Skont l-Artikoli 16 u 22 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 ⁽⁶⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁷⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

8. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁸⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi jkunux legali u regolari.

9. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

10. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-perjodu mis-27 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2014 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għall-perjodu li ntemm dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽⁷⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 110/2014.

Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

12. L-ECSEL ħadet ir-responsabbiltà għall-proġetti tal-Impriża Konġunti ARTEMIS u ENIAC. Il-pagamenti li saru taħt dawn il-proġetti mill-Impriża Konġunta ECSEL mis-27 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2014 kontra ċertifikati ta' aċċettazzjoni tal-ispejjeż maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali ta' finanzjament (NFAs) tal-Istati Membri ammontaw għal EUR 12,6 miljun, li jirrappreżenta 48 % tal-pagamenti totali li saru mill-Impriża Konġunta.

13. L-Impriża Konġunti ARTEMIS u ENIAC kienu kkonkludew ftehimiet amministrattivi mal-NFAs tal-Istati Membri, li jkomplu japplikaw wara l-fużjoni tal-Impriża Konġunti ARTEMIS u ENIAC fl-Impriża Konġunta ECSEL. Dawn l-arranġamenti jipprovdu li l-awditi *ex post* ta' dawn il-pagamenti jiġu ddelegati lill-NFAs li jwettqu awditi f'isem l-Impriża Konġunta. L-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Impriża Konġunti ARTEMIS u ENIAC kienet tiddependi ħafna fuq l-NFAs għall-awditjar tal-klejms għall-ispejjeż tal-proġetti ⁽⁹⁾.

14. Għalkemm l-awditu tal-klejms għall-ispejjeż tal-proġetti ġie ddelegat lill-NFAs, il-ftehimiet amministrattivi ffirmati mill-NFAs ma jinkludux arranġamenti prattiċi għal awditi *ex post*.

15. Ir-rapporti tal-awditjar riċevuti mill-NFAs koprew bejn wiehded u ieħor 61 % (is-sitwazzjoni f'April 2015) tal-ispejjeż relatati ma' proġetti kkompletati. Madankollu, l-Impriża Konġunta ECSEL ma vvalutatx il-kwalità ta' dawn l-awditi. Il-Qorti wettqet valutazzjoni tal-istrateġiji tal-awditjar, inklużi r-rapporti tal-awditjar, ta' tliet NFAs li indikaw li l-metodoloġiji użati mill-NFAs ma jippermettux li l-Impriża Konġunta ECSEL tikkalkola rata ta' żball ipponderata jew rata tal-iżball residwu li huma affidabbli dwar il-proġetti li tnedew taħt l-Impriża Konġunta ARTEMIS u l-Impriża Konġunta ENIAC. Għaldaqstant, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż jekk l-awditi *ex post* għall-proġetti tal-ARTEMIS u tal-ENIAC humiex qed jiffunzjonaw b'mod effettiv u jekk dan il-kontroll ewlieni jipprovdi aċċertament suffiċjenti fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

16. Fl-opinjoni tal-Qorti, bl-eċċezzjoni tal-effetti possibbli tal-kwistjoni deskritta fil-bażi għal opinjoni kwalifikata fil-paragrafi 12 sa 15, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

17. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA**Implimentazzjoni tal-baġit**

18. Il-baġit operazzjonali inizjali għall-2014 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn li jammontaw għal EUR 138,2 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament li jammontaw għal EUR 71,3 miljun. Fi tmiem is-sena l-Bord ta' Tmexxija adotta baġit emendatorju li żied l-approprjazzjonijiet ta' impenn għal EUR 158,2 miljun. Ir-rata ta' implimentazzjoni għal approprjazzjonijiet ta' impenn operazzjonali kienet ta' 99,7 %. Madankollu, l-approprjazzjonijiet ta' impenn ġew impenjati f'livell globali, li jfisser li għadu ma ġie ffirmat ebda ftehim ta' għotja korrispondenti.

KWISTJONIJIET OĦRA**Qafas legali**

19. Ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta ECSEL ġew adottati fit-3 ta' Lulju 2014 abbażi tal-mudell tar-regolament finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata ⁽¹⁰⁾ u b'kont meħud tar-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL.

⁽⁹⁾ Skont l-istrateġiji tal-awditjar *ex post* adottati mill-ARTEMIS u l-ENIAC, l-Impriża Konġunta għandha tivvaluta mill-inqas darba fis-sena jekk l-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri ttiprovdi aċċertament suffiċjenti fir-rigward tar-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjonijiet esegwiti.

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 110/2014.

Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati ta' riċerka tal-proġetti

20. L-ECSEL se tkompli tippubblika informazzjoni u dokumentazzjoni dwar il-proġetti mnedija miż-żewġ predeċessuri tagħha. Hija tuża l-għodod ta' monitoraġġ proprji tagħha sabiex tintegra r-riżultati ta' riċerka tagħha fis-sistema kumplessiva ta' rappurtar tal-Kummissjoni. Ir-Rapport ta' monitoraġġ l-aktar reċenti mill-Kummissjoni dwar l-FP7, ippubblikat f'Marzu 2015 ⁽¹¹⁾, jinkludi *data* kwantitattiva dwar l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta ECSEL ⁽¹²⁾. Fir-rigward tar-rappurtar dwar *data* kwalitattiva, l-ECSEL għandha żżid it-tixrid sistematiku tar-riżultati ta' riċerka, minbarra l-informazzjoni pprovduta fir-rapport annwali tal-attività tal-Impriża Konġunta, fuq is-sit web tagħha u f'rapporti speċifiċi oħra ⁽¹³⁾.

21. Il-qafas legali ta' Orizzont 2020 jirrekjedi monitoraġġ speċifiku tar-riżultati ta' riċerka, ibbażat fuq evidenza kwantitattiva u, fejn xieraq, kwalitattiva, inkluż il-progress fir-rigward tal-indikaturi tal-prestazzjoni ⁽¹⁴⁾. Sabiex ir-rekwiżiti ta' Orizzont 2020 jiġu ssodisfati u biex isir kontribut aħjar għat-tixrid tar-riżultati ta' riċerka tal-FP7, il-kooperazzjoni bejn l-Impriża Konġunta u l-Kummissjoni għandha tissaħħa ⁽¹⁵⁾.

Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti ⁽¹⁶⁾

22. L-Artikolu 26 tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta ECSEL jiddikjara li l-ECSEL għandu jkollha funzjoni ta' awditjar intern li għandha titwettaq mill-awditur intern tal-Kummissjoni u jstabbilixxi l-ħatra, is-setgħat u d-dmirijiet tiegħu.

23. Barra minn hekk, kif previst fl-Artikolu 28 tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta ECSEL, il-Bord ta' Tmexxija stabbilixxa kapaċità tal-awditjar intern u approva l-karta tal-awditjar intern rilevanti li tiddefinixxi l-missjoni, l-oġġettivi, l-arranġamenti ta' rappurtar u ta' ħidma tagħha.

24. L-Impriża Konġunta ECSEL adottat politika komprensiva biex tevita l-kunflitti ta' interess.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹¹⁾ http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/fp7_monitoring_reports/7th_fp7_monitoring_report.pdf#view=fit&pagemode=none

⁽¹²⁾ Fir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-KE, din l-informazzjoni hija ppreżentata f'valuri aggregati flimkien mal-informazzjoni mill-inizjattivi Konġunti Teknoloġiċi l-oħra. Fil-każ tal-ECSEL, din prinċipalment tirreferi għall-programmi mnedija mill-Impriżi Konġunti preċedenti ARTEMIS u ENIAC, li nqas flimkien biex tinħoloq l-ECSEL fis-27 ta' Ġunju 2014.

⁽¹³⁾ F'Marzu 2015, l-ARTEMIS ippubblikat rapport dwar l-impatt fuq in-negozju u l-metrika.

⁽¹⁴⁾ L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, li jstabbilixxi Orizzont 2020 u l-Anness II (indikaturi tal-prestazzjoni) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965) tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

⁽¹⁵⁾ Ara r-Rapport ta' Progress Annwali mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-JTI JUs (COM(2013) 935).

⁽¹⁶⁾ Dawn l-osservazzjonijiet saru fir-rapporti tal-Qorti tal-2013 dwar l-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC (ĠU C 452, 16.12.2014, pp. 8 u 26).

ANNEX

L-Impriża Konġunta ECSEL (Brussell)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL.</p> <p>Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 561/2014)</p>	<p>Għanijiet</p> <p>L-Impriża Konġunta ECSEL għandu jkollha l-għanijiet li ġejjin:</p> <p>(a) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 u b'mod partikolari l-parti II tad-Deċiżjoni 2013/743/UE;</p> <p>(b) li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' industrija ta' komponenti u sistemi elettroniċi b'saħħithom u kompetittivi globalment fl-Unjoni;</p> <p>(c) li tiżgura d-disponibbiltà ta' komponenti u sistemi elettroniċi għas-swieq ewlenin u għall-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà, sabiex l-Ewropa tinżamm fuq quddiem nett tal-iżvilupp tat-teknoloġija, jingħalaq id-distakk bejn ir-riċerka u l-isfruttament, jissaħħu l-kapaċitajiet tal-innovazzjoni u jinħoloq tkabbir ekonomiku u fl-impjiegi fl-Unjoni;</p> <p>(d) li tallinja l-istrategġiji mal-Istati Membri biex jattiraw l-investiment privat u biex jikkontribwixxu għall-effettività tal-appoġġ pubbliku billi tkun evitata d-duplikazzjoni inutli u l-frammentazzjoni tal-isforzi, u billi tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' atturi involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni;</p> <p>(e) li tinżamm u tikber il-kapaċità tal-manifattura tas-semikondutturi u tas-sistemi intelliġenti fl-Ewropa, inkluż pożizzjoni fuq quddiem nett fit-tagħmir tal-manifattura u l-ipproċessar tal-materjali;</p> <p>(f) li tiżgura u ssaħħa pożizzjoni ta' kmand fit-tfassil u l-inġinerija tas-sistemi inkluż it-teknoloġiji inkorporati;</p> <p>(g) li tipprovdi aċċess għall-partijiet interessati kollha għal infrastruttura ta' klassi dinjija tat-tfassil u l-manifattura ta' komponenti elettroniċi u sistemi inkorporati/ċiberfiżiċi u intelliġenti;</p> <p>(h) li tiżviluppa ekosistema dinamika li tinvolvi l-Impriżi Żgħar u Medji (SMEs), u b'hekk issaħħa raggruppamenti eżistenti u trawwem il-ħolqien ta' raggruppamenti ġodda f'oqsma promettenti ġodda.</p>
<p>Governanza</p>	<p>Il-korp governattiv tal-Impriża Konġunta huwa l-Bord ta' Tmexxija. L-Uffiċċju tal-Programm jitmexxa minn Direttur Eżekuttiv. L-Industrija hija rappreżentata fil-Bord tal-Membri Privati. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta l-Unjoni, u l-Istati Parteċipanti jiffurmaw il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.</p>
<p>Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2014</p>	<p>Baġit</p> <p>EUR 160 114 500,00 għal impenji</p> <p>EUR 104 144 250,00 għal pagamenti</p>

	Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014 28 post previst fit-tabella tal-persunal (14 il-membru tal-persunal temporanju, 13-il membru tal-persunal kuntrattwali) u espert sekondat wieħed, li minnhom 26 post kienu okkupati; dawn kienu allokat i għal: attivitajiet operazzjonali (13); kompiti amministrattivi (10); kompiti mħallta (3).
Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2014	Ara r-Rapport Annwali tal-Attività għall-2014 tal-Impriża Konġunta ECSEL fuq http://www.ecsel.eu

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta ECSEL.

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

14. L- ECSEL JU (Impriża Konġunta ECSEL) għamlet arranġamenti mal-awtoritajiet ta' finanzjament nazzjonali (NFAs) fil-konfini stabbiliti mir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 ⁽¹⁾ u 74/2008 ⁽²⁾ li jafdaw il-kompitu li jiddefinixxu l-ispejjeż totali tal-NFAs, abbażi tal-ftehimiet ta' għotjiet tagħhom "skont ir-regoli nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji tal-eliġibbiltà u rekwiżiti oħra finanzjarji u legali neċessarji." Dawn ir-Regolamenti ma jistabbilixxux kompetenza għall-Impriża Konġunta biex tiddefinixxi regoli għall-NFAs, u ma jagħtuhiex is-setgħa biex twettaq kontrolli għall-għarrieda u awditi fost l-NFAs. Dawn in-nuqqasijiet ġew rikonoxxuti u ttaffew fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL li jagħti s-setgħa lill-Impriża Konġunta biex tagħti għotjiet tal-UE f'konformità stretta mal-proċeduri tal-Orizzont 2020.

15. L-Impriża Konġunta ECSEL tikkonferma li l-valutazzjonijiet estensivi tagħha tas-sistemi ta' assigurazzjoni nazzjonali kkonkludew li jistgħu jipprovdu protezzjoni raġonevoli tal-interessi finanzjarji tal-membri tal-Impriża Konġunta; madankollu, kif indikat mill-QEA, il-metodoloġiji nazzjonali ma jippermettux il-kalkolu ta' rata ta' żbalji ppeżati u lanqas rata ta' żbalji residwi għall-proġetti mmedija skont l-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC. Madankollu, din id-diffikultà teknika ma tirriżultax f'opinjoni negattiva tal-QEA iżda naturalment iżżommha milli tikkonferma l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet mingħajr ma tifformula riżerva.

20. Is-sit web tal-ECSEL jinsab taħt proċess kontinwu ta' aġġornament, minħabba li jinkludi numru dejjem jiżdied ta' punti ta' disseminazzjoni, kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi. Barra minn hekk, l-ECSEL hija impenjata f'kooperazzjoni permanenti mas-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari maċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni (CSC) għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-għodod rilevanti għar-rapportar u d-disseminazzjoni.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ARTEMIS.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT